Vol 46
Nru 227
Jannar - Marzu 2025

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2025

comalt@ofm.org.mt
Qoxra Quddiem:
*Il-Knisja ta' Najn*

# Werrej



6


15


26



31

## Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



# IL-KARBA TAT-TAMA GĦALL-PAĊI


6 Is-Santwarju ta' Najn

15 L-Apokalissi (6)

26 Il–Profezija tax–Xebba Omm

31 Storja tal-Polpu Magħżul mill-Patrijarki sal-Eżilju

45 Ir-Ragħaj u l-Bieb tan-Nagħaġ




45

Wara aktar minn sena ta' gwerra fl-Art Imqaddsa, li messet l-iStrixxa ta' Gaża, ix-Xatt tal-Punent, il-Libanu u s-Sirja, ninsabu f'mument ta' waqfien mill-ġlied li fih qed jinħelsu l-ostaġġi Israeljani u numru ta' priġunieri Palestinjani. Dawn l-inizjattivi jidhru pass lejn il-paċi tant mixtieqa, imma huma frott ta' manuvri politiċi u interessi li għandhom riperkussjonijiet globali. Ninsabu fi żmien ta' inċertezza kbira, ta' bidliet ta' strateġija politika li qed iħalluna bla nifs biex insegwu kollox, u dan iwassal għal nuqqas ta' tama f'ġejjieni aħjar għall-istess pjaneta li fiha ngħixu.

Fil-kuntest ta' din is-sitwazzjoni mwiegħra l-Knisja Kattolika qed tiċċelebra s-sena tal-Ġublew li għandha bħala tema l-virtù tat-tama Kristjana li ma tqarraqx bina. Il-Papa Franġisku, li fil-ħin li qed jinkiteb dan l-editorjal jinsab rikoverat fil-Policlinico Gemelli f'kundizzjoni prekarja ta' saħħa, ried li din is-sena niddedikawha għat-talb u l-ħidma favur it-tama ta' ġejjieni aħjar fid-dinja, imma dan jista' jsir biss jekk nitkellmu dwar dik it-tama li ma tqarraqx bina li hi frott tal-ħniena ta' Alla u mhux ta' sforzi politiċi li qed isiru dejjem aktar partiġġjani u estremisti.

Il-Ġublew tat-tama fetaħ ukoll fl-Art Imqaddsa, u f'dan il-perjodu l-kapijiet reliġjużi ħarġu biex jistiednu lill-insara kollha biex jerġgħu jiġu pellegrinaġġ fl-




*Il-ftuħ tal-Ġublew f'Betleħem*

Art ta' Ġesù. Biex inkunu ġusti u veri nistgħu ngħidu li l-pellegrinaġġi qatt ma kien hemm periklu speċifiku li jsiru fl-Art Imqaddsa. Is-Santwarji tal-Fidwa jinsabu kollha f'żoni li joffru ċerta sigurtà lill-pellegrini. Anke fil-każ ta' Betleħem, fejn hemm tensjoni marbuta mas-sitwazzjoni attwali, ma hemmx ambjent li nistgħu nsejħulu perikoluż. Il-komunità Kristjana li tgħix madwar is-Santwarji ilha sena u nofs tbati minn kriżi ekonomika gravi, minħabba l-fatt li waqfu l-pellegrini u ma hemmx xogħol għall-ħaddiema li l-għajxien tagħhom jiddependi mid-dħul tal-pellegrini. Il-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa għamlet minn kollox biex tkompli ssostni l-familji Kristjani tal-Art Imqaddsa u tipprovdilhom l-għajxien anke b'sagrifiċċju kbir u bi tnaqqis sostanzjali tar-riżorsi ekonomiċi tagħha biex tkompli tmexxi din il-missjoni li titlob il-kura materjali tas-Santwarji u l-opri soċjali, karitattivi u kulturali li huma tant importanti biex jitkompla djalogu ta' pontijiet f'kultura ta' paċi.

Is-sitwazzjoni soċjali u politika fl-Art Imqaddsa għaddiet minn bidla radikali li forsi qatt ma rajna bħalha qabel, u għadna ma nafux kif se tiżviluppa. Ħaġa waħda hi ċerta: li mhijiex se tkun bħalma konna nafuha. Hemm bidla mill-qiegħ nett li għadna ma nafux jekk hix għal kollox pożittiva. Il-ħolma ta' dik li l-Ftehim ta' Oslo kien sejjaħ "Soluzzjoni ta' żewġ Stati" hemm ħafna li qed isostnu li issa mhijiex aktar realizzabbli u li mietet għal kollox. Dan ifisser li magħha tmut it-tama li xi darba jkun hemm paċi vera u dejjiema fl-Art Imqaddsa, li tirrispetta l-integrità u l-awtonomija tal-popli kollha li jgħixu fiha u li tippermetti libertà ta' moviment u ta' espressjoni li hi garanzija ta' soċjetà demokratika. Wara kollox, l-istess theddida ta' dawn il-valuri fundamentali u drittijiet umani hi preżenti saħansitra fid-dinja ħielsa tal-punent, għax qed naraw il-qawmien ta' sistemi politiċi mibnijin fuq elementi ta' ideoloġija estremista leminija li konna ħsibna li kien għadda żmienhom.




*It-tberik tal-familji Insara*

Dan kollu, iżda, ma għandux jitfi fina l-insara t-tama li paċi dejjiema hi possibbli. Hemm żewġ affarijiet li nistgħu nagħmlu biex dan iseħħ. L-ewwel arma favur il-paċi hi dik tat-talb. Il-preżenza tagħna l-Patrijiet Franġiskani fl-Art Imqaddsa hi, qabel xejn, preżenza oranti. Aħna ngħixu fl-Art Imqaddsa biex inqaddsu l-Postijiet Qaddisa bit-talb tagħna. Anke meta s-Santwarji huma vojta mill-pellegrini, anke meta l-pandemija warrbet kull kuntatt uman, anke meta hemm ambjent ta' tensjoni u gwerra, aħna qatt ma waqafna nitolbu fis-Santwarji. Aħna nkomplu ngħixu fl-Art Imqaddsa biex nitolbu, biex inxerrdu l-messaġġ tal-Evanġelju tal-Mulej Ġesù, biex noffru tama u viżjoni ta' fidi. It-tieni arma tagħna hi dik tas-solidarjetà tagħna mal-komunità Kristjana li tgħix fl-Art Imqaddsa. Bħala insara ma nistgħux nabbandunaw din il-merħla ċkejkna li hi appena 2 fil-mija tal-popolazzjoni, imma li wkoll qed issofri minħabba s-sitwazzjoni mwiegħra li fiha tgħix. Nistgħu nuru s-solidarjetà tagħna billi nitolbu għall-insara tal-Art Imqaddsa, imma wkoll konkretament billi ngħinuhom. Hemm diversi modi kif nistgħu nagħmlu dan.

Nistgħu ngħinu bl-għotjiet tagħna favur l-insara li jaslulhom permezz tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta, l-aktar fl-okkażjoni tal-ġabra annwali favur l-Art Imqaddsa. Imma nistgħu wkoll ngħinuhom u nagħtuhom tama billi ma nibżgħux inżuru l-Art Imqaddsa bħala pellegrini. Kieku aħna l-insara konna aktar kuraġġużi, forsi konna nistgħu intaffu t-tbatija tal-Insara fl-Art Imqaddsa. Imqar fi gruppi żgħar, u ċertament bil-prekawzjonijiet kollha għas-sigurtà tagħna, hu possibbli u fattibbli li jsir il-pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa. Bosta insara diġà qegħdin jagħmlu dan il-ġest kuraġġuż.

Jeħtieġ li aħna l-Insara nagħtu messaġġ ċar li l-gwerra ma għandniex l-aħħar kelma, u li aħna messaġġiera ta' paċi u rikonċiljazzjoni. Armati biss bil-virtù tat-tama li ma tqarraqx bina ejjew ngħixu dan il-Ġublew billi morru nitolbu fuq il-Qabar vojt tal-Mulej Ġesù, fuq il-Kalvarju, fejn hu ħabbeb lill-bnedmin flimkien bis-salib tiegħu, fid-Dar qaddisa ta' Nazaret fejn seħħ il-misteru tal-Inkarnazzjoni, fl-Għar ta' Betleħem, li sema' l-ewwel bikja tal-Prinċep tal-Paċi. Ejjew interrqu fuq il-passi ta' Ġesù, u nagħtu tama u kuraġġ lil ħutna l-Insara li baqgħu dejjem madwar is-Santwarji biex iħarsuhom għalina. Mal-Papa Franġisku ejjew nagħtu din ix-xhieda qawwija favur kultura ta' paċi. Ejjew ngħajtu mal-erbat irjieħ tad-dinja li Alla jsikket l-armi qerrieda tal-gwerra, u li Kristu jimliena bit-tama li ma tqarraqx bina li s-saltna tiegħu ta' ġustizzja u paċi għad ikollha l-aħħar kelma fl-istorja mqallba tad-dinja.


Kwadru li juri l-miraklu

# IS-SANTWARJU TA' NAJN

*Noel Muscat ofm*

Fil-Galilija hemm xi postijiet qaddisa marbutin mal-ġrajjiet evanġeliċi, li jinsabu kemmxejn barra mir-rotta ordinarja tal-pellegrinaġġi, u li għaldaqstant mhumiex hekk magħrufin. Normalment il-pellegrini jżuru s-santwarji ta' Nazaret, Kana tal-Galilija, il-Muntanja Tabor, l-Għadira tal-Galilija, Haifa u Akri. Imma, barra dawn, hemm xi oħrajn li għandhom ukoll importanza fil-ħajja ta' Ġesù.

Meta l-pellegrini jmorru jżuru s-Santwarju tat-Trasfigurazzjoni fuq il-Muntanja Tabor, huma normalment jitilqu minn Nazaret lejn il-belt moderna ta' Afula, fil-wita ta' Yizre'el, li fil-Bibbja hi magħrufa wkoll bl-isem Grieg ta' Esdrelon. Fuq Afula hemm għolja li tissejjaħ bil-Lhudi Givat HaMoreh, u bl-Għarbi Ġebel Dahi. Din hi għolja kollha siġar li tinsab faċċata tat-Tabor, u li llum hi park nazzjonali. Xi kultant tissejjaħ ukoll "il-Ħermon iż-żgħir", tant li fis-Salm 89,13 naqraw: "It-Tramuntana u n-Nofsinhar inti ħlaqthom; b'ismek jifirħu t-Tabor u l-Ħermon". Għalkemm il-Muntanja Ħermon tissemma hawnhekk, imma din tinsab xi 80 kilometru lejn it-tramuntana tat-Tabor, u x'aktarx li s-salmista qed jirreferi għal din il-għolja ta' Givat HaMore, u mhux għall-Ħermon, għax hi tagħmel koppja mat-Tabor billi jinsabu waħda quddiem l-oħra.

Mal-ġenb ta' din l-għolja wieħed jinnota żona industrijali li żviluppat f'dawn l-aħħar snin. Anke t-triq ewlenija llum twessgħet u ma għadhiex isserrep mal-għolja kif kienet tagħmel qabel. Minkejja dan l-iżvilupp li sfortunatament qiegħed iħassar l-aspett rustiku u oriġinali tal-pajsaġġ, wieħed għadu jilmaħ qrib il-fabbriki raħal Musulman, karatterizzat mill-minarett ta' moskea. Anke dan ir-raħal kiber xi ftit. Fit-tarf tar-raħal, għalkemm diffiċli taraha mill-bogħod, hemm binja b'saqaf ħamrani. Din hi l-knisja ċkejkna ta' dan ir-raħal, anke jekk, kif għidna, fih ma joqogħdux Insara imma Musulmani. Is-sinjal tat-traffiku turistiku jurik l-isem Lhudi Nein bil-kliem "Widow's Son". Dan hu r-raħal ta' Najn (jew Najm), li jissemma fl-Evanġelju ta' San Luqa 7,11-17, li fih Ġesù qajjem mill-mewt lil żagħżugħ li kien l-uniku iben ta' mara armla.

## Ir-rakkont evanġeliku ta' Luqa 7,11-17

"Wara dan imbagħad [Ġesù] mar f'belt jisimha Najn, u marru miegħu d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies. Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu, mara armla, ma kellhiex ħliefu; u magħha kien hemm għadd ġmielu ta' nies mill-belt. Kif raha l-Mulej tħassarha. 'Tibkix,' qalilha. Resaq, u mess it-tebut. Dawk li kienu qegħdin jerfgħuh waqfu. U hu qal: 'Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!' U l-mejjet qam bilqiegħda u beda jitkellem. U Ġesù tah lil ommu. In-nies kollha tkexkxu bil-biża', u bdew jagħtu glorja lil Alla u jgħidu: 'Profeta kbir qam fostna,' u, 'Alla żar il-poplu tiegħu.' U dan il-kliem li qalu xtered mal-Lhudija u dawk l-inħawi kollha."

Dan hu wieħed mir-rakkonti li l-aktar iqanqluk fl-Evanġelji, u hu tipiku ta' San Luqa għax ma jinstabx fl-Evanġelji l-oħra. Hu rakkont li juri aspett tipiku tar-rakkonti ta' Luqa li juri lil Ġesù dejjem bħala dak li jħenn u jaħfer, u li jħossu mqanqal quddiem it-tbatija, hekk li l-poeta Dante Alighieri jsejjaħ lill-evanġelista *scriba mansuetudinis Christi*, il-kittieb tal-umiltà mimlija ħlewwa ta' Kristu.

X'aktarx li Luqa jintroduċi dan ir-rakkont biex jipprepara l-qarrejja għal dak li jgħid aktar tard fl-istess kapitlu 7,22 meta wieġeb liż-żewġ dixxipli ta' Ġwanni l-Battista bil-kliem: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu; kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu,

il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar."

Ir-rakkont ifakkarna wkoll fiċ-ċiklu tal-Profeta Elija, fl-1 Ktieb tas-Slaten 17,8-24, fl-istorja ta' Elija li jmur għand waħda mara armla Siro-Feniċja fil-belt ta' Sarefta ta' Sidon (fil-Libanu tal-lum), u jitlobha kisra ħobż u ftit ilma fi żmien ta' ġuħ kbir. Hi ma kellhiex ħlief ftit dqiq f'ġarra u ftit żejt fil-kus li bihom kienet se tipprepara ftira għaliha u għall-iben waħdieni tagħha, mbagħad wara jmutu bil-ġuħ. Elija jitlobha jkollha fiduċja f'Alla ta' Israel, u hi tisma' minnu u ġġiblu l-ilma u l-ftira. Id-dqiq u ż-żejt baqgħu ma tbattlux u baqgħu jgħixu Elija, l-armla u binha. Imma mbagħad dan it-tifel marad u miet. Quddiem din l-omm armla mnikkta u qalbha maqsuma, Elija jidħol fix-xena: "'Agħtini lil ibnek.' U ħadu minn ħoġorha, u tellgħu fl-għorfa fejn kien jgħammar hu, u meddu fuq il-mitraħ tiegħu. U sejjaħ lill-Mulej u qal: 'Mulej, Alla tiegħi, fuq din l-armla wkoll, li qiegħed magħha, ridt iġġib il-ħsara u toqtlilha lil binha?' U mtedd tliet darbiet fuq it-tifel, u sejjaħ lill-Mulej u qal: 'Mulej, Alla tiegħi, ħalli ruħ it-tifel terġa' lura fih!' U l-Mulej sama' leħen Elija, u ruħ it-tifel reġgħet lura fih, u ħa l-ħajja. U Elija qabad it-tifel u niżżlu d-dar mill-għorfa, u tah lil ommu; u Elija qalilha: 'Ara, ibnek ħaj'" (1Slat 17,18-23). Luqa jsejjaħ lil Ġesù bit-titlu ta' Mulej, u hekk juri r-rabta li hemm bejn dan il-miraklu u l-qawwa divina li biha Ġesù hu sid il-ħajja. L-atteġġjament ta' Ġesù hu dak ta' ħniena li titwieled mill-qiegħ nett tas-sentimenti umani. Quddiem l-omm armla li qalbha kienet maqsuma għat-telfa tal-uniku iben tagħha, Ġesù jieqaf u bi ħlewwa kbira jistedinha ma tibkix. L-evanġelista jgħid li Ġesù mess it-tebut, li x'aktarx ma kienx tebut magħluq kif nafuh aħna, imma biss mitraħ iebes li fuqu fl-orjent iġorru lill-mejtin għad-difna. Imma l-fatt li Ġesù jmiss il-katavru juri li Hu ma jibżax mill-projbizzjoni tal-Liġi li kienet tiddikjara ritwalment impur lil min imiss xi mejjet.

Il-kliem ta' Ġesù: "Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!" jindika verb (bil-Grieg *egeirein*) li fis-sens oriġinali jfisser tqajjem minn raqda profonda, jew li tqum minn mimdud għal wieqaf. Fil-Bibbja jintuża ta' spiss biex jirreferi għall-qawmien tal-mejtin fl-aħħar jum, imma wkoll biex japplikah għall-mirakli tal-qawmien li jwettaq Ġesù. Il-verb jintuża wkoll ħafna drabi fil-predikazzjoni apostolika tal-misteru paskwali (Atti 3,15; 4,10; 5,30; 10,40; 13,37; 1Tess 1,10; 1Kor 15,4.12-15).

Il-fatt li n-nies jaraw f'Ġesù profeta kbir li qam fosthom hu tifkira taż-żewġ profeti li, fit-Testment il-Qadim, huma indikati bħala li wettqu mirakli tal-qawmien mill-mewt, jiġifieri Elija (1Slat 17,8-24) u Eliżew (2Slat 4,18-37; 13,20-21). Luqa jgħid li l-fama ta' Ġesù tferrxet mal-Lhudija ma' dawk l-inħawi kollha. Għalkemm Najn tinsab fil-Galilija, u mhux fil-Lhudija, dak li Luqa jrid jgħid hu li l-fama ta' Ġesù tferrxet mar-reġjun kollu li fih kienu jgħixu l-Lhud, mela inkluża l-Galilija.

Din il-ħarsa ħafifa lejn ir-rakkont evanġeliku u l-ambjentazzjoni tiegħu fil-kuntest tal-Iskrittura twassalna issa biex nitkellmu dwar ir-raħal ta' Najn u dwar is-santwarju li jfakkar din il-ġrajja. Aħna ffortunati li l-isem antik baqa' jeżisti sa żmienna, u għaldaqstant it-toponomastika biblika turina li dan hu proprju l-post li fih seħħ dan il-miraklu uniku li wettaq Ġesù, u li ħalla impressjoni hekk qawwija fin-nies sempliċi li rawh, li dawn bdew jitkexkxu bil-biża'. Minkejja dan kollu d-deskrizzjoni hi naturali u sempliċi għall-aħħar, u turi lil Ġesù li, bi ħlewwa u delikatezza kbira, jqajjem żagħżugħ mill-mewt daqs li kieku kien qed iqajmu minn raqda profonda. Fl-istess ħin naraw ukoll kif Ġesù kien idur il-Galilija u jmur saħansitra fl-irħula ċkejknin imxerrdin mal-kampanja, kif jixhed l-istess San Luqa 4,43-44 meta Ġesù jħalli Kafarnahum: "Iżda hu

qalilhom: 'Jeħtieġli nxandar l-Evanġelju tas-Saltna ta' Alla lill-ibliet l-oħra wkoll, għax għalhekk kont mibgħut.' U kien jippriekda fis-sinagogi tal-Lhudija."


*Dehra panoramika ta' Najn*

## Il-fonti antiki dwar ir-raħal ta' Najn

L-istudjuż u arkeologu Franġiskan P. Bellarmino Bagatti OFM (miet fis-7 ta' Ottubru 1990) jitkellem dwar ir-raħal ta' Najn (Naim) fl-istudju tiegħu *Antichi Villaggi Cristiani di Galilea*, Studium Biblicum Franciscanum, Jerusalem 1971 [Collectio Minor, 13], 261-272. Hu jsemmi bosta fonti antiki dwar ir-rakkont evanġeliku, li hawnhekk niġbruhom fil-qosor.

Is-Sinassarju Alessandrin jgħid li l-miraklu kien qanqal lil wieħed żagħżugħ jismu Onesimu biex imur wara Ġesù u jkun wieħed mit-72 dixxiplu li jsemmi Luqa 10,1. Luqa jsemmi l-bieb tal-belt, u dan forsi jindika li r-raħal kien imdawwar b'ħitan. Imma l-ebda wieħed mill-pellegrini tal-qedem ma jgħid li Najn kienet raħal fortifikat. X'aktarx ir-riferiment għall-bieb tal-belt jindika l-post li fih it-triq tal-kampanja kienet tidħol fl-abitat.

Fl-*Onomasticon urbium et locorum Sacrae Scripturae* (qabel is-sena 324), l-istoriku tal-Knisja Ewsebju ta' Ċesarija, jikteb: "Naim hu raħal li fih il-Mulej qajjem mill-mewt lill-iben l-armla, u sallum jinsab żewġ mili bogħod mill-muntanja Tabor fejn jidher fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar qrib Endor" (Donato Baldi, *Enchiridion Locorum Sanctorum*, Franciscan Printing Press, Jerusalem 1935, numru marġinali 530). Ir-raħal jissemma wkoll minn San Ġlormu lejn il-bidu tas-seklu 5.

L-ewwel wieħed li jikteb dwar Najn għax kien żar ir-raħal hu Pietru Diaconus fis-sena 1137, fl-era Kruċjata: "Fir-raħal ta' Naim, fid-dar tal-armla li binha ġie mqajjem mill-mewt, illum hemm knisja. Il-qabar li fih riedu jidfnuh għadu jidher sal-lum" (Baldi, 531). Minn dak li jgħid dan il-kittieb jidher li n-nies tar-raħal kienu jqimu d-dar tal-armla u kienu bidluha fi knisja biex fiha jfakkru l-miraklu. Hemm diversi tradizzjonijiet apokrifi li jgħidu saħansitra li l-armla kienet saret Kristjana flimkien mal-familja tagħha. Dan id-dettall jinsab fil-kitba apokrifka *Il-Mirakli ta' Ġesù*, dokument etjopiku. Il-pellegrini tal-medjuevu kienu jaraw fiż-żagħżugħ li Ġesù qajmu mill-mewt lill-appostlu San Bartilmew, li t-tradizzjoni torbtu ma' Natanjel minn Kana tal-Galilija (Ġw 1,45-51; 21,2). Il-knisja ta' Najn tissemma minn Ewtikju, Patrijarka ta' Lixandra (933-940).

Fl-era Kruċjata r-raħal ta' Najn jissemma wkoll mill-pellegrini Johannes minn Würzburg (1165) u minn Burchard tal-Monte Sion (1283), li jgħid li r-raħal jinsab fuq il-ġenb tal-*Hermon minor*, jiġifieri Ħermon iż-żgħir (Baldi, 533 u 535). Fl-1101, Tancredi, Prinċep tal-Galilija, kien irregala r-raħal ta' Najn lill-abbazija Benedittina

tal-Muntanja Tabor. Fl-1153 ir-raħal kien sar proprjetà tal-Kavallieri Ospedalieri ta' San Ġwann, imma fl-1263, meta s-Sultan Baybars ħakem it-Tabor, anke Najn spiċċat f'idejn is-Saraċini.

Fl-1335 P. Giacomo da Verona, fil-*Liber peregrinationis*, jikteb: "Taħt il-muntanja Ħermon iż-żgħir, xi erba' mili bogħod mill-muntanja Tabor, hemm ir-raħal ta' *Naym*, li fih Kristu qajjem mill-mewt lill-iben tal-armla... hemm tinsab knisja mġarrfa fejn kien seħħ dan il-miraklu, għax issa f'dan ir-raħal jgħixu Saraċini mill-agħar li jagħmlu ħafna ħsara u nkwiet lill-insara" (Baldi, 537). Dan ifisser li, fis-seklu 14, ir-raħal ta' Najn kien abitat minn Musulmani, kif għadu sal-lum.

Il-Franġiskan P. Niccolò da Poggibonsi, fil-*Libro d'Oltremare* (1345) jitkeb: "Wara li tlaqna mill-belt ta' Sebaste [fis-Samarija], hemm ħafna tlajja mbagħad wieħed jinżel fil-wita [Yizre'el]. Wara 10 mili ssib raħal miżeru, li fih jgħixu Saraċini mill-agħar f'dak il-pajjiż, li donnhom riedu jikluna ħajjin u talbuna nħallsu 10 drakmi kull ras. F'nofs in-nhar tlaqna u wasalna fir-raħal ta' *Naim*. Fid-daħla ta' Naim hemm knisja sabiħa, u hemm il-Mulej tagħna Ġesù Kristu qajjem lill-iben tal-armla li kienu qed jiħduh għad-difna" (Baldi, 538).

P. Francesco Suriano, *Trattato di Terrasanta* (1485) jikteb: "Il-belt ta' *Naym* fejn Kristu qajjem mill-mewt lill-uniku iben tal-armla. Din il-belt hi mibnija fuq il-ġenb ta' muntanja, bħall-belt ta' Assisi, u hi xi ħames mili bogħod mill-muntanja Tabor. Fiha ħafna nies u dik ix-xaqliba tal-għolja hi mimlija siġar taż-żebbuġ. Fil-post li fih Kristu wettaq il-miraklu nbniet knisja biex tfakkar il-ġrajja" (Baldi, 539).

Fl-aħħarnett P. Bonifacio di Ragusa [Dubrovnik], *Liber de perenni cultu*


*Il-Knisja ta' Najn*

*Terrae Sanctae* (1552-1564) jikteb: "Il-belt ta' Naim tinsab f'riġlejn il-muntanja Ħermon, u llum fiha biss xi tmien jew għaxar djar ċkejknin. Hi l-post li fih Kristu qajjem mill-mewt lill-iben tal-armla. Hemmhekk kienet inbniet knisja, imma llum tidher imġarrfa minħabba l-qedem tagħha" (Baldi, 540).

## Is-Santwarju ta' Najn

Il-knisja antika, li kienet imġarrfa, ġiet għal xi żmien mibdula f'moskea u kellha wkoll *miħrab* (niċċa li tħares lejn il-Kaaba fil-Mekka). Interessanti li l-arkeoloġi tas-*Survey of Western Palestine* (1872-1877) jiktbu li r-raħħala kienu jsejħu l-moskea bl-isem *Mukân Sidna* (Waqfet il-Mulej), mela kienu jfakkru l-ġrajja tal-Evanġelju.

Fl-1878 il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa akkwistaw dawn il-fdalijiet. Minn deskrizzjoni li jagħtu naqraw li: "Mill-kappella antika ma fadal xejn għajr erba' biċċiet mill-ħajt għoljin xi metru, u parti oħra fuq ix-xaqliba tal-lvant, imżejna b'kolonna ta' irħam abjad. Il-Patrijiet Franġiskani ħadu ħsieb biex jibnu kappella sabiħa fejn kien hemm dik antika." Il-Franġiskani li interessaw ruħhom biex jibnu dan is-Santwarju kienu P. Filippo da Montaltoveglio, Gwardjan ta' Nazaret, Fra Giuseppe Baldi, prokuratur tal-Art Imqaddsa fil-Galilija, u Pacifico Saleh, li kien dragoman tal-Kustodja u ħa ħsieb jagħmel trattattivi mar-raħħala billi kien Għarbi, ħalli l-patrijiet ikunu jistgħu jakkwistaw il-fdalijiet Kristjani ta' Najn. Il-kap tar-raħal, għalkemm Musulman, ikkopera mal-Franġiskani u ħallihom jaqtgħu l-ġebel minn barriera fil-qrib u jagħmlu użu mill-ilma tan-nixxiegħa tar-raħal.

Il-kappella kellha tinbena malajr kemm jista' jkun, u mhijiex ċertament opra ta' arkitettura, minħabba l-fatt li l-patrijiet sabu kemm l-ostaklu biex jibnuha. Hi tbierket fil-31 ta' Marzu 1881 meta saret il-pellegrinazzjoni ta' darba fis-sena li l-Kristjani tal-Galilija jagħmlu fir-raħal ta' Najn biex ifakkru l-miraklu ta' Ġesù.

Is-Santwarju sal-lum għandu l-forma ta' kappella sempliċi ta' forma rettangolari, u li fiha abside fuq il-lvant. Hi twila 16-il metru u wiesgħa 10.7 metri. Inbniet b'ġebel minġur u għandha saqaf troll minn ġewwa u minn barra miksija bit-tegole ħomor li jagħtu l-karatteristika tal-kappella bħala l-unika binja ta' dan it-tip fir-raħal. Il-pjanti tal-knisja saru s-sena ta' qabel bl-inizjattiva ta' Fra Giuseppe Baldi, u llum jinsabu mħarsin fl-arkivju kustodjali. Quddiem l-abside hemm altar li fuqu għandu ċiborju.

Fil-knisja ma hemm l-ebda tiżjin ħlief żewġ kwadri li jirrappreżentaw it-tnejn li huma l-ġrajja tal-miraklu. Kwadru hu mdendel bħala titular fuq l-altar fl-abside, u kwadru ieħor kien jinsab imdendel fuq il-bieb tal-kappella, imma llum iddendel mal-ħajt tal-ġenb. Il-kwadru titulari, li sar lejn tmiem is-seklu 19, u li hu kbir 3.5 metri b'2 metri, jirrappreżenta lil Ġesù bil-wieqaf fin-nofs b'idu x-xellugija merfugħa lejn is-sema u b'idu l-leminija li tmiss il-katalett li fuqu hemm iż-żagħżugħ li jqajmu mill-mewt, jipprova jgħatti wiċċu mill-qawwa tad-dawl tax-xemx li għoddha kienet tagħmih wara li kien fid-dlam tal-mewt, bin-nies mistagħġbin iħarsu lejn ix-xena, fosthom l-appostli u l-armla.

Il-kwadru li kien hemm fuq il-bieb ukoll tpitter lejn tmiem is-seklu 19. Hu 2 metri b'1.25 metri, u juri x-xena b'mod ċar u dettaljat. Fuq l-isfond il-pittur pinġa l-bieb tar-raħal ta' Najn li warajh hemm xi djar u siġar tal-palm. Juri lil Ġesù li b'idu x-xellugija jqajjem liż-żagħżugħ mill-mewt, filwaqt li raġel ineħħi l-liżar abjad li fih kien imkeffen fuq il-katalett. L-omm tidher għarkobbtejha maġenb binha, miblugħa bil-għaġeb u b'id x-xellugija tesprimi l-ferħ tagħha għal dik id-dehra tal-miraklu. Iż-żagħżugħ jidher mimli ħajja

u lest biex jaqbeż fuq riġlejh minn fuq il-katalett. Madwar hemm l-appostli u n-nies miblugħin b'dak li kienu qegħdin jaraw b'għajnejhom.

## Iċ-ċimiteru, in-nixxiegħa u l-moskea

Jissemma ċimiteru antik li l-fdalijiet tiegħu jinsabu lejn it-tramuntana tal-knisja attwali. Iċ-ċimiteru tar-raħal tal-lum jinsab fuq ix-xaqliba tal-lvant, barra mill-abitat. Xi awturi jitkellmu minn oqbra li huma mħaffrin f'riġlejn l-għolja ta' Givat HaMore, fuq ix-xaqlib tal-punent tar-raħal. Dawn huma oqbra mħaffrin fil-blat, imma llum huma għal kollox abbandunati. Instabu xi sarkofagi, u wieħed minnhom jinsab maġenb il-knisja. Jista' jkun li ċ-ċimiteru tar-raħal ta' żmien Ġesù kien jinsab lejn dawn l-inħawi, għax il-Lhud kienu jidfnu barra mill-abitat. Għaldaqstant il-knisja nbniet fil-post li fih il-funeral kien ħiereġ mir-raħal biex imur lejn il-post tad-dfin. Fl-antik kien għad hemm diversi sarkofaġi mxerrdin mar-raħal, li r-raħħala kienu jużawhom biex fihom jixħtu l-ilma biex jixorbu minnhom il-bhejjem.

In-nixxiegħa antika tar-raħal ukoll ma għadhiex teżisti. Fl-antik kienu jmorru fiha n-nisa tar-raħal biex jimlew l-ilma, bil-ġarar fuq rashom. Il-fdalijiet tan-nixxiegħa jinsabu taħt l-għolja, fid-direzzjoni tal-majjistral tal-knisja. Għadu jnixxi ftit ilma fil-qiegħ.

Il-moskea l-antika li kienet imġarrfa, imma li llum hi mibnija mill-ġdid u bil-minarett tagħha tiddomina fuq ir-raħal u hi magħrufa bħala Omar Mosque. Tinsab xi 30 metru bogħod mill-knisja. Din il-moskea kienet teżisti fis-sekli 14-15 kif jiktbu l-pellegrini ta' dak iż-żmien. Bagatti jgħid li l-binja oriġinali ma kinitx dik ta' knisja li mbagħad inbidlet f'moskea, kif wieħed donnu jifhem mir-rakkonti tal-pellegrini tal-qedem, imma pjuttost moskea li inbniet ġdida, u li mbagħad, fi żminijiet aktar reċenti, kienet abbandunata u mġarrfa, sakemm reġgħet nbniet kif narawha llum.

## It-tifkira tal-miraklu ta' Najn

Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa tieħu ħsieb biex it-tifkiriet evanġeliċi fid-diversi Santwarji jibqgħu jiġu mfakkra u ċċelebrati mill-Insara lokali tal-Galilija, l-aktar mill-parroċċa ta' Nazaret, permezz ta' *peregrinationes*, jew pellegrinaġġi annwali. Illum is-Santwarju ta' Najm mhux miftuħ kuljum, minħabba l-fatt li r-raħal hu kollu kemm hu Musulman u pellegrini ftit li xejn jaslu hemmhekk, anke jekk it-triq illum hi komda u tista' tidħol anke l- kowċ turistika. Iċ-ċwievet tal-kappella antikament kienu f'idejn familja Musulmana lokali, li kienet tiftaħ u tagħlaq il-knisja għall-pellegrini fuq offerta nominali. Illum il-ġurnata, wara li l-Kustodja għamlet restawri intensivi fil-knisja u fil-proprjetà tagħha madwar is-Santwarju fis-sena 2013, il-post ġie reċintat u ċ-ċwievet jinżammu mill-fraternità Franġiskana tal-Muntanja Tabor, li tislifhom lill-gruppi li jkunu jixtiequ jżuru dan is-Santwarju. Għal xi żmien kien hemm ukoll patri addett biex joqgħod Najn matul il-ġurnata, imma li hu membru tal-fraternità tat-Tabor. Hemm ukoll proġett li hemmhekk tibda tgħix komunità reliġjuża b'mod permanenti biex tieħu ħsieb is-Santwarju u hemm binja żgħira li tista' sservi bħala residenza u kunvent, u tipprovdi servizz lill-pellegrini, imma sa issa dan ma kienx possibbli għal bosta raġunijiet, fosthom il-fatt li r-raħal hu kollu Musulman u maqtugħ kemmxejn miċ-ċentri abitati.

Ir-raħal ta' Najn għamel żmien li kien kollu Kristjan, imma dan kien fl-era Kruċjata. Sas-seklu 19 kien għad hemm fir-raħal nukleu żgħir ta' Kristjani Ortodossi, imma ma kellhomx knisja. Għal bosta snin il-Kustodja tal-Art




Imqaddsa kienet tagħmel żewġ *peregrinationes* lejn is-Santwarju ta' Najn, waħda nhar il-Ħamis wara r-4 Ħadd tar-Randan, u fil-15-il Ħadd wara Pentekoste. F'dawn il-ġranet, fil-liturġija pre-konċiljari, kien jinqara r-rakkont tal-miraklu ta' Najn. Fil-liturġija post-konċiljari dan ir-rakkont qed naqrawh fl-10 Ħadd matul is-sena (ċiklu Ċ) u t-Tlieta tal-24 Ġimgħa matul is-sena.

Sal-1904 kien hemm xi 10 abitanti Kristjani fir-raħal. Illum ir-raħal hu kollu kemm hu Musulman u qiegħed jiżviluppa mhux ħażin, l-aktar minħabba ż-żona industrijali li hemm qrib tiegħu. Għandu popolazzjoni li waslet għal madwar elfejn abitant.

Najn jinsab ukoll qrib żewġ siti oħrajn bibliċi. Is-sit ta' Sunem, illum ir-raħal Għarbi ta' Sulam, jimmarka l-post li fih kienet tgħix Abisag is-Sunammita, it-tfajla li kienet taqdi lil David meta kien anzjan u marid (1Slaten 1,1-4). Dan kien ukoll il-post li fih il-profeta Eliżew kien qajjem tifel mill-mewt (2Slaten 4,8-37), fatt li għandu rabta kbira mal-miraklu li wettaq Ġesù f'Najn. Ir-raħal ta' Endor, li antikament kien raħal Għarbi jismu Ain Dur, u nqered waqt il-gwerra tal-Indipendenza Israeljana fl-1948, illum hu kollu kemm hu Lhudi, u jimmarka l-post li fih seħħet il-ġrajja ta' meta r-re Sawl mar għand is-saħħara biex din tqajjimlu mill-mewt lill-profeta Samwel (1Samwel 28,3-25), proprju fil-lejl qabel ma Sawl u ibnu Ġonatan sfaw maqtula fuq il-Għoljiet ta' Gilboa.

Mill-għoli tal-muntanja Tabor wieħed jilmaħ dehra panoramika tal-wita ta' Esdrelon bl-għolja ta' Givat HaMore u taħtha r-raħal ta' Najn. Hi dehra li tfakkarna kif il-Mulej Ġesù ried jinżel mill-għoli tal-glorja tiegħu fit-Trasfigurazzjoni fuq it-Tabor biex ikun mal-bnedmin fil-mumenti tat-tbatija u quddiem in-niket tal-mewt. L-umanità u l-ħlewwa mimlija mħabba ta' Ġesù li reġa' sejjaħ għall-ħajja t-tfajjel żagħżugħ ta' Najn u mela bil-faraġ lil ommu armla mnikkta u qalbha maqsuma hu r-ritratt tal-umanità li terġa' ssib il-ħajja vera bil-kuntatt fiżiku ta' Ġesù li jmil fuq il-mewt kiefra biex jibdilha fit-tama ta' ħajja li qatt ma tintemm.

## Riferenzi


Bellarmino Bagatti OFM, *Antichi villaggi cristiani di Galilea*, Franciscan Printing Press, Jerusalem 1971, 261-272.

Donato Baldi OFM, *Enchiridion Locorum Sanctorum*, Franciscan Printing Press, Jerusalem 1935, nn. 530-541, 428-431.

Heinrich Fürst – Gregor Geiger OFM, *Terra Santa. La Guida della Custodia di Terra Santa*, Traduzione dal Tedesco di Diario Rivarossa, Edizioni Terra Santa, Milano 2017, 214.

Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Vol. II: L-Z (excluding Tyre), Cambridge University Press 1998. Digitally printed version 2009, No. 168, 115-116.



# L-APOKALISSI (6)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (Apokalissi 4:8)*

## Is-Simboliżmu Bibliku tal-Apokalissi

### Il-Bniedem

Fl-Apokalissi hemm is-simboliżmu antropoloġiku jew antropomorfiku, jigifieri dwar il-bniedem. Naraw li l-bniedem hu ruħ (‘psuche’ li nsibuha 7 darbiet); hu persuna korporja (‘soma’ f’18:13) u li għandu d-demm (‘haima’) li jagħti l-ħajja tiegħu. Naraw ukoll is-simboliżmu marbut mal-ilbies (il-libsa ‘teila’ f’1:13): “Imbierek minn jishar, u jħares ilbiesu, biex ma jimxix għarwien u juri l-għera tiegħu” (16:5); u l-pożizzjoni li jieħu dak ikun bħal bil-wieqfa (‘istemi’) jew bilqiegħda, fuq kollox il-partijiet tal-ġisem tal-bniedem bħal: ras, wiċċ, id, xagħar, vuċi, u snien. Insemmu ukoll hawnhekk l-ilbies tal-bniedem, il-mantar (‘himation’), il-mantar imċappas bid-demm f’19:16 u l-libsa bajda f’6:11 (‘stole’, 5 darbiet, anke f’Mikeja 16:5 insibu ‘stole leuke’). Naraw l-ilbies tal-ixkejjer f’11:3: “Imma liż-żewġ xhieda tiegħi nagħtihom li, bl-ilbies tax-xkejjer fuqhom, iħabbru għal elf, mitejn u sittin jum.”

Hemm il-mara (‘gune’) f’12:1-17, il-mara żienja (17:3-21) u l-għarusa tal-ħaruf (21:9). Imsemmija hawnhekk il-Mara b’rabta mal-Madonna u mal-Knisja (ara 18,23 u 22:17). Hemm il-belt (‘polis’) li hija msemmija 27 darba b’rabta ma’ Ġerusalemm (21:14). It-tempju ‘naos’ (il-qalba tat-tempju) jissemma 16-il darba, qatt ma nsibu ‘hieron’ tas-sinottiċi, altar 8 darbiet, ċensier darbtejn u inċens 4 darbiet. Rigward dan Charpentier fl-1982 jikteb: “the Book of Revelation, the Apocalypse, is a book of fire and blood in the image of our world.”

### In-Numri

Hemm ukoll is-simboliżmu aritmetiku (‘arithmos’ mill-verb ‘arithmeo’ li tgħodd) dwar in-numri. Diġà qabel is-sena 450 A.D., Eucherius ta’ Lyon fil-‘Formulae’ jikteb dwar it-tifsira spiritwali dwar in-numri fil-bibbja. Fil-bibbja u fuq kollox fl-Apokalissi niltaqgħu ma’ ħafna simboli b’rabta man-numri. Insibu ukoll fil-ktieb l-istil tal-kriptogrammi fejn flok l-isem insibu numri. Il-kelma ‘numru’ bil-grieg ‘arithmos’ insibuha f’5:11; 7:4; 7:9; 9:16; 13:17; 13:18; 15:2; u 20:7-8: “U meta jintemmu l-elf sena, ix-Xitan jinħall mill-ħabs tiegħu, u joħroġ iqarraq bil-ġnus li jinsabu fl-erba’ rkejjen tal-art, jiġifieri Gog u Magog, u jiġborhom għall-gwerra f’kotra kbira daqs ir-ramel tal-baħar.” Per eżempju n-numru li tant qajjem kurżità fl-Apokalissi huwa n-numru 666 f’13:8: (‘hexakosioi hexekonta hex’) irreferut minn ħafna għal Neruni (eżattament kien jismu ‘Lucius Domitius Ahenobarbus), għaliex il-‘gematria’ (mill-grieg ‘geometria’ u bdiet fl-Assirja minn Re Sargon II), tagħti eżattament dan it-total (Nrwn Qsr – Ċesari Neruni – nun = 50, resh = 200, waw = 6, nun = 50, qof = 100, samekh = 60 u resh = 200). Dan huwa n-numru marbut mal-Antikrist. Fl-Apokalissi n-numri b’kollox jissemmew 283 darba f’total ta’ 405 versi tal-ktieb, frekwenza ta’ 1.3 numri f’żewġ versi u 12.5 numri f’kull kapitlu tal-ktieb. Għalhekk se nagħtu ħarsa ħafifa lejn diversi numri sinifikanti fil-bibbja u fuq kollox fl-Apokalissi.

In-numru wieħed (‘eis’, ‘mia’, ‘hen’) juri unità u marbut mat-twemmin ta’ Alla wieħed (ara Dewt 6:4). It-terminu l-‘ewwel’ (‘protos)’ insibuh f’1:5: l-ewwel wild (‘prototokos’) u f’2:4. In-numru tnejn (bil-Grieg ‘duo’, bl-ebrajk u feniċju ‘xanim’ fejn l-għerq tal-kelma jfisser ‘tilwi’, bl-aramajku sirjak ‘tanin’, bl-assirjak ‘xina’, bl-etjopiku ‘kele’e’, barbaru ‘senet’ u bl-għarbi ‘tani’), huwa s-simbolu tax-xhieda (ara Dewt 17:6 u Mattew 26:60). Fil-Bibbja nsibu ż-żewġtid-dwal tal-ħolqien fil-Ġenesi 1:6; iż-żewġtitwavel tal-kmandamenti f’Eżodu 31:18, iż-żewġt anġli ta’ Sodoma (Ġenesi 19:1), iż-żewġ kerubini mal-arka

tal-patt f'Eżodu 25:22, iż-żewġ spiji ta' Kadex (Numri 14:6), iż-żewġ spiji ta' Ġeriko (Ġoswe' 2:1), u Ġesu' bagħat id-dixxipli tnejn tnejn kif insibu f'Luqa 10:1, iż-żewġt anġli fil-qabar ta' Kristu f'Luqa 24:4, u ż-żewġt anġli waqt it-tlugħ tal-Mulej fis-sema f'Atti 1:10. Fl-Apokalissi għandna ż-żewġ xhieda f'10:11 u 11:3-6; iż-żewġ siġar taż-żebbuġ, u ż-żewġ kandelabri f'11:3.



*Il-Monasteru Grieg Ortodoss ta' San Ġwann fuq Patmos*

In-numru tlieta ('treis') jissemma 31 darba fl-Apokalissi, (per eżempju, ara Apok 4:8 u 8:13). In-numru 3 huwa n-numru perfett, tal-perfezzjoni ta' Alla (It-Trinità), perfezzjoni spiritwali, juri r-realtà ta' Alla, fit-tielet jum dehret l-art fil-ħolqien, tliet subien kellu Noe': Ħam, Sem u Ġafet (ara Ġenesi 6:10), it-tlitt irġiel iħabbru wild lil Abraħam, is-sagrifiċċju ta' Iżakk fuq il-Morija kien se jseħħ fit-tielet jum, it-tlett ijiem tal-qsim tal-Ġordan f'Ġożwe' 11:1, kien hemm tliet taqsimiet fit-tinda tal-laqgħa u fit-tempju, Ġona dam tlett ijiem u tliet iljieli fiż-żaqq tal-ħuta, u hemm tliet festi prinċipali tal-lhud tal-pellgrinaġġi kif naraw f'Eżodu 24:14-17. L-imħallef Gidejon rebaħ permezz ta' tliet gruppi ta' suldati (Imħallfin 7:22). Ester damet tlitt ijiem taħseb u tistenna sabiex iltaqgħet mas-sultan (Ester 4:16).

Tlett snin dam il-ministeru ta' Ġesu', u Ġesu' qam fit-tielet jum (ara Matt 17:22-23; Mk 9:31; Lq 9:22 u 24:46). Hawnhekk naraw fil-bibbja, is-simboliżmu qawwi marbut mat-tielet jum (ara Mattew 12:40). Fl-Antik Testment naraw lil Alla tliet darbiet 'Qaddis' u dan narawh ukoll fl-Apokalissi 4:8 ('Trisaghion': agios, agios, agios). Dan hu t-test l-iktar antik liturġiku fil-knisja – Sanctus: "U kienu jgħajtu u jwieġbu lil xulxin: Qaddis, qaddis, qaddis hu l-Mulej ta' l-eżerċti. L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu" (Isaija 6:3). Fl-Apokalissi jissemmew it-tlett anġli f'8:13; u t-tliet pjagi f'9:18. F'8:7 naraw 'terz' ('tritos') tad-dinja tiġi maħruqa mill-ewwel anġlu u l-istess terz tas-siġar u tal-ħaxix aħdar ġew maħruqa. F'8:9 naraw li terz tal-baħar sar demm, u terz tal-kreaturi tal-baħar mietu u l-istess terz tal-vapuri ġew meqruda. F'8:10 naraw it-tielet anġlu jdoqq it-tromba tiegħu u kewkba kbira waqgħet mis-sema fuq terz tax-xmajjar tad-dinja. F'8:11 terz tal-baħar tħassar minħabba l-kewkba li waqgħet. F'8:12 naraw terz mid-dawl jinqered u jkun hemm it-tielet jum bla dawl; u f'9.18 it-tliet pjagi joqtlu terz tal-popolazzjoni tal-bnedmin. In-numru tlieta u nofs ('treis kai hemisis') f'11:9, juri parzjalità. Jissemmew it-tliet snin u nofs jew 42 xahar jew 1260 jum. Dan huwa n-numru kif taġixxi l-Bhima. Alla jerġa' jagħti n-nifs lill-bnedmin wara tlett ijiem u nofs kif naraw f'11:11 (ara ukoll Eżekjel 37:1-10).

In-numru 4 ('tessares') jissemma 29 darba fl-Apokalissi; fejn għandna l-erba' attributi tal-Ħaruf f'5:13 u l-erba' anġli f'14:6-17. In-numru 4 juri totalità materjali, perfezzjoni materjali u universalità kożmika (id-dinja, l-arja, in-nar u l-ilma), l-erbat irjieħ minn kull naħa tad-dinja (Mt 24:31), fil-ġnien tal-Eden kien hemm erba'

xmajjar: Pison (tista' tkun l-Indus), Ghicon (Geon – Nil), Tigri (Hiddekel) u Ewfrate (ara Ġenesi 2:10-14) u kien hemm erba' tazzi 'poterion' fl-ikla tal-Għid. Id-dinja għandha erba' staġuni, il-ktieb ta' Danjel isemmi erba' saltniet u fil-parabbola taż-żerriegħa nsibu erba' tipi ta' ħamrija (Mattew kapitlu 13). L-isem tal-ewwel bniedem Adam huwa magħmul minn erba' ittri. L-Isem ta' Alla hemm 4 ittri 'YHWH'. Fl-Apokalissi naraw l-erba' żwiemel u kavallieri fil-kapitlu 6: l-aħmar f'6:4; l-aħdar f'6:8; l-abjad f'6:2 u l-iswed f'6:5. F'6:8 naraw il-qawwa taż-żiemel aħdar safrani sabiex jaħkem fuq kwart ('tetartos') tad-dinja. F'4:6 jissemmew l-erba' kreaturi li jaraw minn quddiem u minn wara. Għandna l-erba' punti kardinali tal-kreazzjoni kompluta (4:8-11). F'7:1 jissemmew l-erba' anġli, l-erba' naħat tad-dinja u l-erbat irjieħ tad-dinja. F'9.13 jissemmew l-erbat'iqrun tal-altar tad-deheb quddiem Alla. F'21:19-21 naraw ir-raba' ('tetartos') tip ta' ġawhar li jżejjen il-ħitan tal-belt, dak tal-iżmerald: "Il-ħajt tal-Belt għandu pedamenti mogħnija b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż: l-ewwel pedament ġaspru, it-tieni żaffir, it-tielet kalċedonju, ir-raba' żmerald, il-ħames sardoniċi, is-sitta kornalina, is-seba' krisolitu, it-tmienja berill, id-disa' topazju, l-għaxar krisopazju, il-ħdax ġjaċint, u t-tnax ametist. U t-tnax-il bieb huma tnax-il ġawhra, kull bieb magħmul minn ġawhra waħda. Il-pjazza tal-belt hi tad-deheb fin, tleqq qisha ħġieġa."

In-numru ħamsa ('pente') hu marbut l-ewwelnett mal-kotba tal-Pentatewku, il-kotba li jiffurmaw is-salmi, il-ħames ċagħqiet ta' David li bihom qatel lill-ġgant Gulija tal-Filistej (ara 1 Samwel 17:38-51), il-ħames ħobżiet fit-tkattir tal-ħobż minn Ġesu' u l-ħames pjagi ta' Kristu. In-numru huwa marbut ma' Alla (1) u mad-dinja (4) u mal-5 iswaba' li għandu f'kull id il-bniedem u għalhekk marbut mal-grazzja. Ħames huma l-kelmiet tal-intelliġenza f'San Pawl (1 Korintin 14:19). Ħamsa huma n-nisa msemmija f'San Mattew fl-arblu tar-razza ta' Ġesù li huma Tamar, Raħab, Rut, Betsabeja u l-Madonna. Fl-Apokalissi 9:5 jissemmew il-ħames xhur tat-tortura mill-ġurati (akrides). Il-ħames ('pemptos') jissemma fl-Apokalissi 6:9; 9:1; 16:10 u 21:20. Il-Missier ('Pater') insibuh ħames darbiet fl-Apokalissi f'1:6; 2:28; 3:5; 3:21 u 4:1.

In-numru 6 ('heks') juri li jrid jilħaq il-perfezzjoni tiegħu fin-numru 7 kif naraw fl-istorja tal-ħolqien u għalhekk huwa numru mhux perfett, per eżempju is-sitt ġarar tal-ilma fit-tieġ ta' Kana, u s-sitt siegħa li jilħqu l-perfezzjoni tagħhom fi Kristu. Il-liġi ta' Mosè miġbura fil-ħames kotba tal-Pentatewku u l-profeti għandhom bżonn il-perfezzjoni fi Kristu. L-istilla ta' David jew bil-Lhudi 'Maghen David' hija 'hesagramma' u għandha sitt ponot. Huwa numru marbut mal-ħolqien tal-bniedem li seħħ fis-sitt jum kif ukoll il-leviti kellhom sitt ibliet tagħhom (ara Numri 35:6). Fl-Apokalissi jissemmew is-sitt ġwienaħ tal-erba' kreaturi ħajjin f'4:8. Is-sitt wieħed ('hektos') jissemma f'6:12 is-sitt siġill, u 9:13, 9:14, 16:12, is-sitt anġlu: "U fetaħ is-sitt siġill. Jien ħarist, u sar terremot kbir; ix-xemx saret sewda faħma, il-qamar sar kollu qisu demm" (6:12).

Naraw in-numru 666 (DCLXVI) tal-isem tal-Bhima (13:18) jirreferi għal Neruni Ċesri (NRWN QSR, nun-resh-waw-nun. qof-samek-resh) marbut mas-simboliżmu tal-Bhima (li d-dijademi tagħha qegħdin fuq il-qrun u mhux fuq l-irjus) u l-Antikrist (bil-grieg: 'antichristos' jiġifieri kontra Kristu (Apok 13:4-18, ara wkoll Mattew 24:23-24; 1 Ġwanni 2:18 u 4:3). In-numru sitta huwa n-numru tal-apostasija u tal-ħażen u għalhekk in-numru 666 ('hexakosioi hexekonta hex') huwa l-ħażen ikkonċentrat u tal-imperfezzjoni assoluta. Dan in-numru nsibuh fl-A.T. fil-kwantità ta' talenti li kellu Salamun, 666 talent

u 600 xekel tad-deheb (ara 1 Rejiet 10:14-23). San Irinew hawnhekk f'"Contra Haer.' 5, 29-30 fis-sena 180 A.D., jipproponi l-ismijiet griegi 'Euanthas', 'Lateinos' (għall-Imperatur) u 'Teitan' (Titan), liema ismijiet x'ħin tgħodd l-ittri tagħhom flimkien jagħmlu n-numru 666. Hu jgħid li n-numru 616 ta' xi manuskritti ma kienx korrett għaliex huwa rabat in-numru 666 mad-dilluvju li ġara fis-600 sena ta' Noe' u l-figura ta' Nebukadnezzar kienet għolja b'kejl ta' 60 u wiesa 6.

Andrija ta' Ċesarija li jgħid li Papija (li jattesta l-kredibilità ta' l-Apokalissi), fil-kummentarju tiegħu dwar l-Apokalissi jippropnoni wkoll dawn l-ismijiet li għandhom ukoll kull wieħed il-valur ta' 666: Lampetis; Teitan; Palaibaskanos; Benediktos, Kakos Odegos, Alethes; Blaberos u Amnos Adikos. Primasju iżid Antemus u Arnoume. Victorinus ta' Pettau iżid ukoll l-ismijiet ta' Antemos, Genserikos (Genseriros), u l-ittri bil-latin 'DICLVX' (D=500, I=1, C=100, L=50, V=5, X=10) għall-anġlu tad-dawl, 'audens se dicere lucem'. L Ispanjol Beatus jorbot in-numru mal-kelmiet: 'damnatos', 'antichristus' u 'aichime'. Fil-gematria Lhudija (isopsephism, mil-latin) għandna 'tehom qadmoniyyah' għan-numru 666 li tfisser 'it-taħwid tal-bidu u dan isostnih Gunkel ukoll. Għandna wkoll 'he latine basileia', 'is-saltna latina' li għandha wkoll dan il-valur numeriku. Fuq kollox, in-numru huwa marbut mar-rebelljoni għal tliet darbiet (sitta, sitta u sitta) mal-ħolqien ta' Alla, mal-umanita' maħluqa fis-sitt jum li twarrab lil Alla (is-seba' jum, Jum il-Mulej, 'kuriake hemera', li huwa ukoll l-ewwel jum 'jom rishon'). In-numru huwa marbut max-xitan, mal-apostasija, mal-Gulija tal-Antik Testment, mal-vanità ta' Salamun u ma' Nebuchadnezzar u mal-Bhima tal-Apokalissi li aktarx tirreferi wkoll għall-istatwa ġganteska li kien waqqaf Domizjanu ġewwa Efesu. J.B. Bossuet (1627-1704) jorbot dan in-numru mal-Imperatur Djoklezjanu (244-311) fejn 'Diocles Augustus' għandha l-valur ta' 666. Mela huwa marbut mal-imperaturi rumani: Neruni (54-68 A.D.); Titu (79-81); u Trajanu (98-117). Skont M. Gerbert (1720-1793) l-antikrist huwa: 'vero singulare monstrum hominis ...diabolum incarnatum'.

In-numru sebgħa ('hepta', bl-ebrajk 'shebah') insibuh 57 darba fl-Apokalissi, 88 darba fil-Ġdid Testment (għalhekk l-Apoklaissi għandu 64 fil-mija) u 600 darba fl-Iskrittura Mqaddsa kollha. Huwa magħmul min-numru 4 (tad-dinja) u min-numru 3 (tas-sema), huwa numru perfett u komplut. Fil-fatt fil-LXX insibuh 377 darba u 'hebdome' jiġifieri 'is-seba' wieħed' 134 darba. Fil-bibbja ebrajka 'sebgħa' jinsab 398 darba u 'sebii' (is-seba' wieħed) 98 darba. In-numru sebgħa li juri totalità kif ukoll qawwa, fejn dan jissemma ħafna drabi għas-seba' knejjes ('hepta ekklesias', 2:1-3:22), seba' msiebaħ (4:5), seba' siġilli (6:1-8:1), seba' ittri, seba' bwieqi tad-deheb (12:1-15:8), seba' trombi (8:7-11:19) u seba' kwiekeb f'1:16 u 2:1. Insibu seba' spirti ('hepta pneumata') f'1:4; 3:1; 4:5 u 5:6. F'1:4 insibu s-seba' knejjes u s-seba' spirti; f'1:12 insibu s-seba' kandelabri tad-deheb; f'5:6 sebat iqrun u seba' għajnejn; f'8:2 is-seba' angli; f'11:3 is-sebat elef persuna li jmutu fit-terremot ('seismos'); f'12:3 is-sebat irjus; f'15:1 is-seba' pjagi; f'17:9 is-seba' muntanji. Is-seba' wieħed ('hebdomos') jissemma f'8:1; 10:7; 11:15; 16:17 u 21:20.

Huwa n-numru tal-azzjoni ta' Kristu u ta' Alla u wkoll huwa n-numru tal-perfezzjoni. Fl-Apokalissi n-numru 777 jissemma f'19:16 għaliex huwa l-valur numeriku 'tar-Re tar-Rejiet 'basileus basileos'. Fl-Apokalissi nsibu ukoll seba' beatitudnijiet (bil-Grieg 'makarios' u bil-Lhudi 'ashre', ara Dewt 33:29 u 1 Rejiet 10:8), li huma f'1:3; 14:13; 16:15; 19:9; 20:6; 22:7 u 22:14, bħal fl-evanġelju ta'

San Ġwann fejn għandna għal seba' darbiet 'ego eimi'. Insibu seba' ragħdiet f'10:3; seba' sinjali f'12:1,3; 13:13-14; 15:1; 16:14; u 19:20; seba' kuruni f'12:3 u sebat islaten f'17:9: "Hawn jeħtieġ moħħ li jkollu l-għerf! Is-sebat irjus huma s-seba' muntanji li fuqhom hi bilqiegħda l-Mara. U huma wkoll is-sebat islaten."

Fl-Apokalissi nsibu fil-fatt erba' gruppi ta' sebgħa fl-Apokalissi li huma s-seba' ittri (2:1-3:22); is-seba' siġilli (6:1-8:1); is-seba' trombi (8:7-11:15) u s-seba' bwieqi (16:2-17). In-numru 7 huwa n-numru perfett li juri milja kif naraw f'Mattew 18:22, fejn naraw lil Ġesù

jeżorta lil Pietru sabiex jaħfer dejjem, għal 77 darba (ara Ġenesi 4:24 'ebdomekontakis hepta'). Huwa n-numru tas-Sibt u tal-mistrieħ u huwa marbut mas-sena tal-ħelsien tal-iskjavi (ara Eżodu 21:2). Is-sena tal-ġublew kienet mibnija fuq ċikli ta' 7 u għalhekk 49 sena kif preskritt fil-Levitiku 25. Huwa wkoll in-numru tad-djakni li ntgħażlu fl-Atti tal-Appostli. Il-'menorah' tal-Lhud kien kandelabru (mil-latin: candeo – taħraq) li kellu seba' xemgħat. Kien hemm seba' snin ta' guħ u għaks fi żmien Ġużeppi fl-Eġittu (Gen 41:53); is-seba' ġranet tal-ħobż ażżmu (Eżodu 34:18); is-seba' snin ta' Ġakobb sabiex jiżżewweġ lil Rakela mingħand Laban (Ġen 29:20); is-seba' ġranet ta' festi tat-tieġ fl-istorja ta' Sansun (Imħ 14:12). Fil-gematria l-ewwel vers tal-bibbja għandu l-valur ta' 1393 li huwa magħmul minn 7 għal 199 darba. In-numru sebgħa huwa marbut mal-ġranet tal-kreazzjoni, mas-seba' pari tal-annimali li daħlu fil-Arka ta' Noe'. L-isem 'Christos' u 'propheteia' insibuh 7 darbiet fl-Apokalissi. L-istess il-frażi 'kurie ho Theos ho pantokrator' insibuha 7 darbiet f'1:8; 4:8; 11:17; 15:3; 16:7; 19:6; u 21:22.

In-numru 8 huwa marbut mas-salvazzjoni u mal-eternita' u huwa numru marbut mal-Messija u mas-Salvatur. Huwa fuq kollox marbut mal-qawmien ta' Kristu li qam fit-tmien jum. Kienu tmienja persuni b'kollox li salvaw fid-dilluvju (ara 2 Pietru 2:5) u ċ-ċirkonċiżjoni tal-Lhud kienet isseħħ fit-tmien jum. L-isem 'Iesous' fil-gematria għandu l-valur ta' 888. Fl-Apokalissi ukoll għandna 8 viżjonijiet: 1:10-3:22 (tas-seba' knejjes); 4:1-8:1 (is-seba' siġilli); 8:2-11:8 (is-seba' trombi); 11:19-14:20 (il-qawwiet ħżiena); 15;1-16:7 (is-seba' pjagi); 16:18-18:24 (il-ġudizzju ta' Alla); 19:1-21:4 (il-ġudizzju finali); 21:5-22:5 (Ġersualemm il-Ġdida). It-tmien wieħed ('ogdoos') jissemma f'17:11 u 21:20.

In-numru disgħa huwa marbut mal-barka u nsibu disa' doni tal-Ispirtu s-Santu f'Galatin 5:22-23. Fl-Apokalissi nsibu disa' perikopi li jsemmu l-għaxar anġli li jgħajtu b'vuċi għolja ('phone megale', 21 darba): 5:2; 7:2; 8:13; 10:1-3; 14:6-7, 9, 15, 18 (ċentrali); 18:1; 19:17 u dan b'rabta mal-menorah bid-disa' friegħi li kien jintuża f'okkażżjonijiet speċjali tal-Festa tal-Hanukkah tad-dedikazzjoni tat-tempju. F'21:20 jissemma t-topaz bħala d-disa' wieħed ('enatos') minn ġawhar.

In-numru għaxra ('deka') huwa magħmul minn numru tlieta u sebgħa jew erbgħa (il-kreazzjoni) u sitta (il-bniedem). Huwa numru li juri wkoll perfezzjoni divina. In-numru 10 huwa n-numru tal-għaxar kmandamenti ta' Alla, u huwa numru perfett fl-ordni divin. Interessanti li Noe kien l-għaxar ġenerazzjoni minn Adam. L-għexur jiġifieri wieħed minn kull għaxra kien jingħata lil Alla. Il-prezz tal-fidwa kien ta' 10 'gerahs' li kienu jiġu nofs xekel (ara Eżodu 30:12-16). Insibu l-għaxar pjagi tal-Eġittu. Fl-Eżodu 26: naraw ukoll in-numru ta' għaxar purtieri. Fil-vanġelu ta' San Mattew insibu għaxar parabboli tas-Saltna. Huwa n-numru tal-għaxar siegħa (4.00pm) meta Ġesu' sejjaħ l-ewwel appostli tiegħu. Interessanti wkoll li l-ħaruf tal-Għid kien jintgħażel fl-10 tax-xahar ta' Nisan (ara Eżodu 12:3). Il-Yom Kippur taħbat ukoll

fl-għaxar tas-sebaʼ xahar. Insibu ukoll il-parabbola tal-għaxar xebbiet (Mt 21:1-13) u l-għaxar talenti. F'Danjel 7:24 naraw il-viżjoni tal-bestja b'għaxart iqrun. Fil-kabbala Ebrajka jissemmew għaxar emanazjonijiet tal-infinitaʼ taʼ Alla msejħa bħala 'sephirot'. Santu Wistin jorbot dan in-numru mal-għerf: 'numerous denarius totum sapientiam significat'.



*Tumas Bathas, Dehra tal-Apokalissi (1596)*

Fl-Apokalissi n-numru għaxra jidher bħala n-numru tat-tribulazzjoni kif insibu f'2:10 (ara Danjel 1:12). F'12:3; 13:1; 17:3; 17:7; 17:12; 17:16 jissemma l-għaxart iqrun. F'17:12 jissemmew l-għaxar slaten. F'11:13 wieħed minn kull għaxra ('dekatos') miet wara t-terremot qawwi fejn mietu 7000 ruħ, ara ukoll 21:20. In-numru ħdax huwa ġeneralment negattiv u marbut mal-ħażen. F'Apokalissi 21:20 insibu l-ġjaċint bħala l-ħdax ('endekatos') fost il-ħaġar prezzjuż.

In-numru 12 ('dodeka') insibuh 187 darba fil-Bibbja fejn fl-Apokalissi nsibuh 22 darba u għalhekk huwa n-numru tal-Apokalissi. Dan huwa numru perfett ukoll, u l-perfezzjoni governattiva. In-numru tnax huwa magħmul minn numru 3 (Alla) għal numru 4 (id-dinja). Insibu n-numru marbut mal-patrijarki, it-tfal taʼ Ġakobb, it-tribujiet taʼ Israel, marbut mal-poplu taʼ Alla, mal-poplu taʼ Israel, l-imħallfin, il-ħaġar prezzjuż tal-qassis il-kbir, u l-appostli u t-tnax il-bibien ('hoi pylones') taʼ Ġerusalemm il-ġdida ('Ierousalem kainen'), Ġerusalemm eskatologika, bil-kobor u dimensjonijiet perfetti u bħala rigal u don minn Alla – mis-sema, li ma għandhiex bżonn iktar id-dawl tax-xemx sabiex tiddawwal u jispiċċaw l-annimali kollha ħlief il-ħaruf (ara Isaija 60:19-20). Hawnhekk Beale jikteb: "God's glory is incomparable in relation to any source of light of either the old or new creation"

Tnax huma l-kwiekeb tal-Madonna (ara Apok 12:1). Tnax ukoll kienu l-ispiji li bagħat Mosè fejn kienu waslu sal-wied taʼ Eskol u rritornaw lejn Kades fid-deżert taʼ Paran. Tnax kienu l-għejun tal-ilma fid-deżert taʼ Elim kif naraw f'Numri 33:9. Tnax kienu is-suldati taʼ David ħdejn il-pixxina taʼ Gabaon. Tnax huma l-profeti

ż-żgħar. Salamun kellu tnax-il iljun (1 Re 10:18). Insibu tnax il-legjun ta' anġli f'Mt 26:53. In-numru 144,000 tal-Apokalissi huwa magħmul minn numru tnax. Ġesù kellu tnax-il sena meta deher fit-tempju. Anke għall-komunità ta' Qumran dan in-numru kien sinifikanti fejn il-kunsill tagħhom kien magħmul minn tnax-il raġel u fil-War Scroll jitkellem mit-tnax-il armata fost ulied id-dawl b'rabta mat-tnax-il tribù ta' Israel.

F'21:1 jissemmew il-kuruna tat-tnax il-kewkba; f'21:12 it-tnax il-bieb, it-tnax-il anġlu, it-tnax-il tribù ('phule', 13-il darba); f'21:14 jissemmew it-tnax-il-fundament ('hoi themelioi'), it-tnax-il isem tat-tnax-il appostlu tal-Ħaruf; f'21:21 it-tnax il-bieb u t-tnax-il-perla u f'22:2 it-tnax-il-frotta tas-sigra tal-ħajja li tipproduċi l-frott kull xahar. Hemm marbut hawnhekk in-numru 12-il elf kif insibu f'7:5 u 7:6 ('dodeka chiliades'). F'21:20 jissemma n-numru tnax bħala t-tnax-il-wieħed (dodekatos).

In-numru 14 huwa magħmul minn sebgħa għal tnejn u jagħmel parti mir-razza ta' Ġesù fejn insibu 42 ġenerazzjoni (14 għal 3) minn Abraħam sa San Ġużepp (ara Mattew 1:1-17). Fl-14 tal-ewwel xahar huwa l-Għid. Fl-14 tal-ewwel xahar Alla kien għamel il-patt ma' Abraħam (Ġenesi 15:1-9). Bħalma Alla ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu f'din il-ġurnata hekk ukoll Ġesù, il-Ħaruf il-Ġdid tal-Għid, il-ħaruf ta' Alla kif insibu fir-4 vanġelu 'amnos tou Theou'. In-numru 14 huwa l-valur tal-isem 'David' fil-ġematria Lhudija (DVD = 4+6+4, fejn l-ittra dalet kienet tiswa 4 u l-vav kienet tiswa sitta. L-isem 'Iesous' insibuh 14-il darba fl-Apokalissi, Ġesu' li jidher bħala xhud (ix-xhud fidil – 'ho martus ho pistos') għaliex huwa jixhed għall-Missier, u għalhekk 7 għal 2.

Fl-Apokalissi għandna n-numru 21 (magħmul minn 7 għal 3) fejn fl-Apokalissi nsibu 21 pjaga li fl-aħħar iwasslu għall-perfezzjoni (l-ewwel 5 siġilli fejn il-pjagi jeqirdu kwart tad-dinja, is-6 tromba fejn il-pjagi jeqirdu terz tad-dinja, mbagħad għandna s-6 bieqja u s-6 siġill fejn il-pjagi jaffettwaw id-dinja kollha, is-7 siġill u s-7 tromba tintroduċi s-seba' pjagi li jaffettwaw id-dinja kollha). In-numru 24 ('eikosi tessares') ifisser l-Antik u l-Ġdid Testment. Hemm l-24 tron u xiħ f'4:4. L-24 xiħ jissemmew ukoll f'4:10; 5:8; 11:6 u 19:4: "U l-erbgħa u għoxrin Xiħ u l-erba' Ħlejjaq Ħajjin inxteħtu jagħtu qima lil Alla li qiegħed fuq it-tron, u qalu: "Ammen! Hallelujah!"

In-numru 30 juri perfezzjoni magħmul minn għaxra għal tlieta, fil-fatt Ġesù beda l-ministeru tiegħu ta' tletin sena (ara Luqa 3:23) bħalma kellu David meta sar re (2 Samwel 5:4). Ġesù ġie mibjugħ minn Ġuda għal tletin biċċa tal-fidda (ara Mattew 27:6-10). Israel baqgħu jibku għall-mewt ta' Mosè u Aron tletin ġurnata. Fil-ġematria l-isem divin ta' YHWH għandu l-valur ta' 42 ('tesserakonta kai duo'), daqs kemm hemm ġenerazzjonijiet minn Abraħam sa Kristu. Fl-Apokalissi jissemmew l-42 xahar f'11:2 u 13:5. In-numru ħamsin huwa marbut mal-ġublew bibliku 'shenat hajjobel' kif deskritt f'Levitiku 25:8-12, u mal-festa tal-Għid il-Ħamsin (Lev 23:15-16 u Atti 2). In-numru ħamsin huwa n-numru magħmul minn sebgħa għal sebgħa u wieħed (ara Levitiku kap 25). Insibuh 154 darba fil-bibbja u juri fidwa u twelid ġdid.

In-numru 70 huwa magħmul minn sebgħa għal għaxra (numri perfetti), huwa numru ta' żmien sħiħ, mitmum (ara Lev 25:10). Qabel it-Torri ta' Babel kien hemm sebgħin nazzjon, sebgħin persuna marru fl-Eġittu fi żmien Ġakobb (ara Ġenesi 46:26-27), Mose' ħatar 70 anzjan f'Numri 11:16, u nsibu s-70 anzjan tal-poplu u tas-Sanhedrin. Insibu ukoll is-sebgħin sena tal-eżilju (ara Ġeremija 25:11) u s-70 dixxiplu ta' Ġesu' (ara Luqa 10:1). In-numru 72 fil-bibbja jindika l-popli pagani.

Għandna d-99 nagħġa li ħalla r-ragħaj biex isib in-nagħġa l-mitlufa. Il-valur numeriku tal-kelma 'Amen' huwa 99 ukoll. In-numru 'mija' li juri wkoll totalità, insibuh f'Ġenesi 26:2; Levitiku 26:8; 2 Samwel 24:3 u Mattew 19:29. Huwa riferiment għal Alla l-Missier. In-numru 'elf' ('chilioi') insibuh 27 darba fl-Apokalissi (ara Apok 20:2-7). Huwa n-numru ta' Alla u juri milja f'Alla. In-numru elf (bl-ebrajk: eleph) juri folla kbira u għadd mingħajr limiti bħalma hi l-ħniena ta' Alla: "li hu ħanin għal elf nisel" (Eżodu 20:6) u għalih qishom jum wieħed (Salm 90:4). Salamun kellu elf mara! (1 Slaten 11:3) u l-elf sena tas-saltna (Apok 20:7). F'11:3 jissemmew 1260 ('chilias diakosias ekzekonta') ġranet. F'14:20 insibu t-tul ta' 1600 ('chilion eksakosion') stadia. In-numru 10 elef ('muriades') insibuh f'5:11. Apokalissi 9:16 jitkellem minn armata ta' 20 elf ('dismuriades') għal għaxar t'elef darba.

F'Apokalissi 7:4; 14:1 u 14:3 jissemma n-numru 144 elf ('tesserakonta tessares chiliades'). Dan n-numru simboliku tal-144,000, ifisser il-multiplikazzjoni tat-12-il tribu' (jiġifieri l-Antik Testment) u t-12-il appostlu (il-Ġdid Testment) li jiffurmaw il-poplu wieħed ta' Alla (in-numru 1000), "kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, 'hon arithmesai auton oudeis edunato, fejn għandna il-'pronomen abundans' – auton' (Apok 7:9, ara ukoll il-wegħda lil Abraħam f'Ġenesi 17:4-16). In-numru 144,000 juri fuq kollox immensita' u kompletezza suprema ta' totalita' u universalita'. Huwa fuq kollox numru inklussiv u għalhekk dejjem miftuħ għal min irid isalva. Aune jidentifika n-numru 144,000 bħala jirrappreżenta: "that particular group of Christians, including all ages and both genders, who have been specially protected by God from both divine plagues and human persecution just before the final eschatological tribulation begins and who consequently survive that tribulation and the great eschatological battle that is the culmination of that tribulation". F'5:11 naraw l-anġli "l-għadd tagħhom kien miljuni ta' miljuni u elef ta' eluf", dawn huma numri iperboliċi jiġifieri ta' dimensjoni 'l fuq minn dak immaġinabbli.

B'hekk rajna wkoll is-simboliżmu vast marbut man-numri fl-Apokalissi: "Numbers in the Book of Revelation do not serve, as in Jewish apocalypses, to calculate the time of the end. Rather, they make visible the will of God and Christ which stands behind and directs all events. They are, as it were, the net in which Satanic forces are captured, surrounded and confined on all sides. The frequent numbering of people, objects and events in revelation makes the point by repetition that nothing is random or accidental. Everything is measured and counted. There is a divine plan, all is in God's control, and the outcome will be advantageous to those loyal to God's will" (A. Yarbro Collins). "Per Giovanni l'agire di Dio e dell'Agnello sono esprimibili con i numeri. L'arma dei loro avversari e' il caos e la prevaricazione: l'arma di Dio e dell'Agnello e' l'ordine dei numeri. I numeri sono come la rete in cui le forze sataniche sono chiuse da ogni lato, catturate e vinte" (G. Biguzzi).

## Biblijografija


Arcari, L., *Visioni del figlio dell'uomo nel Libro delle Parabole e nell'Apocalisse*, Antico e Nuovo Testamento 19, Brescia 2012.

Backhaus, K., "Inspiration and Truth in the Book of Revelation. An exegetical comment on the Pontifical Biblical Commission's document "Ispirazione e verita' della Sacra Scrittura" (2014)", in *The Biblical Annals* 8 (2018) 71-91.

Barr, D.L., *Reading the book of Revelation: a resource for students*, SBL 44, Atlanta (GA) 2003.

Biguzzi, G., *Apocalisse. Nuova versione, introduzione e commento*, I libri biblici, Nuovo Testamento 20, Milano 2005.

Boring, M.E., *Revelation*, Interpretation, Louisville 2011.

Bosetti E. – Colacrai A., *Apokalypsis. Percorsi nell'Apocalisse di Giovanni*, Assisi 2005.

Breu, C., "Female Seed as a metaphor: Queer Kinship in Revelation 12, Ancient Medical and Literary Texts and the Septuagint", in *Journal for the Study of the New Testament* (2022) 1-28.

Camerling, Y.F. et als., "A Hermeneutical study on the symbolic meaning of the number 144,000 in Revelation 7:1-7", in *Jurnal Jaffray* 19 (2021) 86-111.

Carvalho, J.C., "The Nations between the Angel and the Beast in the Book of Revelation", in *Didaskalia* 47 (2017) 43-62.

Cotro, H.A., "Could the author of Revelation step forward, please?", in *DavarLogos* 14 (2015) 71-89.

Cotro, H.A., "A tale of two cities: Rome and Babylon in Revelation", in *DavarLogos* 21 (2022) 37-68.

Dalrymple, R., *Revelation and the two witnesses: The implications for understanding John's depiction of the people of God and his hortatory intent*, Eugene (OR) 2011.

Davies, J., "Reading the Apocalypse with Christopher Nolan: Story and Narrative, Time and Space", in *Journal for Interdisciplinary Biblical Studies* 4 (2022) 42-56.

Doglio, C., *Apocalisse di Giovanni*, Padova 2005.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Gonzalez, E., "The 'Destroyers of the Earth' in Revelation 11:8 – Who are they?", in *Davar Logos* 14 (2015) 91-107.

Gorman, M.J., *Reading Revelation responsably: Uncivil worship and witness: Following the Lamb into the New Creation*, Eugene (OR) 2011.

Graves, D., *The Seven Messages of Revelation and Vassal Treaties. Literary Genre, Structure and Function,* Piscataway (NJ) 2009.

Guthrie, D., *The Relevance of John's Apocalypse*, Grand Rapids (MI) 2012.

Jordaan, G.J.C., "Cosmology in the Book of Revelation", in *die Skruflig/Luce Verbi* 47 (2013) 1-8.

Koester, C.R., *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary*, New Haven 2014.

Manunza, C., *L'Apocalisse come 'actio liturgica' cristiana. Studio esegetico*. AnBib 199, Roma 2012.

Miller, R.B., "Dragon myths and biblical theology", in *Theological Studies* 80 (2019) 37-56.

Newall, M., "The Roman Arena overturned: Revelation 14:9-11 as God's wrath in history", in *The Expository Times* (2022) 1-11.

O'Hear, N. – O'Hear, A., *Picturing the Apocalypse: The Book of Revelation in the Arts over Two Millenia*, Oxford 2015.

Oladosu, O.T., - Alu, C.O., "The use of Old Testament in the Book of Revelation", in *American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Oniszczuk, J., "Composizione e messaggio della lettera alla Chiesa di Efeso (Ap 2:1-7)", in *Gregorianum* 98 (2017) 463-480.

Palmer, J.T., *The Apocalypse in the Early Middle Ages*, New York 2014.

Paul, I., *Revelation*, Tyndale New Testament Commentary, London 2018.

Peerbolte, B.J.L., "The Book of Revelation: Plagues as part of the Eschatological Human Condition", in *Journal for the Study of the New Testament* 44 (2021) 75-92.

Piazzolla, F., "La gune' dell'Ap: funzione materna

e sponsale della chiesa", in *Liber Annus* 65 (2015) 351-378.

Pruszinski, G.R., "The Cognitive Phenomenology of Doors in the Book of Revelation: A Spatial analysis", in *Religions* 10 (2019) 1-14.

Punt, J., "An Apocalyptic Womb? The Great Harlot of Revelation 17-18", in *The African Journal of Gender and Religion* 26 (2020) 41-62.

Razafiarivony, D., "Is the Woman of Revelation 17 the same of Revelation 12?", in *The American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Rosell, S., "John's Apocalypse: Dynamic word-images for a new world", in *Theological Studies* 67 (2011) 1-5.

Rozek, K.B., "The Eschatological enemies of the Church: A biblical exposition of Revelation 9:1-11 and an examination of interpretations of the locusts from the abyss", in *Diligence: Journal of the Liberty University Online Religion Capstone in Research and Scholarship* 5 (2020) 1-22.

Ruiz-Ortiz, F.J., " "Battle is over, raise we the cry of victory". Study of Revelation 19:11-21", in *Isidorianum* 29 (2020) 37-60.

Simoens, Y., *Homme et Femme, de la Genese a' l'Apocalypse. Textes – Interpretations*, Paris 2014.

Sippert, S., "Introduction to the Book of Revelation", in *Journal of Theology* 54 (2014).

Streett, M.L., *Here come the Judge: Violent pacifism in the Book of Revelation*, London 2012.

Tipvarakankoon, W., *The Theme of deception in the Book of Revelation: Bringing early christian and contemporary Thai Culture into Dialogue*, Claremont 2017.

Tzamalikos, P., *An Ancient Commentary on the Book of Revelation: A Critical Edition of the Scholia in Apocalypsin*, Cambridge 2013.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali,* Bologna 2009.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunita' cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Van Rensburg, H.J., "The revelations of Revelation: The book that fits, even when it does not", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 77 (2021) 1-12.

Warren, M.J.C., "The cup of God's wrath: Libation and early christian meal practice in Revelation", in *Religions* 9 (2018) 1-13.

Zamfir, I., "Jerusalem in motion. Images of Jersualem in the Bible and beyond", in *RES* 13 (2021) 160-174.

Zampa, G., *Il libro dell'Apocalisse nei testi della Liturgia Eucaristica della Chiesa Italina contemporanea*, Roma 2018

.



*Ikona tal-Profeta Isaija*

# IL–PROFEZIJA TAX–XEBBA OMM (IS 7,14)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Waħda mill-iktar profeziji li ħabbtu u forsi għadhom iħabbtu u jħabblu moħħ il-bniedem ta' l-Iskrittura hija il-profezija hekk imsejħa tax-Xebba Omm. Din tinsab fil-ktieb ta' Emanweli, mela fil-kapitlu sebgħa' vers erbatax ta' Isaija. Din il-profezija taqra hekk: "Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el" (Is 7,14).

## Il-kuntest tal-profezija

Il-kuntest ta' din il-profezija huwa wieħed ftit imċajpar imma wkoll jgħinek biex tikkonkludi għaliex Isaija ħareġ b'din il-profezija fi żmien daqshekk imqalleb, inċert u ta'qtigħ ta' qalb għas-sultan ta' Ġerusalemm. Tal-anqas fil-kuntest ta' dan il-kliem profetiku jieħdu sehem mhux anqas minn erba' slaten li mexxew erba' pajjiżi differenti. Dawn huma (1) Tiglat-pileser, sultan ta' l-Assirja (2 Slat 16,10). (2) Resin sultan ta' Aram, (3) Pekaħ bin Remalija sultan ta' Israel u (4) Aħaż sultan ta' Ġuda – Ġerusalemm (2 Slat 16,1).

Aħaż dejjem biex mingħalieħ isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu bħala sultan u biex fi żmien ta' gwerra jkollu min jiddefendih għamel ħabib bil-moħbi mas-sultan qawwi Piglat-pileser ta' l-Assirja. Dan ta' l-aħħar aċċetta iva l-istedina ta' Aħaż biex jgħinu, imma Tiglat-pileser li kien pagan *goj* għamel ħafna kundizzjonijiet lil Aħaż uħud minnhom ibsin tassew daqskemm li jmorru kontra t-twemmin ta' dan il-poplu magħżul direttament minn Alla. Dan kollu assolutament ma kienx tollerabbli.

Fost dawn il-kundizzjonijiet li Tiglat-pileser talab minn Aħaż li jaħsduk, kien hemm il-bini ta' artal ġdid, skont il-mudell, il-fattizzi u l-qisien tal-artal pagan li kien hemm Damasku. (2 Slat 16,10). U biex tkompli tagħqad dan l-artal tqiegħed fit-tempju stess! Aħaż ħaraq vittmi u l-offerti tiegħu u sawwab libazzjoniiet u xerred id-demm tal-vittmi fuq id-debħiet tas-sliem. Is-sultan kompla jogħdos fid-dnub billi qala' l-panewijiet u neħħa minn fuqhom il-lembija u l-vaska.

Iżda donnu dan ma kienx biżżejjed għal Aħaż għaliex "wasal biex għadda lil ibnu min-nar skont id-drawwa moqżieża tal-ġnus, li l-Mulej kien keċċihom minn quddiem ulied Israel. U offra sagrifiċċji, u ħaraq l-inċens fuq l-għoljiet u l-għaqbiet, u taħt kull siġra tħaddar"



(2 Slat 16,4). Daqshekk 'l isfel is-sultan Aħaż ma setax jinżel, u dan kollu sar għaliex iċċappas ma Tiglat-pileser.

## Il-gwerra siro-efrajmita

Kienet is-sena 733, meta Piglat-pileser is-sultan qawwi tal-Assirja ddeċieda li jattakka lil Resin, sultan ta Damasku u jkomplu jattakka lil Remalija sultan ta' Israel. Issa dawn iż-żewġ slaten dejjem biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom talbu ukoll lil Aħaż sultan ta' Ġerusalemm biex jingħaqad magħhom. Hekk ikunu tlieta kontra wieħed, mela forsi jkunu jifilħu jilqgħu għall-attakk li kien fil-qrib. Imma Aħaż assolutament ma riedx jidħol magħhom f'dan il-ftehim imdemmi.

Kien f'dan il-kuntest li Aħaż għamel bil-moħbi ftehim ma' Piglat-pileser biex dan jgħinu waqt xi attakk.  Din ta' Aħaż kienet mhux biss azzjoni politika imma wkoll saret waħda ta' twemmin tal-Lhud. Għalhekk Piglat-pileser talab lil Aħaż ineħħi mit-tempju kważi dak kollu li kien reliġjuż, inkluż l-altar li fuqu kienu jsiru d-debħiet. Barra dan Aħaż kellu jħallas somom kbar ta' flus bħal tribut, liema flus Aħaż ġabhom jew aħjar seraqhom mit-teżor tat-tempju.

Mill-ispjuni li kellu madwaru , Aħaż sar jaf li ż-żewġ slaten jiġifieri Reżin u Remalja dalwaqt se jattakkawh biex iġegħluh bil-forza jingħaqad magħhom dejjem kontra l-gwerra ta' Tiglat-pileser. Issa ma ninsewx li, s-sultan tas-Samarija fl-antik dawn kienu poplu wieħed. Infirdu taħt Reħobogħam fis-sena 931. Għalhekk jum wieħed dan Aħaż li kellu qalbu maqtugħa għal kollox, ħareġ mill-palazz tiegħu u mar jispezzjona u jdur madwar is-swar tal-belt ta' Ġerusalemm biex jara jekk dawn il-ħitan, is-swar jifilħux għal-attakk imminenti. Ukoll jekk ikun hemm xi selħa fis-swar, dan Aħaż jiġri jsewwiha bis-sħiħ kollu. Għaliex ir-rebħa jew it-telfa tal-gwerra kienet tiddependi kważi għal kollox minn kemm ikollok is-swar b'saħħithom. Għalhekk is-salmista jfaħħar u jgħolli 'il fuq il-ħitan tal-belt il-qaddisa flimkien mal-għassiesa li lejl u nhar ikunu jagħmlu r-ronda tagħhom dejjem fuq l-istess swar. "Għassies f'hiex wasal il-lejl?"

## Il-profezija

F'din iċ-ċirkustanza ta' tensjoni qawwija ta' gwerra, Alla inebbaħ lill-profeta Isaija u jibagħtu biex jiltaqa' mas-sultan Aħaż u b'mod l-aktar ċert jagħmillu kuraġġ biex ma jaqtax qalbu minn "dawk iż-żewġt ifdal ta' ħatbiet idaħħnu" (Is 7,4). Hekk iddeskrivihom Alla lis-slaten Resim sultan ta' Damasku u Pekaħ sultan tas-Samarija. Dan tant kien pjan kollu maħsub mis-sema, li Alla lil Isaija qallu preċiż fejn għandu jmur u jiltaqa' mas-sultan Aħaż: "Mur iltaqa' ma' Aħaż, int u ibnek Sijarjasub, f'tarf is-sieqja tal-ġiebja l-fuqanija fuq triq l-għalqa tal-Ħassiel" (Is 7,3). Fil-Bibbja ftit huma l-indikazzjonijiet daqshekk ċari ħerġin direttament minn Alla lill-bniedem dwar missjoni.

Kollox seħħ kif ġie ppjanat mis-sema: Isaija ħarrek l-ewwel tentattiv tiegħu, fejn lil Aħaż qallu dejjem biex jisguraħ mir-rebħa tal-gwerra jitlob "sinjal" jiġifieri miraklu, mela xi ħaġa barra minn normal. Anzi Isaija kompla jgħidlu li anke jekk jitlob sinjal kbir u li joħloq sensazzjoni "f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-sema", Alla se jagħmlu miegħu dan is-sinjal. Mela fiduċja fiH.

Iżda s-sultan Aħaż li kien tbiegħed tassew minn Alla ta' missirijietu Abraħam, Iżakk u Ġakobb, u tbiegħed mill-festi tagħhom stess, u resaq lejn allat oħra għaliex hekk kien obbligah bil-fors Tiglat-pileser wieġeb li "ma jitlobx: ma irridx jittanta lill-Mulej". Dak li jiġrilu meta wieħed jinħakem minn xi qawwa barranija u li ma tkunx ta' l-istess twemmin.

Isaija issa li kkonkluda li kollox kien jidher mitluf mas-sultan, jixħet u jdawwar ħarstu 'l fuq u jippronunzja l-profezija. Kliem il-profeta

ma jibqax fis-singular imma jixħtu fil-kollettiv: "Isimgħu, mela dar David". Però fl-oriġinal jiġifieri l-Ebrajk quddiem kliem il-profezija hemm kelma ta' stagħġib qaddis "ħinnè", ekku. Hawn kollox jindika li qegħdin fil-kuntest tas-sema. Dan huwa stagħġib qaddis, stagħġib li miegħu hemm marbut l-intervent ta' Alla.

## "Dar David"

L-ewwel tifsira li tant għandha saħħa f'dan l-oraklu profetiku hija "dar David". Il-profeta f'min kien qed jaħseb meta semma din id-dar? Hawn irridu inqabbżu s-sensi ta' l-Iskrittura. Sens letterali propju u sens letterali improprju. F'sens letterali proprju "*kata leksin*" din id-dar hija l-poplu magħżul ta' Israel. Dan il-poplu li ra u għadda minn tant għeġubijiet, li sama' tant twissijiet u tagħlim tal-profeti, dan il-poplu li tant iċċelebra u ħares jum s-Sibt u l-festi. Difatti hawn għandna s-singular *kaleseis,* int issemmi. Mela dar David huwa Israel il-magħżul minn Alla. Però xorta waħda jibqa' il-fatt li hawn qiegħdin fl-impersonali.

Però hemm ukoll is-sens l-ieħor, *kata nomon.* Għalhekk hawn wieħed għandu jara f'min tassew twettqet din il-profezija. Din id-dar ta' David issa skont Ewsebju ta' Cesarija u miegħu jaqblu tant eżeġeti hija d-dar ta' Nazaret b'Ġużeppi l-kap tagħha. Dan l-argument jikkonfermah snin wara l-evanġelista Luqa meta jikteb: "Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tala' l-Lhudija fil-belt ta' David jisimha Betlehem – għax hu kien **mid-dar u l-familja ta' David**" (Lq 2,4). Ara wkoll Luqa 1,27).

Mela ladarba Ġużeppi huwa l-kap ta' din id-dar, issa jmiss lilu li jsemmi t-tarbija bl-isem ġa mogħti lilu. Fil-fatt Mattew jikteb hekk: "Ġużeppi bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben u INTI SSEMMIH ĠESU' (Mt 1,21).



## “Ix-xebba” *Parthenos.*

Din il-kelma wkoll ħabblet ħafna u ħafna imħuħ, għaliex Isaija dwar min kien qed jitkellem? Min hija qatt din ix-xebba? Kien hemm min interpreta din ix-xebba bħala l-mara ta Aħaż mela omm is-sultan twajjeb Ħeżekija li fi żmienu għamel riforma tant qawwija favur il-monoteiżmu. (2 Slat 18, 1-4). Dan il-personaġġ jista’ jkun ukoll it-tip ta’ personaġġ ieħor.

Però l-ħarsa ta’ Isaija f’din il-profezija tmur wisq aktar ’il bogħod. Din ix-xebba *parthenos,* verġni għandha karatteristiċi kollha partikulari tagħha u tagħha biss. L-interpretazzjoni tradizzjonali Kristjana xxaqilbet sew lejn ix-xebba ta’ Nazaret, omm il-Messija. Anke hawn jgħinna ħafna Luqa meta fit-tħabbira ta’ Gabriel jikteb hekk: “Mbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabriel f’belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, **għand xebba**, mgħarrsa ma’ raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta’ David. **Dix-xebba** kien jisimha Marija” (Lq 1,27). Jibqa’ dejjem il-fatt li anke jekk il-profeta ma wasalx jifhem sa hawn, però kliem il-profezija tiegħu għandhom ħarsa lejn il-futur.

## “Għimmanu-el”

Ħalli nitkellmu dwar l-ewwel interpretazzjoni ta’ din it-tarbija. Kien hemm min ħareġ bl-idea li dan l-Għimmanu-el jista’ jkun xi ħadd mit-tfal tal-profeta Isaija stess. Dawn kien jisimhom wieħed Sijarjasub, għad- toħroġ fergħa (Is 7,3) u l-ieħor “Maħer-salal-ħas-baż” jittieħed il-ġid u l-priża. (Is 8,3). Imma din l-interpretazzjoni xejn ma taqbel mal-kuntest, fqira wisq.

Dan l-isem mhux sempliċement biex wieħed jagħżel individwu mill-ieħor, imma dan jappartjeni għall-essenza, l-kwalità u l-missjoni ta’ min iġorru. Huwa kollu għalhekk dan l-Għimmanu-el huwa ’il fuq minn kull persuna umana mela mortali.

San Ewsebju ta’ Cesarija jikkummenta hekk dwar dan l-isem: “Emmanuel nobiscum est Deus, et Deus esse cum aliquo dicitur semper in bonum sensum, semper importat Dei favorem et felicem rei exitum; Deus praesens in sermone biblico est semper Deus propitius et benevolens”.

Dan huwa isem ’il fuq minn kull isem (Fil 2,9). Isem uniku, għaliex Alla żejnu bih. Isem li dejjem iġib ir-risq u s-sliem. Isem li jappartjeni biss lit-tarbija ta’ Betlehem. Isem ta’ stagħġib qaddis għaliex ġie imħabbar 732 sena qabel!! Dawn il-ħwejjeġ qatt ma ġraw fir-relazzjoni ma’ dan it-twelid hekk misterjuż.

Nagħlaq billi nikkwota mill-ktieb ta’ Benedettu XVI, fil-ktieb tiegħu “Jesus of Nazareth” The Infancy Narratives, pagna 50 – 51: “Indeed, I believe that in our own day, after all the efforts of critical exegesis, we can share anew this sense of astonishment at the fact that a saying from the year 732 B. C. incompehensible for so long, came true at the moment of the conception of Jesus Christ – that God did indeed give us a great sign intended for the whole world”.



# STORJA TAL-POLPU MAGĦŻUL MILL-PATRIJARKI SAL-EŻILJU (1)

*Marcello Ghirlando*

## Iż-żmien bikri

Ir-reliġjon tal-Israelin ewlenin tnisslet fil-kuntest tal-istruttura reliġjuża tal-Kangħanin, kif ukoll tar-reliġjonijiet li ġew qabel, jiġifieri dik tas-Sumeri u tal-Akkadin. Xi rakkonti bikrin li nsibu fit-Torah (Ġenesi, Eżodu, Levitiku, Numri u Dewteronomju) isibu l-għeruq tagħhom fil-leġġendi antiki miktuba fid-dawl tal-miti Mesopotamiċi u l-wirt kulturali tagħhom. Fid-dawl ta' din l-istqarrija rridu nżommu quddiem għajnejna l-mumenti storiċi l-aktar importanti.

Għas-sena 7000 QEK (qabel l-era komuni) il-popli antiki bdew jiżviluppaw l-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem, filwaqt li bdew ukoll jibnu ċentri urbani fl-għoljiet fil-majjistral tal-Iran u l-Anatolja, lejn ix-xtut tal-Baħar Kaspju u l-Palestina. Lejn tmiem ir-raba' millennju (3100 QEK) is-Sumeri, li ħolqu l-kitba kunejformi, waqqfu bliet-stati fin-nofsinhar tal-Mesopotamja. Kull belt kien ikollha alla proprju tagħha, kif jixhdu l-epiċi Sumeriċi.

Kien matul it-tielet millennju li poplu Semitiku, l-Akkadin, daħlu fost is-Sumeri u għamlu tagħhom il-kitba u l-kultura tagħhom. Kien fi żmien is-Saltna l-Qadima tal-istorja Eġizzjana (2615-2175 QEK) li s-Sultan Sargon ta' Akkad waqqaf l-ewwel imperu Akkadiku li bih l-Akkadin ħakmu fuq il-Mesopotamja (2300 QEK). F'dan iż-żmien il-miti Sumeriċi nkitbu bil-forma tal-kitba Semitika. Dawn is-Semiti identifikaw l-allat tagħhom ma' dawk Sumeriċi (bħalma jidher li ġara, ngħidu aħna, fl-Epika ta' Gilgamex), allat li f'dawn il-miti kellhom kontroll fuq il-ħajja tal-bnedmin.

Fl-eqqel tiegħu l-Imperu ta' Sargon u nislu kien jiġbor fih l-artijiet mix-xatt Persjan sax-xatt Sirjan fuq il-Mediterran. Għas-sena 2200 QEK l-Imperu sfaxxa, anki minħabba l-wasla tal-Ammurin, li bdew jgħixu fl-ibliet Mesopotamiċi bħal Mari u Babel, fejn għamlu tagħhom iċ-ċivilizzazzjoni Sumera-Akkadika. L-Ammurin daħlu wkoll fis-Sirja-Palestina, jew Kangħan.

Il-waqgħa tal-Imperu Akkadiku fetħet it-triq għat-twelid mill-ġdid tas-Sumeri fit-Tielet Dinastija ta' Ur (2060-1950 QEK). Fost il-mexxejja ta' din id-dinastija nsibu lil Ħammurabi minn Babel (1792-1750 QEK), li b'sinjal ta' ġieħ lejh, inkiteb ir-rakkont Babiloniż tal-ħolqien, Enuma Elix.

Kien l-istat tal-Assirja li għas-sena 1400 QEK sar il-qawwa ewlenija fit-tramuntana tal-Mesopotamja. Is-slaten tal-Assirja, bħall-Babiloniżi, taw qima lill-allat tagħhom, u b'mod partikulari lil Axxur, meqjus bħala l-aktar wieħed importanti.

Fit-tieni millennju, f'Kangħan insibu taħlita ta' razez, il-biċċa l-kbira ta' nisel Semitiku. Ta' wħud minnhom instabu l-fdalijiet ta' tempji żgħar b'elementi komuni: bitħa bl-altar, niċeċ għal statwetti tal-kult, kolonni u ħjiel ta' sagrifiċċji tal-bhejjem. Interessanti ngħidu wkoll li t-testi ta' Ugarit, fit-tramuntana ta' Kangħan tal-qedem, juru li l-allat ta' Kangħan kienu simili ħafna għal dawk tal-Lvant Nofsani tal-qedem.

Bejn is-snin 1678-1570 QEK Kangħan u l-Eġittu tmexxew mill-Hyksos. 1570-1304 huma s-snin tas-Saltna l-Ġdida fl-istorja tal-Eġittu. Bejn is-snin 1450-1200 QEK kienu l-Ħittin li waqqfu l-Imperu tagħhom fl-Asja ż-Żgħira u fis-Sirja.

Hu għalhekk li nistgħu ngħidu li l-Iskritturi Lhud jirriflettu diversi aspetti tal-kultura Mesopotamika. Ngħidu aħna, l-Israelin dejjem iqisu lil Alla ta' Israel b'mod antropomorfiku, jiġifieri japplikaw għalih il-mod ta' mġiba tal-bniedem. Insibu xebh bejn l-Iskritturi Lhud u l-letteratura tal-Lvant Nofsani tal-qedem. Semmejna diġà, ngħidu aħna, l-Epika Babiloniża ta' Gilgamex, li nsibu parallel tagħha fir-rakkont tad-Dilluvju fil-Ġenesi. Jew nistgħu anki nsemmu l-kodiċijiet legali tal-Assirja, li tagħhom insibu ħjiel u xebh fit-twettiq tal-Patt bejn Alla ta' Israel u l-poplu tiegħu.

Iżda hu fundamentali wkoll li f'dan id-dawl nifhmu li l-Monoteiżmu tal-Israelin biddel mill-qiegħ il-kunċetti jew karatteristiċi mitoloġiċi li tagħhom hemm ħjiel fl-Iskritturi Lhud. L-eroj tal-poplu qatt mhuma meqjuma, lanqas ma huma l-antenati, il-kult qatt ma jisr biex irażżan il-qilla tal-ispirti jew tax-xjaten. Ir-rakkonti bibliċi, fix-xebh li għandhom mal-letteratura Mesopotamika, huma simplifikati u mneżżgħin mill-karatteristiċi mitoloġiċi.

Ir-reliġjon tal-Israelin tnisslet f'dan il-kuntest u għaddiet mill-monolatrija (qima lil Alla wieħed bit-twemmin fl-eżiżtenza ta' oħrajn) għal monoteiżmu (twemmin f'Alla wieħed waħdu). "Isma', o Israel: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu" (Dt 6: 4). B'din l-istqarrija, Alla ta' Israel hu meqjus bħala esseri divin li wera r-rieda tiegħu lil Israel, nebbaħ il-mexxejja tiegħu, ħelishom u mexxihom lejn l-art imwiegħda. Hu, u mhux El tal-Kangħanin, kien il-Ħallieq. Hu, u mhux Bagħal, kien l-għajn tal-ħajja kollha kemm hi. Il-montoeiżmu jsir aktar ċar u jidher fi kliem Elija (seklu IX): "Jaħweh, Alla hu! Jaħweh, Alla hu!" (1Slat 18: 39), u kemm fi kliem Ġeremija (seklu V): "Bħan-nuffara f'għalqa ħjar, l-idoli ma jitkellmux. Trid terfagħhom, għax ma jimxux. La tibżgħux minnhom, għax deni ma jagħmlux, u risq ma fihom xejn. Ħadd mhu bħalek, Mulej, int kbir, u kbir ismek f'qawwitu!" (Ġer 10: 5-6).

Mill-kulturi tal-Lvant Nofsani tal-qedem, kif diġà semmejna, huma influwenzati d-diversi kodiċijiet legali li nsibu fl-Iskritturi Lhud. Fosthom ta' min isemmi Eżodu 20-23, Dewteronomnu 12-26 u l-Kodiċi tal-Qdusija f'Levitiku 17-26, kollha kodiċijiet li jiġbru fihom liġijiet morali, ċivili u kriminali fid-dawl tal-Patt ma' Alla u li jixbhu l-kodiċijiet legali Mesopotamiċi. Fid-dawl tal-Patt ma' Alla, tal-għażla tal-poplu ta' Israel, ingħatat awtorità lis-sistema legali. Alla kellu jiġi meqjum permezz tal-Liġi u wlied Israel kellhom juru fedeltà lejh. Il-Liġi b'hekk saret maż-żmien il-qalba tal-ħajja reliġjuża ta' dan il-poplu.

Xebh ieħor mal-kultura tal-Lvant Nofsani tal-qedem hija l-insistenza fuq id-differenza bejn dak li hu "qaddis" u dak li hu "profan", insistenza li tant influwenzat il-preċetti Lhud tal-indafa ritwali li lilha l-Ktieb tal-Levitiku tant jagħti importanza u li kellha tiżviluppa aktar matul is-sekli.

Xebh ieħor insibuh fil-kult li jinkludi fih is-sagrifiċċji tal-bhejjem. Għall-kuntrarju tar-riti Mesopotamiċi, Alla tal-Iskritturi Lhud ma jiddependix mis-sagrifiċċji għall-ikel. Għall-Israelin is-sagrifiċċji huma mezz li bih isaħħu r-relazzjoni tagħhom ma' Alla, fl-espressjoni tar-radd ta' ħajr, tal-qima, tat-talb għall-maħfra tad-dnubiet li sseħħ bit-tixrid tad-demm tal-bhejjem sagrifikali.

Xebh ieħor insibuh fil-festi. Festi agrikoli tal-Kangħanin tal-qedem li l-Israelin għamlu tagħhom billi libbsuhom b'tifsira reliġjuża u li magħhom intrabat ukoll l-obbligu tal-pellegrinaġġ, kif naraw aktar 'il quddiem.

Dan kollu li għidna jista' jitqies bħala l-ħamrija li fiha r-reliġjon tal-Israelin tal-qedem xettlet għeruqha biex maż-żmien jissawwar il-Ġudajiżmu.

## Il-Patrijarki

Żmien il-Patrijarki (1900-1300 QEK) hu rrakkuntat fl-ewwel Ktieb tat-Torah, il-Ġenesi. Dan il-ktieb "tal-bidu" jitkellem fuq il-bidu tal-univers u tal-bniedem (1-11), is-sejħa u l-ġrajja ta' Abraham u l-familja tiegħu (12-36) u l-istorja ta' Ġużeppi (37-50), li biha l-ktieb jagħlaq b'kelma fuq il-familja ta' Ġakobb li tinżel tgħammar fl-Eġittu.

L-Iskritturi Lhud jippreżentaw l-ewwel fost il-Patrijarki, Abraham, bħala l-missier tan-nazzjon Lhudija. Alla jirrivela lilu nnifsu lil Abram, li kien minn Ur tal-Kaldin, belt tas-Sumeri fil-Mesopotamja.


*Il-qabar ta’ Abraham*

Kien f’Ħaran, fit-tramuntana tas-Sirja, li Abram, li nistgħu tabilħaqq illaqqmuh fil-kuntest u l-kultura tan-nomadi, jirċievi sejħa: “U l-Mulej qal lil Abraham: “Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, inbierkek u nkabbarlek ismek, u inti tkun barka. Jiena nbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek. U jitbierku bik it-tribujiet kollha tal-art.” U telaq Abram kif kien qallu l-Mulej; u mar miegħu Lot. U Abraham kellu ħamsa u sebgħin sena meta ħareġ minn Ħaran. U ħa miegħu Abram ’il Saraj martu, u ’l Lot bin ħuh, u l-ġid kollu li kienu għamlu, u n-nies li kienu kisbu f’Ħaran. U ħarġu biex imorru fl-art ta’ Kangħan, u waslu fl-art ta’ Kangħan” (Ġen 12: 1-5).

Wara li niżel l-Eġittu minħabba l-ġuħ, għadda għan-Negeb sakemm sab kenn fejn il-balluta ta’ Mamri f’Ħebron. Hawnhekk is-sejħa ta’ Abram titwettaq: “Jiena l-Mulej li ħriġtek minn Ur tal-Kaldin, biex nagħtik din l-art bħala wirt” (Ġen 15: 7).

Sejħa li ssir wegħda ta’ nisel u ta’ art imwettqa bit-twelid ta’ Iżakk minn martu Saraj, wegħda li tnissel Patt bejn Alla u Abram: “U Abram kellu disgħa u disgħin sena meta deherlu l-Mulej u qallu: “Jiena El-Xaddaj (Alla li jitsta’ kollox). Imxi quddiemi u kun perfett.
U jien nagħmel patt bejni u bejnek, u nkattrek fuq li nkattrek.” U Abram inxteħet wiċċu fl-art u Alla kellmu u qallu: “Hawn jien. Ara l-patt tiegħi miegħek: Int tkun missier ta’ ħafna ġnus. U ma tissejjaħx aktar Abram, imma Abraham ikun ismek, għax missier ħafna ġnus nagħmel minnek. U jiena nkattrek fuq li nkattrek, u nagħmel minnek ġnus sħaħ, u slaten joħorġu minnek.
U jien nagħmel il-patt tiegħi bejni u bejnek, bejni u bejn nislek warajk skont il-ġenerazzjonijiet tagħhom, patt għal dejjem, li nkun Alla tiegħek u ta’ nislek għal dejjem warajk. U jien nagħti lilek u lil nislek l-art fejn int frustier, l-art kollha ta’ Kangħan, biex tkun tiegħek għal dejjem, u jiena nkun Alla tagħhom.” U Alla żied jgħid lil Abraham: “U inti żżomm il-patt tiegħi, int u nislek warajk, skont il-ġenerazzjonijiet tagħhom. Dan hu l-patt li għandkom tħarsu bejni u bejnkom, u bejni u bejn nislek warajk għal dejjem: aħtnu kull raġel fostkom. Intom tkunu maħtuna fil-laħam ta’ ġisimkom, u dan ikun sinjal bejni u bejnkom. Jinħaten

kull tifel tagħkom ta' tmint ijiem fil-ġenerazzjonijiet tagħkom, sew jekk ikun imwieled f'darek, sew il-mixtri bil-flus mingħand il-barrani li ma jkunx min-nisel tiegħek. Jinħaten sew dak li jkun mwieled f'darek, sew dak li jkun mixtri bi flusek. U l-patt tiegħi ikun minqux f'laħamkom b'patt għal dejjem. U r-raġel li ma jinħatinx f'ġismu, jiġifieri li ma jinqatagħlux il-laħam ta' ġismu, jinqata' dan ir-raġel mill-bqija tal-poplu tiegħu, għax ikun kiser il-patt tieghi." U Alla żied jgħid lil Abraham: "Saraj martek, ma jkunx jisimha aktar Saraj, imma Sara jkun isimha, għax jiena nberikha u minnha wkoll nagħti lilek iben. U jien inberikha u tkun omm ta' popli li minnha joħorġu slaten u ġnus" (Ġen 17: 1-16).

Il-patt jissaħħaħ anki wara l-esperjenza tal-prova (ara: Ġen 22: 1-18): Alla jitlob lil Abraham joffrilu lil ibnu Iżakk. Fl-aħħar mument l-anġlu tal-Mulej iżomm lil Abraham milli jagħmel dan: "La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li inti tibża' minn Alla, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni... Naħlef fuq ruħi – oraklu tal-Mulej – la darba għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni, jien inbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad jiret bwieb l-għedewwa tiegħek. U jitbierku b'nislek il-ġnus kollha tal-art talli smajt minn kelmti" (Ġen 22: 12. 15-18).

Iżakk, il-frott tal-wegħda, huwa dak li ħa b'martu lil Rebbekka, bint Betwel l-Arami minn Fiddien-aram, oħt Laban l-Arami. It-twelid ta' tewmin minn Rebekka, Għesaw u Ġakobb, hu ppreżentat bħala frott it-talba ta' Iżakk għal martu li kienet sterili (ara: Ġen 25: 19-26).

Skont Ġen 25: 27-34 Għesaw biegħ il-primoġenitura tiegħu lil Ġakobb għall-ikel u b'hekk Ġakobb, bl-għajnuna ta' ommu, ħa l-barka ta' missieru flok ħuh Għesaw, li ħalef li joqtlu (ara: Gen 27). Alla juri lilu nnifsu lil Ġakobb f'ħolma u jagħmel miegħu wegħda: "U ħolom, u ra sellum wieqaf fl-art bil-quċċata tiegħu fis-sema; u beda jara l-anġli telgħin u neżlin miegħu. U lemaħ il-Mulej wieqaf ħdejh, u dan qallu: "Jiena l-Mulej, Alla ta' Abraham, missierek, u Alla ta' Iżakk. L-art li inti rieqed fuqha lilek nagħtiha u lil nislek. U jkun nislek bħat-trab tal-art, u int għad tinfirex lejn il-Punent u lejn il-Lvant, lejn it-Tramuntana u lejn in-Nofsinhar u jitbierku bik u bin-nisel tiegħek it-tribujiet kollha tal-art. Arani, jiena miegħek u nħarsek kull fejn tmur, u nerġa' nġibek f'din l-art, għax jien ma nitilqekx qabel ma ntemm kulma għidtlek" (Ġen 28: 12-15).

F'Ħaran, huwa u jaħdem bħala ragħaj għal zijuh Laban, Ġakobb jieħu lil Rakel u oħtha Lija b'martu. Minnhom u mill-qaddejja tagħhom, Żilfa u Bilħa, kellu tnax-il iben u tifla. Kien fi ġlieda ma' frustier misterjuż li Ġakobb jerġa' jagħmel esperjenza ta' Alla li jbiddilu ismu f'Israel: "Imbagħad Ġakobb baqa' waħdu, u ġie raġel u baqa' jissara miegħu sa ma beda jisbaħ. U meta ra li ma setax għalih, messlu l-għaksa ta' koxxtu, u l-għaksa ta' koxxet Ġakobb tfekket, hu u jissara miegħu. Imbagħad qallu: 'Ħallini mmur, għax qiegħed jisbaħ.' U Ġakobb wieġbu: 'Ma nħallikx jekk ma tberiknix.' U dak staqsieh: 'Inti x'jismek?' 'Ġakobb,' wieġbu. U dak qallu: 'Ma jkunx aktar jismek Ġakobb, iżda Israel għax int issarajt ma' Alla u mal-bnedmin, u rbaħt' ... U x-xemx kienet telgħet meta għadda minn Penuwel, izappap fuq koxxtu. Għalhekk sal-lum ulied Israel ma jiklux in-nerv tal-koxxa li hemm fl-għaksa tal-koxxa, għax Alla qabad lil Ġakobb mill-għerq tal-għaksa ta' koxxtu" (Ġen 32: 25-33).

Ġakobb, wara li tħabbeb ma' ħuh Għesaw, għex f'Kangħan sakemm ibnu Ġużeppi stiednu jinżel fl-Eġittu.

L-aħħar parti tal-Ktieb tal-Ġenesi (37-50) tirrakkonta

l-istorja ta' Ġużeppi: "Israel kien iħobb 'il Ġużeppi aktar minn ħutu kollha, għax kien twelidlu fi xjuħitu; u għamillu libsa twila bil-kmiem. U ħutu ntebħu li missierhom kien iħobbu aktar minn ħutu kollha; u saru jobogħduh u ma kellhomx ħila jkellmuh bis-sliem" (Ġen 37: 3-4).

Kien f'Sikem li din il-mibegħda u l-għejra wasslet lil ħut Ġużeppi biex, bil-parir ta' ħuhom Ġuda, ibigħuh lil xi neguzjanti Midjanin flok joqtluh. Kienet il-għejra ta' mart Putifar, uffiċċjal tal-Fargħun u kap tal-koki li kien xtara lil Ġużeppi u ħaddmu miegħu, li wasslet lil Ġużeppi jagħmel l-esperjenza tal-ħabs.

L-interpretazzjoni għaqlija tal-ħolm tal-Fargħun bidlet ix-xorti ta' Ġużeppi li jinħeles, isir gvernatur tal-Eġittu u b'xorti tajba jkun hu stess li jniżżel lil ħutu ma' missieru, Ġakobb, fl-art tal-Eġittu. Kien żmien meta diversi popli Semiti kienu jinżlu jsibu l-kenn fl-Eġittu minħabba l-ġuħ u għal raġunijiet ta' kummerċ. Jista' jkun li, jekk l-inżul ta' wlied Ġakobb ma seħħx qabel, seta' seħħ fi żmien il-Fargħun Seti I (1304-129O QEK) li kellu l-belt ewlenija f'Tanis, fil-Lvant tad-delta, f'Sogħan (Salm 78: 12. 43), fejn kien jgħammar Ġużeppi.

L-esperjenza tal-jasar għal ulied Israel tibda meta "laħaq sultan ġdid fl-Eġittu, li ma kienx jaf lil Ġużeppi" (Eż 1: 8). Jista' jkun li qegħdin fi żmien il-Fargħun Rameses II (1290-1224 QEK), li kien il-bennej taż-żewġt ibliet ta' Pitom u Ragħmses (Eż 1: 11).

## L-Eżodu

Il-ġrajja fundamentali tal-Eżodu (għas-seklu XII QEK) fit-tiswir tal-Ġudajiżmu hija rrakkuntanta fit-tieni Ktieb tat-Torah. Il-Ktieb tal-Eżodu juri kif Alla ħeles lil poplu tiegħu mill-jasar tal-Eġittu permezz ta' Mosè, li kien imsejjaħ għal din il-missjoni kbira (1-15). Ulied Israel imxew sa ma waslu ħdejn il-Muntanja Sinaj (16-18); hemmhekk jagħmlu l-esperjenza ta' Alla u permezz tal-istess Mosè jirċievu "l-għaxar kelmiet" u l-liġijiet dwar il-liturġija, is-sagrifiċċji u l-ħajja ta' kuljum (19-40).

Huwa mbagħad il-Ktieb tal-Levitiku li jispjega kif il-Mulej kompla jagħti liġijiet u istruzzjonijiet għal-Leviti permezz ta' Mosè. Dawn il-membri mit-tribù ta' Levi tħalla f'idejhom il-kult fit-Tinda Mqaddsa. Il-kitba turi kif kellhom isiru s-sagrifiċċji, x'kellhom ikunu l-offerti lil Alla, u kif isiru l-festi reliġjużi, barra l-preċetti fuq liema bhejjem setgħu jittieklu.

Kumplimentari għall-Ktieb tal-Eżodu huwa l-Ktieb tan-Numri li jkompli jirrakkonta l-ġrajja ta' wlied Israel wara l-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu u l-esperjenzi tagħhom matul l-erbgħin sena fid-deżert, fi triqthom mill-Muntanja Sinaj sal-art ta' Kangħan. Lejn it-tieni parti tal-Ktieb, ulied Israel iħejju rwieħhom biex jirbħu l-art ta' Kangħan, wara li xi tribujiet għażlu li jgħammru fil-Lvant tal-Ġordan. Ġożwè jiġi magħżul biex imexxi u miegħu oħrajn ħejjew biex jaqsmu l-art bejn it-tribujiet.

Ma' dawn it-tliet kotba ma nistgħux ma nsemmux il-ħames ktieb tat-Torah, il-Ktieb tad-Dewteronomju. Huwa ktieb li jrid jinqara fid-dawl tal-esperjenza tal-Eżodu u tat-twettiq tal-Patt.

Il-Ktieb tad-Dewteronomju jiġbor fih id-diskorsi li Mosè għamel lill-poplu biex isellmilhom qabel id-dħul fl-art imwiegħda. Ifakkar ghat-tieni darba l-liġijiet li Alla kien tah biex iwassal lill-ulied Israel. Mosè jġib quddiem għajnejn il-poplu dak kollu li Alla kien għamel magħhom filwaqt li jħeġġeġ għall-ubbidjenza u għall-fedeltà lejn il-Patt biex il-poplu jkollu l-barka u r-risq.

Il-Ktieb tal-Eżodu jiftaħ billi jirrakkonta t-twelid ta' Mosè, li jkun "salvat mill-ilma" u jittieħed biex jitrabba minn bint il-Fargħun tal-Eġittu (ara: Eż 2-3). Alla jsejjaħlu u jagħtih il-missjoni biex jeħles lill-poplu tiegħu: "Mosè kien jirgħa l-merħla

ta’ ħatnu Ġetru, qassis ta’ Midjan, u ħa l-merħla ’l hemm fid-deżert u wasal sa ħdejn il-Ħoreb, il-muntanja ta’ Alla. Hawn deherlu anġlu tal-Mulej f’ħuġġieġa nar qalb l-għollieq. Mosè ħares u ra l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm. Mosè qal: ‘Ħa nersaq u nara din id-dehra tal-għaġeb għala mhux jinħaraq l-għollieq.’ Il-Mulej rah riesaq biex jara, u Alla sejjaħlu minn qalb l-għollieq u qallu: ‘Mosè, Mosè!’ U Mosè wieġeb: ‘Hawn jien!’ U l-Mulej qallu: ‘La tersaqx ’l hawn. Neħħi l-qorq minn riġlejk, għax il-post li inti fuqu hu art qaddisa.’ U ssokta jgħidlu: ‘Jien hu Alla ta’ missirijietek: Alla ta’ Abraham, Alla ta’ Iżakk u Alla ta’ Ġakobb.’ Mosè għatta wiċċu, għax beża’ jħares lejn Alla. U l-Mulej qallu: ‘Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jien smajt il-karba tagħhom... ejja, mela, ħa nibagħtek għand il-Fargħun biex toħroġ lil ulied Israel mill-Eġittu’ ... Mosè reġa’ wieġeb: ‘Ara, jiena mmur għand ulied Israel u ngħidilhom: Alla ta’ missirijietkom bagħatni għandkom, u huma jistaqsuni, X’jismu? Jiena xi ngħidilhom?’ Alla wieġbu: ‘JIEN LI JIEN.’ U kompla jgħidlu: ‘Hekk għidilhom lil ulied Israel, JIENA HU bagħatni għandkom.’ U Alla kompla jgħidlu: ‘Hekk għandek tgħidilhom lil ulied Israel: Jaħweh, Alla ta’ missirijietkom, Alla ta’ Abraham, Alla ta’ Iżakk, Alla ta’ Ġakobb, bagħatni għandkom. Dan ikun ismi għal dejjem u dan l-isem ifakkarkom fija minn nisel għal nisel’” (Eż 3: 1-15).

Skont ir-rakkont bibliku Alla jibgħat l-għaxar kastigi fuq l-Eġittu biex iġiegħel lill-Fargħun jibgħat il-poplu tiegħu. Kien l-aħħar kastig, il-qerda tal-ulied il-kbar tal-Eġizzjani li jagħlaq id-dramm tal-kastigi, u l-poplu joħroġ mill-jasar tal-Eġittu. “U Mosè sejjaħ ix-xjuħ kollha ta’ Israel u qalilhom: ‘Aqbdu u ħudu ħaruf għal kull familja tagħkom, u oqtlu l-ħaruf tal-Għid. Ħudu qabda suf u billuh fid-demm fil-bieqja u ċappsu l-blata u l-ġnub tal-bieb bid-demm ta’ ġol-bieqja. Ħadd minnkom ma joħroġ mill-bieb ta’ daru ’l barra qabel filgħodu. Għax il-Mulej sa jgħaddi biex jidrob l-Eġizzjani imma meta jara d-demm mal-blata u l-ġnub tal-bieb, il-Mulej jaqbeż lil bwiebkom u ma jħallix lill-qerried jidħol jidrobkom fi djarkom.’ ... Ġara li f’nofs il-lejl il-Mulej darab ’l ulied il-kbar fl-art tal-Eġittu, mit-tifel il-kbir tal-Fargħun bid-dritt għat-tron sal-kbir tal-ilsir fil-ħabs, u kull ferħ tal-ewwel tal-bhejjem. U l-Fargħun qam bil-lejl, hu u l-qaddejja tiegħu, u l-Eġizzjani kollha, u telgħet twerżiqa waħda kbira mill-Eġittu, għax ma kienx hemm dar li ma kienx hemm xi mejjet fiha. Imbagħad sejjaħ lil Mosè u ’l Aron bil-lejl u qalilhom: ‘Qumu u oħorġu ’l barra minn nofs il-poplu tiegħi, intom u wlied Israel; morru aqdu lill-Mulej kif għidtu...’” (Eż 12: 21-24. 29-31).

Il-ħruġ solenni mill-Eġittu, akkumpanjat bl-għana (Eż 15: 1-21) kien biss preludju għal dak li kellu jiġri fuq il-Muntanja Sinaj fit-twettiq tal-Patt bejn Alla u l-poplu tiegħu u l-għoti tal-Liġi permezz ta’ Mosè (ara: Eż 19-20).

Ta’ importanza fundamentali huwa l-kapitu 24 tal-Ktieb tal-Eżodu: “Il-Mulej qal lil Mosè: ‘Itla’ ħdejn il-Mulej, int u Aron, Nadab u Abiħu, flimkien mas-sebgħin xiħ ta’ Israel; agħtu qima mill-bogħod; imbagħad Mosè jersaq waħdu lejn il-Mulej; imma l-oħrajn ma jersqux, u anqas il-poplu ma għandu jitla’ miegħu.’ Mosè niżel jgħid lill-poplu kulma qallu l-Mulej u kulma ordnalu. Il-poplu wieġeb b’leħen wieħed u qal: ‘Kulma qalilna l-Mulej nagħmluh.’ Mosè kiteb il-kliem kollu tal-Mulej, u filgħodu qam, bena altar taħt il-muntanja, u waqqaf tnax-il plier għat-tnax-il tribù ta’ Israel. Imbagħad bagħat xi żgħażagħ minn ulied Israel biex joffru sagrifiċċji u joqtlu għoġiela bħala sagrifiċċji tas-sliem lill-Mulej. Mosè ħa nofs id-demm u qiegħdu fi bwieqi, u xerred in-nofs l-ieħor fuq l-altar. Imbagħad ħa l-ktieb tal-patt, u qara minnu hekk li seta’ jisimgħu l-poplu.

U huma qalu: 'Kulma qalilna l-Mulej nagħmluh, u nisimgħu minnu.' Mosè mbagħad ħa d-demm, u hu u jroxxu fuq il-poplu, qal: 'Hawn hu d-demm tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skont dan il-kliem kollu.' U telgħu Mosè u Aron, Nadab u Abiħu, u s-sebgħin mix-xjuħ ta' Israel. U huma raw 'l Alla ta' Israel: taħt riġlejh kien hemm bħal ċangatura tas-saffiri, safja daqs is-sema nnifsu. Lejn il-kbarat ta' wlied Israel huwa ma meddx idu. U huma raw 'l Alla; u kielu u xorbu. Il-Mulej qal lil Mosè: 'Itla' ħdejja fuq il-muntanja, u stenna hemm u nagħtik it-twavel tal-ġebel, bil-liġi u l-kmandamenti, li jien ktibt fuqhom għat-tagħlim tagħhom.' ... Mosè tala' fuq il-muntanja u s-sħaba ksiet il-muntanja. Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja Sinaj, u s-sħaba ksietha għal sitt ijiem; u fis-seba' jum il-Mulej sejjaħ lil Mosè minn ġo nofs is-sħaba. Id-dehra tal-glorja tal-Mulej f'għajnejn ulied Israel kienet tixbah lil ħuġġieġa nar iħeġġeġ fuq il-quċċata tal-muntanja. U Mosè daħal fis-sħaba u tala' fuq il-muntanja u baqa' fuq il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl" (Eż 24: 1-18).

Diffiċli tikkonferma b'mod preċiż id-dettalji tal-Eżodu u l-indikazzjonijiet ġeografiċi li jingħataw fit-test bibliku: dawn kienu u għadhom oġġett ta' studju u diskussjoni. Jibqa' l-fatt li l-ġrajja tal-Eżodu u t-twettiq tal-Patt, fejn il-protagonista ewlieni huwa Alla, huma fundamentali għat-tiswir tal-Ġudajiżmu.

Hija t-Torah li tirrakkonta fi spirtu ta' eloġju l-mewt ta' Mosè: "Mill-wita ta' Mowab Mosè tela' fuq il-muntanja Nebu fuq il-quċċata tal-Pisga li tiġi quddiem Ġeriko. U l-Mulej urieh l-art kollha: Gilgħad sa Dan, Naftali kollu, l-art ta' Efrajm u Manassi, l-art kollha ta' Ġuda sal-baħar tal-Punent, in-Negeb fin-Nofsinhar, u l-firxa kollha mill-wita ta' Ġeriko, belt is-siġar tal-Palm, sa Sogħar. U l-Mulej qallu: 'Din hija l-art li jiena ħlift lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb, meta għidt: Lil nislek nagħtiha. Ħallejtek taraha b'għajnejk, iżda fiha ma tidħolx.' U hemm miet Mosè, il-qaddej tal-Mulej, fl-art ta' Mowab, bħalma ried il-Mulej. U difnuh fil-wied f'art Mowab, fuq ir-riħ ta' Bet-pegħor; u sal-lum qabru ħadd ma jaf fejn hu. Mija u għoxrin sena kellu Mosè meta miet; kien għadu ma ċċajparx dawl għajnejh, u lanqas saħħtu ma rħietu. Tletin jum damu wlied Israel jibku 'l Mosè fil-wita ta' Mowab. Meta għaddew jiem il-biki għal-luttu ta' Mosè, deher Ġożwè bin Nun, mimli bl-ispirtu tal-għerf, għax Mosè kien qiegħed idejh fuqu; għalhekk ulied Israel qagħdu għalih, u għamlu bħalma l-Mulej kien ikkmanda lil Mosè. Imma qatt iżjed ma deher f'Israel profeta bħal Mosè li l-Mulej kien jafu wiċċ imb wiċċ; ħadd bħalu għas-sinjali u l-għeġubijiet kollha li tah jagħmel il-Mulej fl-art tal-Eġittu kontra l-Fargħun u l-qaddejja tiegħu kollha u artu kollha: ħadd bħal Mosè, għall-għemejjel kollha ta' qawwa u ta' biża' kbir li għamel quddiem Israel kollu" (Eż 34: 1-12).

## Id-Dħul fl-Art Imwiegħda u l-Imħallfin

Meta niġu biex nitkellmu dwar id-dħul fl-Art Imwiegħda, irridu niflu xi ftit il-Ktieb ta' Ġożwè. Bħal fil-każ tal-kotba ġa msemmija dan nagħmluh mhux tant biex insibu kronoloġija preċiża tal-istorja – din ma kinitx l-intenzjoni tal-kittieba – imma biex minn dik li nsejħulha "Teoloġija tal-istorja" nisiltu l-ħjiel storiku. Dan għaliex, għall-kittieba tal-Iskritturi Lhud, Alla huwa dejjem il-protagonista tal-istorja.

Il-Ktieb ta' Ġożwè, li jieħu ismu mill-mexxej il-ġdid wara Mosè, jirrakkonta l-istorja ta' kif ulied Israel daħlu fl-art ta' Kangħan. Fl-ewwel taqsima (1-12) Alla jmexxi lill-poplu l-magħżul b'mod mirakuluż fl-isfida li dan jieħu taħt idejh l-art. Fit-tieni taqsima (13-24) il-kittieb juri kif sar it-taqsim tal-art. Ta' interess

kbir hawnhekk huma l-indikazzjonijiet ġeografiċi li tagħtina din il-kitba. Il-kitba tagħlaq b'żewġ diskorsi ta' Ġożwè lill-poplu. Bħal Mosè jfakkar fit-tjieba u l-ħniena ta' Alla biex iħajjar il-poplu għall-fedeltà lejn il-Patt.

Aktarx, fuq livell storiku, id-dħul fl-art ta' Kangħan sar fuq medda twila ta' żmien. Qegħdin fis-seklu XIII QEK. Nistgħu nitkellmu dwar infiltrazzjoni progressiva ta' wlied Israel li nqasmu skont id-diversi tribujiet li ħadu isimhom minn ulied Ġakobb: Ġożwè u Benjamin (ulied Rakel), Levi, Simgħon, Ruben, Ġuda, Issakar, Żebulun (ulied Lija), Dan u Neftali (ulied Bilħa), Gad u Aser (ulied Żilfa). Levi, it-tribù saċerdotali, ma kellhomx sehem fit-tqassim u tferrxu mal-poplu biex ikunu għall-qadi tiegħu. Mit-tribù ta' Ġużeppi ħarġu Efrajm u Manassi.

Il-Ktieb ta' Ġożwè jagħlaq bit-tiġdid solenni tal-Patt f'Sikem: "'Għalhekk issa ibżgħu mill-Mulej, u aqduh bir-reqqa u l-fedeltà; warrbu l-allat li missirijietkom qdew lil hemm mix-xmara u fl-Eġittu, u aqdu l-Mulej. U jekk ma jogħġobkomx taqdu l-Mulej, agħżlu llum lil min tridu taqdu; jekk hux l-allat li kienu jaqdu missirijietkom lil hemm mix-xmara, jew l-allat tal-Amurrin li f'arthom qegħdin tgħammru. Imma jien u dari naqdu l-Mulej.' U l-poplu kollu wieġeb u qal: 'Ma jkun qatt li aħna nħallu l-Mulej biex naqdu allat oħra. Għax kien il-Mulej, Alla tagħna, li talla' lilna u 'l missirijietna mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar, u li għamel quddiemna stess dawn il-ħwejjeġ kbar, u ħarisna matul it-triq kollha li minnha għaddejna u fost il-popli li minn ġo nofshom qsamna. U l-Mulej keċċa minn quddiemna l-popli kollha u l-Amurrin li kienu jgħammru fl-art. Għalhekk aħna wkoll lill-Mulej naqdu, għaliex hu Alla tagħna'"(Ġoż 24: 14-18).

F'dal-kuntest irridu nsemmu diversi mexxejja ta' tribujiet li maż-żmien tqiesu bħala mexxejja u eroj nazzjonali. Dawn kienu jissejħu "Imħallfin", magħżulin minn Alla biex jiddefendu lil ulied Israel mill-għedewwa, sikwit meqjusa bħala strumenti f'idejn Alla biex ireġġgħu lura lill-Israelin għall-fedeltà lejn il-Patt. L-istorja tagħhom insibuha fil-Ktieb tal-Imħallfin. Fost dawn hemm sitta kbar li għandhom rakkont itwal: Għotnijel, Eħud, Debora, Gidgħon, Ġeftaħ u Sansun.

Fi żmien l-Imħallfin saret insistenza fuq il-Patt u l-fedeltà lejh u ċ-ċaħda tar-reliġjonijiet Kagħnanin. Mill-Kagħnanin l-Israelin ħadu t-tliet festi agrikoli: il-festa tar-rebbiegħa li nbidlet f'Pesah (mogħdija), bħala tifkira tal-Eżodu; il-festa tal-ħarifa li nbidlet f'Sukkot (għerejjex), b'tifkira tal-ħajja fit-tined waqt il-mixja fid-deżert; u l-festa tal-ewlenin jiem tas-sajf li nbidlet f'Shavuot (ġimgħat), il-festa li fakkret l-għoti tal-Liġi fuq is-Sinaj.

Emblematiku huwa l-vers li jħejji għaż-żmien twil u mqalleb tal-Monarkija: "F'dak iż-żmien ma kienx hemm sultan f'Israel, u kulħadd kien jagħmel li jogħġbu" (Imħ 21: 25).

## Il-Monarkija u ż-żewġ Saltniet

Diversi huma l-kotba tal-Iskritturi Lhud li jagħtu ħjiel storiku-teoloġiku fuq iż-żmien twil tal-Monarkija (1020-586 QEK): L-Ewwel u t-Tieni Ktieb ta' Samwel, L-Ewwel u t-Tieni Ktieb tas-Slaten u l-Ewwel u t-Tieni Ktieb tal-Kronaki.

L-Ewwel u t-Tieni Ktieb ta' Samwel jieħdu isimhom mill-aħħar wieħed fost l-Imħallfin f'Israel u li kien ukoll Profeta. Fl-Ewwel Ktieb ta' Samwel, fl-ewwel taqsima (1-7), insibu preżentazzjoni tal-ħajja ta' Samwel, li kien ta' ispirazzjoni għall-armata tal-Israelin. Fit-tieni taqsima (8-15) Alla jsejjaħ lil Samwel biex jikkonsagra lil Sawl bħala sultan ta' Israel. Fit-tielet taqsima (16-30) tiddomina l-figura ta' David, li Samwel jidilku bħala s-sultan futur ta' Israel. David kellu jissielet

biex isib kenn mill-korla għajjura ta' Sawl. Il-ktieb jagħlaq bil-mewt ta' Sawl u wliedu fuq l-Għoljiet ta' Gilbogħa f'taqbida mal-Filistin (31). Fit-Tieni Ktieb ta' Samwel David jintgħażel Sultan ta' Israel kollu u jagħmel lil Ġerusalemm il-belt ewlenija tan-nazzjon il-ġdida. Fiha jtella' l-Arka tal-Patt. Minkejja l-iskandli u t-taqtigħ ta' qalb fil-ħajja ta' David, hu jibqa' fidil lejn Alla ta' missirijietu.

Fl-Ewwel Ktieb tas-Slaten il-protagonisti huma s-slaten, minn Salamun, bin David (1-2) sa Aħażija. Salamun, magħruf għal għerfu, bena t-Tempju ta' Ġerusalemm (3-11). Mal-mewt tiegħu s-saltna tinqasam (12-22), bis-Saltna ta' Israel fit-Tramuntana, u s-Saltna ta' Ġuda, fin-Nofsinhar. L-istorja tal-Profeta Elija ssib il-kuntest tagħha f'din it-tieni taqsima tal-ktieb. Fit-Tieni Ktieb tas-Slaten, fl-ewwel 17-il kapitlu, għandna l-ġrajja taż-żewġ saltniet, sakemm fis-sena 722 QEK tinqered is-Samarija u s-Saltna ta' Israel, u l-poplu jittieħed fl-jasar. B'hekk is-Saltna tat-Tramuntana tinqered darba għal dejjem. Il-kapitli 18-25 jirrakkuntaw il-ġrajjiet tas-Saltna ta' Ġuda, bil-qerda ta' Ġerusalemm fis-sena 587-586 QEK u bil-poplu li jittieħed fl-eżilju. Il-ġudizzju teoloġiku fil-Kotba tas-Slaten huwa ċar: Alla kien ikkastiga l-infedeltà tal-Israelin.

Iż-żewġ Kotba tal-Kronaki jirrakkuntaw minn angolu ieħor l-istess storja ta' Israel li nsibu fil-Kotba ta' Samwel u tas-Slaten. Fl-Ewwel Ktieb tingħata importanza lil David, il-bennej ta' Ġerusalemm, fundatur tat-Tempju u l-Liturġija tat-Tempju. Fit-Tieni Ktieb il-protagonista huwa Salamun li jitqies bħala s-sultan ideali ta' Israel. Insibu r-rakkont tal-ġrajja tal-firda u taż-żewġ saltniet, l-aktar dik tan-Nofsinhar, sal-waqgħa ta' Ġerusalemm fis-sena 587 QEK.

Imma lura għall-ħjiel storiku. Is-Sultan David saltan għal 7 snin f'Ħebron fuq Ġuda u mbagħad għal 33 sena f'Ġerusalemm, fuq Israel kollu. Waħda mill-ewwel rebħiet tiegħu kienet fuq il-Ġebusin f'Ġerusalemm. Lil din il-belt għamilha l-kapitali tiegħu; riedha bħala ċ-ċentru amministrattiv u tella' l-Arka tal-Patt fiha. Minkejja d-dgħufija morali tiegħu bl-adulterju ma' Batseba u l-qtil ta' żewġha Urija (ara 2Sam 11-12), lilu ssir wegħda mill-Mulej permezz ta' Natan, li d-dinastija tiegħu kellha tkompli. Huwa l-kliem ta' 1Sam 7 li kellu jitqies bħala wegħda "messjanika" lid-dar ta' David: "U issa għid lill-qaddej tiegħi David: 'Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Ara, jiena ħadtek mill-mergħat minn wara l-imrieħel biex tkun prinċep fuq il-poplu tiegħi Israel. Dejjem kont miegħek f'kulma kont tidħol għalih; u meta int qridt l-għedewwa tiegħek kollha minn quddiemek. Issa jiena nibnilek isem kbir jixbah l-ismijiet il-kbar li hawn fid-dinja. Nagħmel post għall-poplu tiegħi Israel, u nqiegħdu hemm fejn jgħammar bla biża', u ma jgħakksuhx iżjed il-ħżiena bħalma għamlu sa minn dejjem, jiġifieri sa minn meta qajjimt l-imħallfin fuq il-poplu tiegħi Israel; u nserrħek mill-għedewwa tiegħek kollha. Lilek imbagħad il-Mulej jagħtik kelma li jibnilek dar. U meta inti ttemm żmienek, u tkun straħt ma' missirijietek, jiena nqajjem nislek warajk, nisel ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, u nsaħħah is-saltna tiegħu. Huwa jibni dar lil ismi, u jiena nsaħħah it-tron tas-saltna tiegħu għal dejjem. Jien inkun għalih missier, u hu jkun għalija iben. Jekk jagħmel il-ħażin, jiena nwiddbu bl-istess bastun tal-bnedmin, u bid-daqqiet li jagħtu l-bnedmin. Imma t-tjieba tiegħi lejh qatt ma nwarrabha għalkollox minnu, bħalma warrabtha minn ma' Sawl li jiena begħedt minn quddiemek. Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi. It-tron tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem.' Natan kellem lil David skont dan il-kliem u din il-viżjoni" (2Sam 7: 8-17).

Fost ulied David li tqabdu għat-tron, joħroġ rebbieħ Salamun (961-922 QEK), li jidher li kien amministraur għaqli u għaref: "U Alla ta għerf lil Salamun u dehen kbir ħafna, u moħħ bla qjies bħar-ramel f'xatt il-baħar. U l-għerf ta' Salamun kien akbar mill-għerf tan-nies kollha tal-Lvant u mill-għerf kollu tal-Eġittu" (1Slat 4: 9-10). It-tradizzjoni biblika għolliet l-għerf tiegħu: aktarx li hu sar magħruf b'din il-karatteristika għax kien hu li waqqaf l-ewwel 'skejjel' biex iħarreġ skribi jafu jiktbu u jaqraw għal raġunijiet ta' korrispondenza u kummerċ. Dan barra l-fatt li tlaqqam fil-moviment intelletwali taż-żmien bħalma għamlu slaten u filosofi fl-Eġittu u fil-Mesopotamja. Fi żmien Salamun tkattar il-kummerċ mal-Feniċja, is-Sirja u ċ-Ċiliċja, Tir, l-Eġittu, fil-Baħar l-Aħmar u l-Oċean Indjan. B'hekk seta' jibni mhux biss il-palazz tiegħu imma anki, u fuq kollox, it-Tempju ta' Ġerusalemm: "David missieri kellu f'moħħu li jibni tempju lill-isem tal-Mulej, Alla ta' Israel. U l-Mulej qal lil David missieri: 'Sewwa li kellek f'qalbek li tibni tempju lil ismi, tajjeb li ġiek f'rasek dan: imma mhux int tibnih it-tempju, imma ibnek, li joħroġ mill-ġewwieni tiegħek, għad jibni tempju lil ismi.' U l-Mulej żamm kelmtu li kien tkellem, u jiena lħaqt flok David missieri, u qgħadt fuq it-tron ta' Israel, bħalma kien wiegħed il-Mulej, u bnejt it-tempju lil isem il-Mulej, Alla ta' Israel. U għamilt hemm post għall-arka li fiha hemm il-patt tal-Mulej, li għamel ma' missirijietna meta ħariġhom mill-art tal-Eġittu" (1Slat 8: 17-21).

Kienet is-sistema tat-tassazzjoni li kellha tifred is-saltna tiegħu. L-idea li kull distrett tat-tnax-il tribù kellu jħallas għall-ispejjeż ta' xahar tal-qorti rjali ma niżlitilhomx lit-tribujiet fit-Tramuntana, u lanqas l-impożizzjoni tax-xogħol ta' bilfors. Dan wassal mhux biss għat-tgergir imma saħanistira xettel il-bidu tal-firda tas-saltna.

Mal-mewt ta' Salamun, ibnu Reħobogħam (930-908 QEK) ħa s-saltna f'idejh. L-isforz ta' rikonċiljazzjoni bejn it-tribujiet tat-Tramuntana u dawk tan-Nofsinhar falla minħabba l-arroganza ta' Reħobogħam: "Ġerobogħam u l-poplu kollu ġew għand Reħobogħam hekk kif kien ordnalhom is-sultan... 'Missieri taqqlilkom il-madmad, u jien se nżid fuqu. Missieri kien isawwatkom bil-frosti, imma jien insawwatkom bl-iskorpjuni.' U hekk is-sultan baqa' ma tax widen lill-poplu, ladarba din il-ħaġa seħħet kif kien riedha l-Mulej, sewwasew biex il-Mulej isaħħaħ kelmtu li kien qal lil Ġerobogħam bin Nebat permezz ta' Aħija ta' Silo. Meta Israel kollu ra li s-sultan ma tahx widen, il-poplu wieġeb lis-sultan u qallu: 'Ebda sehem ma għandna ma' David; ebda wirt ma' bin Ġesse! Għat-tined tiegħek, Israel! Issa aħseb int għal darek, David!' U Israel telqu għat-tined tagħhom. Iżda Reħobogħam baqa' jsaltan fuq ulied Israel li kienu joqogħdu fl-ibliet ta' Ġuda. Meta mbagħad is-sultan Reħobogħam bagħat lil Adoram, dak li kien jieħu ħsieb il-lieva, Israel kollu ħaġġru u qatluh. Imbagħad is-sultan Reħobogħam fittex jirkeb il-karru biex jaħrab lejn Ġerusalemm. U hekk Israel inqata' minn dar David, u baqgħu mifruda minnha sal-lum. Malli Israel kollu semgħu li Ġerobogħam kien raġa' lura, bagħtu jsejħulu għal-laqgħa u għamluh sultan fuq Israel kollu. U ħadd minnhom ma mar wara d-dar ta' David ħlief it-tribù ta' Ġuda weħidha" (1Slat 12: 12-20).

Ġerobogħam (930-910 QEK) waqqaf il-belt ewlenija tiegħu l-ewwel f'Sikem u mbagħad f'Tirza. Waqqaf santwarji f'Dan u f'Betel, bl-għoġiela tad-deheb fihom, biex niesu ma jitilgħux Ġerusalemm, u jakkomoda anki l-popli Kangħanin li kienu jgħixu fit-territorju tiegħu.

Il-ġudizzju teoloġiku fuq is-slaten ta' Israel huwa dejjem negattiv. Ir-ritornell "għamel ħażin f'għajnejn il-Mulej u ġagħal lil Israel

jidneb" (1Slat 15: 34) hu mtenni kontinwament mill-kittieba, li sikwit kienu min-Nofsinhar u ġġudikaw b'mod negattiv it-taħlita tar-reliġjonijiet Kagħnanin ma' dik tal-Israelin.

Hekk, ngħidu aħna, inkiteb għal Nadab (910-909 QEK), bin Ġerobogħam, u ibnu Bagħsa (909-886 QEK). Ela, bin Bagħsa, inqatel wara sentejn minn Żimri, kap tal-armata. Dan saltan għal sebat ijiem u warajh saltan Għomri (885-874 QEK), kap tal-eżerċtu. Warajh laħaq Aħab (874-852 QEK) li żżewweġ lil Ġeżabel, prinċipessa mill-Feniċja. Dan tħabbeb mas-Saltna ta' Ġuda billi żewweġ lil bintu Għatalija lil Ġoram (851-842 QEK), bin Ġosafat (875-851 QEK). Kien Aħab li bena santwarju fis-Samarija u ppermetta l-qima ta' Bagħal. Dan qiegħdu f'konfront dirett mal-Profeta Elija minn Tisbi ta' Gilgħad (ara: 1Slat 17-19; 2Slat 2: 1-14) u l-ġudizzju kontrih kien aħrax: "...wasal biex ta qima lil Bagħal u adurah. Lil dan għamillu wkoll altar fit-tempju li bnielu f'Samarija. Aħab waqqaf ukoll ix-xbieha tal-Asera, u żied jagħmel ħwejjeġ oħra ħżiena, hekk li għadab għalih il-Mulej, Alla ta' Israel, iżjed milli għas-slaten kollha ta' Israel, li kien hemm qablu" (1Slat 16: 31-33). Fil-kuntest tan-negattività ta' Aħab tispikka l-missjoni ta' Elija li jiddefendi l-fidi f'Alla wieħed. Huwa l-istess Elija li skont it-tradizzjoni biblika ttella' s-sema fil-karru tan-nar: "...U wlied il-profeti li kienu f'Ġeriko ħarġu jilqgħu lil Eliżew u qalulu: 'Taf int li llum il-Mulej sa jeħodlok lil sidek minn miegħek?' ... U ġara li huma u sejrin, jimxu u jitkellmu, f'daqqa waħda karru tan-nar bi żwiemel tan-nar firidhom minn xulxin, u Elija tala' s-sema fir-riefnu. Eliżew baqa' jħares u jgħajjat: 'Missieri, Missieri, il-karru ta' Israel u r-rikkieb tiegħu.' U ma rahx iżjed; u qabad fi ħwejġu u ċarrathom f'biċċtejn" (1Slat 2: 4-12).

Wara Aħaż saltan ibnu Aħażija (852-850 QEK) u warajh ibnu Ġoram (850-842 QEK), sakemm il-Profeta Eliżew (ara: 1Slat 19: 19-21; 2Slat 1: 1-8.15) u dawk li baqgħu fidili għall-fidi ta' Israel għażlu lil Ġeħu (842-815 QEK) biex isaltan fuq Israel. Kien Ġeħu li qatel flimkien lil Ġoram, il-predeċessur tiegħu, u lil Aħażija (842 QEK), sultan ta' Ġuda. Qatel ukoll lil Ġeżabel u b'hekk kisirha mal-Feniċi u mas-saltna ta' Ġuda!

F'Ġuda, Għatalija (847-837 QEK), oħt Aħab, ħadet is-setgħa u qatlet lil kull min kellu d-dritt għat-tron. Ġowas (837-800) biss ġie salvat mill-qassis Ġeħojada, li mexxa kolp ta' stat kontra Għatalija biex dan isaltan.

Kien f'dan il-mument storiku li Salmanaser III (894-824 QEK), sultan tal-Assirja, ried ikabbar l-imperu tiegħu. Fi żmien is-sultan Ġeħu ġarraf lil Damasku fis-Sirja u ġiegħel lil Feniċja u lil Israel iħallsu t-tributi biex jiffrankalhom il-qerda. Aktar tard Ħażajel (843-796 QEK), sultan tas-Sirja (Aram), sfrutta mument ta' dgħufija għal Assirja u rvell f'Ninwè biex għamel lis-saltna ta' Israel provinċja tiegħu. Kien żmien is-sultan Ġeħowaħaż (815-801 QEK), bin Ġeħu. Is-sultan ta' Ġuda, Ġeħowas, offra teżori mit-Tempju lil Ħażajel biex jeħles il-belt ta' Ġerusalemm mill-qerda. Iżda malli l-Assiri reġgħu ħabtu għal Damasku, Ġowas (801-786 QEK), sultan ta' Israel, reġġa' lura għas-saltna tiegħu t-territorju maħtufa fis-snin ta' qabel.

Ir-rakkont bibliku hawnhekk jitkellem mill-mewt tal-Profeta Eliżew u l-miraklu li seħħ fuq il-qabar tiegħu fi dħul is-sena: "Eliżew marad b'marda li kellu jmut biha. U Ġowas sultan ta' Israel niżel ħdejh... u Eliżew miet u difnuh. Fi dħul is-sena qatgħa ħallelin minn Mowab bdew deħlin fil-pajjiż. Darba, meta xi wħud kienu qegħdin jidfnu mejjet, raw qatgħa minnhom u xeħtu r-raġel fil-qabar ta' Eliżew u telqu. Malli r-raġel mejjet mess mal-għadam ta' Eliżew, ħa l-ħajja, u qam fuq riġlejh" (2Slat 13: 14-21).

Bħalma kien għamel Ġowas, hekk għamel Amasija (800-783 QEK), sultan ta' Ġuda, u

reġa' ħa lura t-territorju tas-saltna mill-Edumin. Amasija ġġieled kontra Israel, imma tilef u Ġowas ħabat għal Ġerusalemm. Amasija nqatel f'Lakis minn niesu stess. Floku laħaq ibnu Għażarija (783-742 QEK).

Taħt Għażarija f'Ġuda, u Ġerobogħam II (786-746 QEK) f'Israel, il-pajjiż kollu għadda erbgħin sena fi żmien ta' ġid. Kien żmien ta' tiġdid materjali kbir. Bħal dejjem fl-istorja tal-poplu l-magħżul dehru l-profeti li jiġġudikaw l-istorja preżenti mill-għajnejn ta' Alla. Hekk, ngħidu aħna, fi tmien is-saltna ta' Ġerobogħam II, deher Għamos, ir-ragħaj ta' Tekugħa, mis-saltna ta' Ġuda, li ħadha kontra l-korruzzjoni morali u l-moħqrija tal-foqra fis-saltna ta' Israel: Israel kien qed jeħodha kontra l-Patt. Il-kult vojt u l-imġiba ħażina kellhom ikunu rahan ta' kastig f'Jum il-Mulej (ara: Għamos 3-6). L-istess linja ta' predikazzjoni nsibuha fil-Profeta Hosegħa, kontemporanju ta' Għamos, li jxandar l-imħabba dejjiema, anki jekk ittraduta, ta' Alla għall-poplu tiegħu (Hosegħa 11-12).

Ix-xamma tal-qerda li kellhom il-profeti bdiet isseħħ: kien Tiglet-Pilesar III (745-727 QEK) li beda jespandi saltnatu fi żmien Menahem (746-738 QEK), sultan ta' Israel. Pekaħija (738-737 QEK), ibnu, dam isaltan sentejn għax ħallas it-tribut lill-Assiri. Ħadlu postu bil-vjolenza Pekaħ (737-732 QEK) li għamel ftehim ma' Resin, is-sultan tas-Sirja. Meta Ġotam (742-735 QEK) ta' Ġuda ma riedx jingħaqad magħhom, daru kontrih.

Kien f'dan iż-żmien li l-Profeta Isaija qal lil Aħaż (735-715 QEK), li laħaq wara Ġotam, li s-Sirja u Israel kellhom jinqerdu. U hekk ġara: filwaqt li l-Assiri niżlu mit-Tramuntana, Pekaħ inqatel mis-sultan Ħosegħa (732-722 QEK) li ħadlu postu: dan kellu jċedi lill-Assiri, li mmexxija minn Salmaneser V (727-722 QEK), rebħu il-belt tas-Samarija. Sargon II (722-705 QEK) iddeporta kważi 30,000 mill-Israelin. Is-saltna ta' Israel intemmet darba għal dejjem. 2Slat 17: 7-8 jagħti ġudizzju teologiku negattiv fuq it-tmiem drammatiku tas-saltna ta' Israel: "Dan kollu ġralhom għaliex ulied Israel kienu dinbu kontra l-Mulej, Alla tagħhom, li kien tellagħhom mill-Eġittu minn taħt il-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu. Iżda huma bdew iqimu allat oħra; imxew fuq id-drawwiet tal-ġnus li Alla kien keċċa quddiem ulied Israel, u fuq id-drawwiet li kien daħħlu s-slaten ta' Israel."

It-theddida tal-Assirja baqgħet imdendla wkoll fuq is-saltna ta' Ġuda. Is-sultan Aħaż (735-715 QEK) kellu jikkomprometti ruħu bil-ħlas tat-tributi u billi ħeġġeġ lill-poplu jqim l-allat tal-Assirja. Kompromess li swielu l-qilla tal-Profeti Isaija u Mikea: "Isimgħu dan, mela, kbarat tad-dar ta' Ġakobb, u mexxejja tad-dar ta' Israel, li għandkom mibegħda għall-ġustizzja, u tħassru kulma hu sewwa, li tibnu 'l Sijon bid-demm, u lil Ġerusalemm bil-ħażen... Għalhekk, minħabba fikom, Sijon għad tinħarat bħal għalqa, borġ ġebel għad issir Ġerusalemm, u l-muntanja tat-tempju għolja kollha siġar" (Mik 3: 9-12).

Is-suċċessur ta' Aħaż, Ħeżekija (715-687 QEK), fuq il-kelma ta' Isaija (ara: Is 20), kien għaqli biżżejjed li ma jidħolx f'alleanza mal-Eġittu u l-Filistja. Wettaq riforma reliġjuża billi neħħa l-altar tal-allat tal-Assirja u ċċentralizza l-kult f'Ġerusalemm billi għalaq is-santwarji lokali. Ħejja għall-gwerra lil Ġersusalemm bil-bini tas-swar, u bit-tħaffir tal-mina ta' Silwan daħħal l-ilma ġieri fil-belt.

Mal-mewt ta' Sargon II, is-slaten tal-Babilonja u l-Eġittu kkonvinċew lil Ħeżekija biex flimkien jissieltu kontra l-Assirja. Iżda Sanħerib (705-681 QEK) ma ħallihiex tgħaddi lixxa lill-għedewwa tiegħu: ħakem lil Babilonja, il-Feniċja u l-Filistja u ħabat għal Ġerusalemm. Għal xi raġuni l-Assedju ma seħħx (ara: 2Slat 18: 13 – 19: 35-37; Is 36-38). Mal-mewt

ta' Esarħadin, is-saltna tal-Assirja nqasmet fi tnejn, bejn iż-żewġ uliedu: Assurbanipal li saltan minn Ninwè u Samas Sanakin li saltan minn Babel.

Manassi (687-642 QEK) laħaq wara Ħeżekija. Dan kien fil-prattika maħkum mill-Assirja. Kemm hu u kemm ibnu Amon (642-640 QEK) kellhom jerġgħu jdaħħlu l-kult lejn l-allat tal-Assirja. In-nazzjonaliżmu beda jgħolli rasu f'Ġuda hekk kif ftit ftit l-Assirja bdiet tiddgħajjef. Is-sultan Ġosija (640-609 QEK) ried jespandi t-territorju tiegħu u jwettaq riforma reliġjuża. Kien żmien il-Profeta Ġeremija li kellu l-missjoni xejn sabiħa li jħabbar il-qerda ta' Ġuda.

Ġosija reġa' ċċentralizza l-kult: qered is-santwarju f'Betel, mibni minn Ġerobogħam I, u ta importanza kbira lil ktieb misjub fit-Tempju, aktarx il-Ktieb tad-Dewteronomju. Bis-saħħa tiegħu reġa' ġġedded il-Patt: "Imbagħad is-sultan bagħat jiġbor madwaru x-xjuħ kollha ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm. U s-sultan tala' fit-tempju tal-Mulej, u miegħu n-nies kollha ta' Ġuda, u dawk kollha li kienu jgħammru f'Ġerusalemm, u l-qassisin u l-profeti u l-poplu kollu, miż-żgħir sal-kbir. U b'mod li jisimgħuh qara l-kliem kollu tal-ktieb tal-patt, li kien instab fit-tempju tal-Mulej. Is-sultan wieqaf ħdejn il-pilastru, għamel patt quddiem il-Mulej li jimxi wara l-Mulej u jħares il-kmandamenti u l-preċetti u l-liġijiet tiegħu b'qalbu kollha u b'ruħu kollha, u jżomm il-kliem ta' dan il-patt, miktub f'dan il-ktieb. U l-poplu kollu qagħad għal dan il-patt" (2Slat 23: 1-3).

Ġosija nqatel f'Megiddu huwa u jipprova jżomm lura l-armata tal-Eġittu, li f'alleanza mal-Babiloniżi, kienet tiela' kontra l-Assirja. Aktar tard l-Eġizzjani għamlu lil Ġeħojakim (695-698 QEK) bħala sultan f'Ġuda. Geħojakim tħabbeb mas-sultan tal-Babiloniżi, Nabukodonosor II (605-562). Fis-sena 605 QEK l-imperu tal-Assiri nqered mill-Babiloniżi.

Iżda Ġeremija u Ħabakuk komplew iħabbru l-qerda tas-saltna ta' Ġuda, qerda li kienet qiegħda tinkiteb! Wara li l-Eġittu rebħu battalja kontra Nabukodonosor, Ġeħojakim għażel it-triq tar-ribelljoni kontrih. Imma tqarraq bil-kbir. Nabukodonosor daħal fl-art ta' Ġuda u rebaħ lil Ġerusalemm. Flok Ġeħojakim, li nqatel, sar sultan ibnu Ġeħojakin (597). Flimkien miegħu tkaxkru fl-eżilju l-kbarat tas-saltna.

Sedekija (597-586 QEK) huwa l-aħħar sultan ta' Ġuda. Dan ċaħad il-parir ta' Ġeremija li jilqa' d-dominazzjoni tal-Babiloniżi u tħabbeb mal-Eġittu biex jeħodha kontrihom. Nabukodonosor reġa' tela' għal Ġerualemm fis-sena 586 QEK: ġarrafha bis-sħiħ. Lil Sedekija għamewh u ħaduh fl-eżilju. Hekk kellha tibda l-esperjenza qarsa fl-eżilju, bogħod mill-art ta' Ġuda u l-belt ta' Ġerusalemm, kif insibu fis-Salm 137: 1-6: "F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna, aħna u niftakru f'Sijon. Mas-siġar tal-luq tagħha, dendilna ċ-ċetri tagħna. Għax hemm, dawk li jassruna, talbuna ngħannulhom xi għanja; dawk li hemm għakksuna stennew minna għanja ta' ferħ: 'Għannulna mill-għanja ta' Sijon.' Kif nistgħu ngħannu l-għana tal-Mulej f'art barranija? Tibbiesli idi l-leminijia, jekk qatt ninsa lilek, Ġerusalemm! Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi, jekk ma niftkarx fik, jekk ma nżommx lil Ġerusalemm 'il fuq minn kull ferħ tiegħi!"

Esperjenza li tqieset bħala kastig ta' Alla, kif karab l-awtur tal-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet: "Kif saħħab f'għadbu Sidi 'l bint Sijon! Mis-sema waddab mal-art il-ġmiel ta' Israel. U ma ftakarx f'mirfes riġlejh, f'jum il-korla tiegħu. Il-Mulej Sidi, mingħajr ebda ħniena, qered l-għamajjar kollha ta' Ġakobb; fil-korla tiegħu ġarraf il-fortizzi ta' Ġuda. Xeħet mal-art u żeblaħ is-saltna u l-kbarat tagħha" (2: 1-2).




# IR-RAGĦAJ U L-BIEB TAN-NAGĦAĠ

*Rev. Prof. Martin Micallef*

Il-Kapitlu 10 tal-Evanġelju skont San Ġwann jiddeskrivi lil Ġesù bħala "ir-ragħaj it-tajjeb" u "l-bieb tan-nagħaġ." Għalhekk, flimkien ma' dak li naqraw f'Mt 18:12-14 u Lq 15:4-7, nistgħu nqisu Ġw 10 bħala l-għejun u l-isfont, li għal tant żmien servew biex il-Knisja tippreżenta lil Ġesù b'dawn it-tixbihat tant sbieħ, b'mod speċjali dik tar-ragħaj. F'dan l-istudju sejrin inħarsu lejn kif inhu mibni l-Kapitlu 10 tal-Evanġelju skont San Ġwann, filwaqt li ser nippruvaw ukoll nispjegaw it-tixbihat użati għal Ġesù f'rabta jew f'kuntrast ma' tixbihat oħra li jissemmew f'dan il-Kapitlu.

## L-istruttura tad-Diskors

Ġw 10:1-21 nistgħu nqisuha bħala taqsima li tagħlaq il-materjal fir-Raba' Evanġelju li hu marbut mal-festa tat-Tabernakli,[1] - *Sukkot* - hekk kif fi Ġw 10:22 tibda taqsima oħra li ttul sal-aħħar ta' dan il-Kapitlu u li hija marbuta mal-festa tad-Dedikazzjoni tat-Tempju, magħrufa wkoll bħala "il-festa tal-Purifikazzjoni tat-Tempju,"[2] "il-festa tad-dawl,"[3] jew bil-Lhudi *Hannukah*.[4]

Huma bosta dawk l-istudjużi li jargumentaw favur ir-rabta bejn dak li naqraw fi Ġw 10 ma' dak li nsibu qabel fil-Kapitlu 9,[5] il-ġrajja tar-raġel għama mit-twelid, b'mod illi Ġw 9:39-41 - il-versi li fihom naqraw kif Ġesù jaffaċja l-qalb iebsa tal-Fariżej li baqgħu ma emmnux fih - iservu ta' transizzjoni bejn iż-żewġ siltiet.[6] Jekk inżommu ma' din il-pożizzjoni, nistgħu ngħidu li l-udjenza li jindirizza Ġesù fil-bidu tal-Kapitlu 10 huma dawn l-istess Fariżej, kif jidher ukoll fil-v.6 fejn insibu referenza ritrospettiva għalihom permezz tal-kelma - "huma" - "Din il-parabbola qalhielhom Ġesù, iżda *huma* ma fehmux x'ried jgħidilhom biha." B'dan il-mod, l-Evanġelista San Ġwann joħloq kuntrast qawwi bejn Ġesù, ir-ragħaj it-tajjeb, u l-Fariżej li waslu biex keċċew mis-sinagoga lir-raġel agħma mit-twelid, għalkemm Ġesù, ir-ragħaj it-tajjeb, mar isibu. Filwaqt li dan ir-raġel jisma' "il-leħen" tar-ragħaj bħala wieħed min-nagħaġ ta' dan ir-ragħaj,[7] fl-istess ħin huwa jirrifjuta li jisma' l-leħen ta' rgħajja oħra.

Fid-dawl ta' dawn l-argumenti, hemm min jaqsam dan id-diskors f'ħames taqsimiet differenti:

Ġw 9:39-41 – Introduzzjoni. Ġesù jikkundanna lill-Fariżej għall-arroganza għamja tagħhom.

Ġw 10:1-6 – Ġesù jitkellem bit-tixbiha tal-bieb tan-nagħaġ, xi ħaġa li l-Fariżej ma jirnexxilhomx jifhmu.

Ġw 10:7-13 – Ġesù jippreżenta lilu nnifsu bħala l-bieb tan-nagħaġ u bħala r-ragħaj it-tajjeb, f'kuntrast mal-ħallelin, il-briganti u l-mikri.

Ġw 10:14-18 – Ġesù ir-ragħaj it-tajjeb hu f'għaqda mal-Missier, u jiddikjara li lest jagħti ħajtu għan-nagħaġ.

Ġw 10:19-21 – Konklużjoni. Qasma – *schisma* – fost il-'Lhud.'[8]

Minkejja li jidher li hemm rabta bejn il-Kapitlu 9 u 10, studjużi oħra iżda joġġezzjonaw għal dan hekk kif dawn jargumentaw li hemm bidla fis-suġġett. Filwaqt li fil-Kapitlu 9, it-tema li tiddomina hija dik tad-dawl, fil-Kapitlu 10, id-diskors jikkonċentra fuq ir-ragħaj f'rabta man-nagħaġ.[9] Hemm wkoll il-kwestjoni kronoloġika. Il-festa tat-Tabernakli kienet isseħħ f'Settembru-Ottubru, filwaqt li l-festa tad-Dedikazzjoni li ssir referenza għaliha fi Ġw 10:22 kienet issir f'Diċembru. F'dan il-każ, ir-Raba' Evanġelju jqiegħed perjodu ta' tliet xhur bejn dak li ġara f'Kapitlu 9 ma' dak li naqraw fi Ġw 10:22.[10]

Rodolf Bultmann isostni li għalkemm id-diskors tar-ragħaj it-tajjeb - Ġw 10:1-21 - fil-forma finali tiegħu jappartjeni lill-Evanġelista, il-materjal hu meħud minn għejun Gnostiku. Bultmann jargumenta wkoll li dan it-test ma ġiex trasmess fis-sekwenza oriġinali. Għalhekk huwa jipproponi din is-sekwenza: Ġw 10:22-

26; 11-13; 1-10; 14-18 u 27-39.[11] Din it-teorija tibqa' biss waħda ipotetika u li ġiet skartata minn ħafna studjużi. Dan minħabba li m'għandna l-ebda evidenza testwali li tista' ssaħħaħ din il-kostruzzjoni letterarja.

Aktar tentattivi dwar l-oriġini ta' dan id-diskorst ta' Ġesù fil-Kapitlu 10 jsiru minn Raymond E. Brown. Dan il-ġgant fl-istudji ta' San Ġwann iqis dan id-diskors fil-Kapitlu 10, bħala wieħed li fih Ġesù jitkellem minn żewġ 'parabboli/tixbihat' differenti. L-ewwel waħda tokkupa l-versi 1 sa 3a u titratta l-mod ta' kif wieħed jersaq jew jasal għand in-nagħaġ, b'mod illi din l-ispjega tikkonċentra aktar fuq il-bieb. It-tieni waħda tokkupa l-versi 3b sa 5 u titratta r-relazzjoni bejn ir-ragħaj u n-nagħaġ, b'mod illi l-ispjega ta' dan tikkonċentra fuq ir-ragħaj.[12] Rudolf Schnackeburg iżda, jmeri din il-pożizzjoni billi jargumenta li hemm wisq elementi paralleli ma' xulxin f'dawn il-versi.[13]

## Diskors b'tifsira moħbija

Id-diskors li jokkupa l-ewwel sitt versi tal-Kapitlu 10 huwa deskritt bħala *paroimia,* terminu li jista' jkollu aktar minn tifsira waħda, bħal tixbiha, proverbju, kelma b'tifsira moħbija biex insemmu xi wħud,[14] li hu tradott minn Saydon bħala "tixbiha" filwaqt li l-*Għaqda Biblika* titraduċih bħala "parabbola" – "Din il-*parabbola* (bil-Grieg: *paroimia*) qalhielhom Ġesù, iżda huma ma fehmux x'ried jgħidilhom biha."

In-nota li l-udjenza għal dan id-diskors ma fehmitx dak li Ġesù ried ifisser b'din il-*paroimia* hija nota li r-Raba' Evanġelista jibqa' jirrepeti matul in-narrattiva.[15] Hekk, pereżempju naqraw fil-każ ta' Nikodemu li mar jiltaqa' ma' Ġesù bil-lejl u ma fehemx il-kliem ta' Ġesù meta qallu li jeħtieġlu jitwieled mill-ġdid.[16] Hekk ukoll jiġri fil-laqgħa bejn Ġesù u l-mara Samaritana meta Ġesù joffrilha "ilma ħaj."[17] F'dan l-episodju naqraw ukoll kif id-dixxipli ma fehmux kliem Ġesù meta dan qalilhom li għandu ħobż li huma ma jafux bih.[18] Aktar tard, naqraw ukoll kif 'il-Lhud,' għalkemm jistqarru li kienu jafu l-ġenituri ta' Ġesù[19] u minn fejn ġie,[20] xorta jibqgħu ma jsirux jafu lill-'Missier.'[21]

## Il-Bieb

Bi tweġiba għall-udjenza li ma fehmitx din il-*paroimia*, Ġesù jipprovdi spjega fil-versi 7 sa 18.[22] It-tifkira tad-Dedikazzjoni tat-Tempju u l-qari liturġiku marbut ma' din il-festa Lhudija[23] li kien jikkonċentra fuq ir-rgħajja ta' Israel, huma l-kuntest u l-isfond li minnu huma meħudin it-tixbihat li Ġesù jistlet biex jitkellem fuqu nnifsu f'dan id-diskors ta' Ġw 10.

Ġesù jidentifika lilu nnifsu mal-"bieb" (bil-Grieg: *thyra*) fil-versi 1, 7 u 9. Fil-vers 1 naqraw: "Tassew tassew ngħidilkom, min ma jidħolx fil-maqjel tan-nagħaġ mill-bieb, imma jaqbeż ġewwa minn naħa oħra, dan hu ħalliel u brigant." Fil-vers 7 imbagħad, Ġesù hu aktar speċifiku fl-identifikazzjoni tiegħu mal-bieb: "Tassew tassew ngħidilkom li l-bieb tan-nagħaġ huwa jien (bil-Grieg: *amen, amen lego hymin hoti ego eimi he thyra ton probaton*)." Fil-vers 9 huwa jirrepeti dan il-kliem, mingħajr iżda l-użu tal-frażi "tan-nagħaġ" - "Jiena hu l-bieb (bil-Grieg: *ego eimi he thyra*); jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa."

F'dawn l-istqarrijiet fuqu nnifsu bħala l-"bieb," Ġesù jenfasizza l-mod leġittimu ta' kif wieħed jidħol ħdejn in-nagħaġ. F'kuntrast miegħu, "min ma jidħolx fil-*maqjel* (bil-Grieg: *aule*) tan-nagħaġ mill-bieb imma jaqbeż minn ġewwa minn naħa oħra, dak hu ħalliel (bil-Grieg: *kleptes*) u brigant (bil-Grieg: *lestes*)."[24] Il-konklużjoni ta' dan kollu huwa li hemm mod wieħed kif tidħol fil-maqjel tan-nagħaġ, u dan hu 'okkupat' minn Ġesù.[25] Ninnutaw li l-kelma "maqjel" fit-test Grieg hija

*aule.* Dan it-terminu kien jirreferi għall-bitħa tat-Tempju ta' Ġerusalemm,[26] b'mod illi xi studjużi jqisu dan il-kliem ta' Ġesù hawnhekk f'riferiment mat-Tempju l-ġdid imħabbar fit-Testment il-Qadim.[27]

Xi wħud jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li r-referenzi li fihom Ġesù jidentifika lilu nnifsu mal-bieb jinkludu żewġ interpretazzjonijiet differenti. L-ewwel interpretazzjoni hija marbuta ma' vers 8. Din l-interpretazzjoni nistgħu nqisuha qrib ħafna l-*paroimia* hekk kif hawn nerġgħu naqraw dwar ħallelin u briganti li jevitaw li jidħlu mill-bieb.

It-tieni interpretazzjoni hija marbuta mal-versi 9 u 10 fejn Ġesù jitkellem mill-bieb bħala mezz ta' salvazzjoni mhux għar-ragħaj imma għan-nagħaġ, jiġifieri għal dawk li jappartjenu lil dan ir-ragħaj, u li lkoll jeħtiġilhom igħaddu minnu. Din l-interpretazzjoni iżda ftit li xejn għandha x'taqsam ma' versi 1-3, b'mod li hawn min iqis dan il-kliem bħala wieħed meħud minn xi kuntest ieħor jew minn għejun ieħor.[28]

Fil-fatt, hemm xhieda testwali antika għal Ġw 10:7. Minflok ma din taqra "Tassew tassew ngħidilkom li l-bieb tan-nagħaġ huwa jien," fiha naqraw hekk: "Jiena r-ragħaj tan-nagħaġ." B'dan il-mod, tissolva t-tensjoni bejn dawn l-istqarrijiet fi Ġw 10. Imma xi studjużi jiġbdu l-attenzjoni li l-konfużjoni bejn "ragħaj" u "bieb" hija r-riżultat ta' traduzzjoni żbaljata ta' espressjoni oriġinali fl-Aramajk.[29]

Studjużi oħra juruna li dawn iż-żewġ interpretazzjonijiet huma kumplimentari għal xulxin. Fil-vers 7, Ġesù jsejjaħ lilu nnifsu "il-bieb tan-nagħaġ" sabiex ikun jista' joħloq il-kuntrast mal-"ħallelin" u "l-briganti" li "jaqbżu ġewwa minn naħa oħra."[30] F'kuntrast magħhom, Ġesù hu "il-bieb tan-nagħaġ" u għalhekk għandu aċċess leġittimu għall-maqjel tan-nagħaġ. Is-salvazzjoni tan-nagħaġ isseħħ minħabba li Ġesù għandu aċċess għan-nagħaġ bħala dak li hu biss jista' jikkontrolla l-merħla tiegħu. Ġesù "il-bieb" hu l-medjatur li jipprovdi dak li n-nagħaġ għandhom bżonn għall-ħajja. "Jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi isalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa."[31] B'dan il-mod, nistgħu mela ngħidu li mhemmx tensjoni bejn dawn l-istqarrijiet ta' Ġesù. Hawn qegħdin sempliċiment nitrattaw ma' żewġ uċuħ tal-istess munita.[32]

Numru ta' kummentarji jirrimarkaw li l-isfont tat-tixbiha ta' Ġesù bħala l-bieb tan-nagħaġ huwa s-Salm 118:20 -"Dan hu bieb il-Mulej; il-ġusti jidħlu minnu."[33] Jista' jagħti l-każ li Ġesù hawn jidentifika lilu nnifsu mal-"bieb tan-nagħaġ" hekk kif fi żmienu dak li kien imsejjaħ bħala l-bieb tan-nagħaġ kien jagħti aċċess għat-Tempju ta' Ġerusalemm min-naħa tat-Tramuntana.[34] F'dan il-kuntest, il-bieb ma rridux nifhmuh bħala xi post fiżiku li jagħmel possibbli l-aċċess għal xi spazju riservat għall-qima lil Alla, imma l-bieb hawn jirrappreżenta r-relazzjoni li n-nagħaġ għandhom ma' Ġesù.

Ġesù imbagħad jitkellem fuq dawk li ġew qablu (bil-Grieg: *pro emou*) f'rabta mal-bieb li huwa hu. "Dawk kollha li ġew sa issa qabli huma ħallelin u briganti. Iżda n-nagħaġ lilhom ma semgħuhomx."[35] Għal min kien qed jirreferi hawn Ġesù meta jitkellem dwar dawk li ġew qablu murija bħala persuni distruttivi li jidħlu fil-maqjel biex "jisirqu, joqtlu u jeqirdu," tliet azzjonijiet li jintensifikaw?

Li personaġġi mill-istorja tas-salvazzjoni, bħalma huma l-Profeti, Mosè, Elija u David jidħlu f'din il-kategorija hija xi ħaġa kkontestata mill-istudjużi, minħabba li r-Raba' Evanġelista jqis lil dawn il-personaġġi bħala persuni ta' Alla. Hekk ukoll fir-rigward tat-Testment il-Qadim, ir-Raba' Evanġelista ma jqisux bħala kitba degrattabli.[36] Lanqas ma jidher li Ġesù kien qed jinkludi lil Ġwanni l-Battista, meqjus mir-Raba' Evanġelista bħala

"ix-xhud" tad-dawl[37] u "il-ħabib tal-għarus."[38] Jidher, mela, li meta Ġesù jitkellem minn dawk li ġew qablu u jirreferi għalihom bħala ħallelin, huwa kien qed jipponta subgħajh lejn il-Fariżej jew 'il-Lhud,'[39] imma mhux għaż-Żeloti kif isostnu xi wħud, [40] hekk kif l-għedewwa regolari ta' Ġesù kienu proprju dawk tal-ewwel.

## Ir-ragħaj it-tajjeb

Fil-vers 11 ta' dan id-diskors insibu t-tieni affermazzjoni Kristoloġika – "Jiena r-ragħaj it-tajjeb" fejn allura b'mod espliċitu hawn Ġesù jidentifika lilu nnifsu mar-"ragħaj it-tajjeb" (bil-Grieg: *ho poimen ho kalos)* li litteralment ifisser "sabiħ."[41] Din id-darba ix-xbieha tar-"ragħaj it-tajjeb" issegwi dik tal-"bieb." Fil-versi 11 sa 13, l-Evanġelista jagħtina żewġ sentenzi li jibdew bil-kliem "Jiena hu" (bil-Grieg: *ego eimi*) u żewġ spjegazzjonijiet: tal-ewwel tikkontrasta r-ragħaj mal-mikri, filwaqt li tat-tieni tenfasizza l-għaqda bejn ir-ragħaj u n-nagħaġ tiegħu. M'għandniex inqisu dawn il-versi bħala 'xbieha/parabbola' ġdida, imma biss bħala estensjoni tax-xbieha msemmija fil-*paroimia.*

Magħqud mal-motif tar-ragħaj hemm dak tal-ħallelin u l-briganti li jidħlu mill-maqjel tan-nagħaġ mhux mill-bieb imma "min-naħa oħra."[42] Mill-bidu nett ta' dan id-diskors, ir-ragħaj it-tajjeb u l-ħallelin u l-briganti mhux biss huma mqiegħda f'oppożizzjoni ma' xulxin, imma huma wkoll murija permezz ta' ton polemikuż li jikkaratterizza din l-ewwel parti tad-diskors. B'mod ripetittiv, l-istqarrijiet negattivi jiġu qabel dawk pożittivi u allura jiddeterminaw it-ton ta' din it-taqsima tad-diskors.

It-tjubija jew is-sbuħija ta' dan ir-ragħaj tikkonsisti filli "jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu,"[43] espressjoni li tibqa' tirrepeti ruħha


*Iż-żona fejn kien hemm il-Bieb tan-Nagħaġ fi żmien Ġesù*

f'dan id-diskors.[44] Il-mewt tar-ragħaj issa mela issa tiġi murija f'perspettiva totalment Kristoloġika. Billi jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu, l-Iben/ir-Ragħaj jesprimi l-ubbidjenza tiegħu lejn il-Missier li talbu jagħmel dan.[45] L-għan tal-affermazzjoni li Ġesù hu "ir-ragħaj it-tajjeb" m'għandniex inqisuha sempliċiment bħala waħda li biha Ġesù jiġi identifikat bħala ragħaj mudell b'eżempju għal rgħajja oħra.[46] Minflok, din l-affermazzjoni għandha tifsira Kristoloġika u Soterjoloġika, bħal fil-każ tal-"inbid it-tajjeb,"[47] tal-"ħobż tassew,"[48] u tad-"dielja vera."[49]

Ix-xbieha tar-ragħaj fil-Bibbja mhijiex ġdida. Alla nnifsu huwa muri bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu.[50] Mosè u David kienu rgħajja, b'mod illi l-figura tar-ragħaj issir terminu figurattiv għat-tmexxija tal-poplu ta' Alla.  Hekk ukoll il-futur Messija-Sultan mid-Dar ta' David kellu jirċievi dan it-titlu, hekk kif huwa kellu jeżerċita l-uffiċċju ta' ragħaj ta' Alla f'oppożizzjoni ma' rgħajja ħżiena li ma kienx jistħoqqilhom imexxu lil Israel.[51]

Min-naħa l-oħra, l-istorja sewda ta' bosta qassisin mexxejja u politikanti Lhud minn żmien il-Makkabin sa żmien Ġesù, setgħet tassew tiġi kkaratterizzata bħala storja ta' rgħajja foloz, ħallelin, u bringanti, kif naqraw fil-paġni tat-Testment il-Qadim, b'mod partikulari f'Ġer 23 u Eżek 34 bl-orakli rispettivi tagħhom li jikkundannaw lir-rgħajja ħżiena ta' Israel. Ma' dawn nistgħu nżidu wkoll il-kontribut ta' Eżek 36 u 37, biex ma nsemmux ukoll Żak 11 u 13. Il-Mulej iwiegħed li kellu jneħħi lil dawn ir-rgħajja minħabba l-għemil ħażin tagħhom u hu nnifsu jirgħa l-poplu tiegħu.[52]

Huwa f'dan il-kuntest li rridu naqraw il-kuntrast li joħloq Ġesù, bejnu bħala "ir-ragħaj it-tajjeb," u "l-mikri" li huwa muri f'dawl mill-aktar negattiv hekk kif dan jonqos li jaqdi dmiru fi żmien ta' periklu għan-nagħaġ. Rgħajja mikrija kienu komuni fil-ħajja ta' Israel ta' dak iż-żmien, u huma wkoll kienu mistennija li jagħmlu dak kollu possibbli sabiex iħarsu n-nagħaġ minn annimali selvaġġi.[53] Minkejja dan, jibqa' l-fatt li l-mikri ma kellu l-ebda relazzjoni man-nagħaġ. Dak li kien jinteressah kien li jitħallas u li jibża' għal ġildu, hekk kif malli "jara l-lupu ġew, jħalli n-nagħaġ u jaħrab... Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-nagħaġ."[54]

Jidher li l-Evanġelista hawn kien qed jattakka lil dawk 'il-Lhud' li baqgħu jopponu lil Ġesù u lill-komunità tad-dixxipli rispettivament. Dawn kienu kienu "qed ifittxu l-glorja minn xulxin,"[55] jiġifieri l-Fariżej li seħtu lill-poplu li skonthom "il-Liġi ma jafuhiex"[56] u li keċċew persuni mis-sinagoga.[57] Ir-reżistenza ta' dawn il-mexxejja 'Lhud' lejn Ġesù toqgħod tajjeb max-xbieha ta' rgħajja foloz, hekk kif f'testi oħra naqraw ukoll dwar il-kompassjoni ta' Ġesù lejn il-poplu "minħabba li kienu qishom nagħaġ bla ragħaj."[58]

Il-karatteristiċi negattivi tal-"mikri" mela, huma intenzjonati sabiex joħorġu l-kwalitajiet sbieħ tar-"ragħaj it-tajjeb" li lilu jappartjenu n-nagħaġ. Dan hu ikkonfermat mix-xbieha pastorali li nsibu mill-ġdid fi Ġw 10:28 – "u jiena nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u huma ma jintilfu qatt, u minn idejja ma jaħtafhomli ħadd." Dan il-kliem jidwi dak li naqraw aktar tard fil-Kapitlu 17, fejn fit-talba tiegħu, Ġesù jindirizza lill-Missier u jitolbu: "Ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni,"[59]  u li "kemm domt magħhom, jiena ħaristhom fl-isem tiegħek."[60] Ġesù jitlob ukoll lill-Missier biex "tħarishom mill-Ħażin"[61] u jistqarr li "minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità."[62]

Dan l-element ta' konflitt donnu jisparixxi fit-tieni interpretazzjoni tar-ragħaj li tkopri l-versi 14 sa 16. Hawnhekk Ġesù ma joħloq l-ebda kuntrast bejnu u bejn rgħajja oħra. Minflok,

Ġesù jippreżenta lilu nnifsu bħala ir-"ragħaj it-tajjeb" f'rabta man-nagħaġ tiegħu li hu jafhom waħda waħda. Dan il-kliem jaqbad tajjeb ma' dak li nsibu fil-*paroimia* fejn Ġesù jgħid li r-ragħaj "isejjaħ in-nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom u joħroghom barra"[63] u li dawn in-nagħaġ "jisimgħu leħnu."[64] Dan kollu issa huwa ikkummentat fil-vers 14 – "Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili."

Ġesù, ir-ragħaj it-tajjeb, iqabbel ir-relazzjoni tiegħu man-nagħaġ, ma' dik mal-Missier,[65] li hija l-mudell u r-raġuni tal-għaqda bejn Ġesù u d-dixxipli.[66] Dan isir permezz tal-użu tal-kelma "jaf" (bil-Grieg: *ginoskein*). "Jiena *nagħraf* in-ngħaġ – (bil-Grieg: *ginosko*) tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi *jagħrfu* (bil-Grieg: *ginoskousi*) lili."[67] Wara dan "l-għarfien" bejn ir-ragħaj u n-nagħaġ, hemm l-għarfien bejn il-Missier u l-Iben: "Bħalma l-Missier *jagħraf* (bil-Grieg: *ginoskei*) lili u jiena *nagħraf* (bil-Grieg: *ginosko*) lill-Missier."[68]

Fil-vers 16, Ġesù jitkellem ukoll fuq "nagħaġ oħra" li huwa għandu u li dawn "mhumiex minn dan il-maqjel (bil-Grieg: *ek tes aules tautes*)." Ġesù jħabbar li "lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed."[69] L-idea li għad ikun hemm ragħaj wieħed u merħla waħda teħodna lura għall-paġni tat-Testment il-Qadim, f'kuntest li jiddeskrivi "il-patt ġdid"[70] jew "il-patt tas-sliem."[71] Għal xi wħud, ir-referenza għal nagħaġ oħra tintroduċi l-missjoni għall-pagani, kwestjoni li kienet taħraq ħafna fil-Knisja bikrija.[72] L-għaqda ta' dawn in-nagħaġ hija rigal u wegħda għall-futur, frott il-mewt ta' Ġesù[73] u tal-interċessjoni tiegħu.[74] Dan kollu hu segwit mill-affermazzjoni ta' Ġesù li fiha jispjega għaliex iħobbu l-Missier: "għax jiena nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. Ħadd ma jeħodhieli, iżda jiena nagħtiha minn rajja."[75]

## Konklużjoni

Waqt li ninsabu fis-Sena tal-Ġublew tat-Tama, fejn "il-bieb" qed isir simbolu ewlieni li minnu jidħlu l-pellegrini tat-tama, dan id-diskors ta' Ġesù fil-Kapitlu 10 tal-Evanġelju skont San Ġwann ikompli jieħu importanza akbar. Bħala "in-nagħaġ" ta' dan ir-'ragħaj it-tajjeb' aħna ġejna imsejħin sabiex ngħaddu minn dan il-bieb ħalli b'hekk niltaqgħu mar-"ragħaj it-tajjeb" tagħna li ta ħajtu għalina sabiex ikollna "il-ħajja".

## Referenzi

[1] Fiċ-ċiklu ta' festi Lhud li jissemmew fir-Raba' Evanġelju, it-taqsima f'dan l-istess Evanġelju kkaratterizzata mill-festa tat-Tabernakli tokkupa ħafna minn Ġw 7:1 sa 10:21. Fil-Kapitli 7 u 8, Ġesù jirrivela lilu nnifsu fil-kelma tiegħu. Fl-isfont, iżda, hemm l-attivitajiet marbuta mal-festa tat-Tabernakli bħalma hu l-ilma li kien jittieħed lejn it-Tempju u allura d-dikjarazzjoni tal-għejun "tal-ilma ħaj" fi Ġw 7:38; u d-dawl li kien jinxtegħel bil-lejl fit-Tempju, mad-dikjarazzjoni ta' Ġesù bħala "d-Dawl tad-Dinja" (Ġw 8:12. Ara wkoll 9:5).

[2] Ara 2 Makk 1:1-18.

[3] Ara Ġużeppi Flavju, *Ant.* 12,325. Ara wkoll, 1 Makk 4:49-50; 2 Makk 10:3.

[4] Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata fil-25 ta' xahar ta' Kislew biex tfakkar id-dedikazzjoni mill-ġdid tat-Tempju ta' Ġerusalemm u l-konsagrazzjoni tal-artal li seħħew fis-sena 165/164 Q.K., wara li dawn kienu ġew ipprofonati minn Antijoku IV Epifanu. Dwar dan ara, 1 Makk 1:54; 4:41-61; 2 Makk 1:9.16; 6:1-7.10. Il-kelma bil-Grieg li San Ġwann juża hawn biex jirreferi għal din il-festa hija *enkainia* (Ġw 10:22), l-unika referenza għaliha li nsibu fit-Testment il-Ġdid. Fi Ġw 10:23, l-Evanġelista jinnota li kienet "ix-Xitwa" waqt "il-festa tal-Konsagrazzjoni tat-Tempju" u li "Ġesù kien miexi minn naħa l-oħra tat-Tempju, fil-loġġa ta' Salamun." Rudolf

Schnackenburg, *The Gospel according to John,* trans. Kevin Smyth and G.A. Kon (London: Burns & Oats, 1980), 2: 276, jinnota li b'mod simboliku din in-nota tirrappreżenta ir-relazzjoni 'kiesħa' bejn Ġesù u l-'Lhud.'

[5] Ara pereżempju, Raymond E. Brown, *The Gospel according to John.* AB 29 (Garden City, NY: Doubleday, 1966), 388; Schnackenburg, *The Gospel according to John,* 2: 275; Herman Ridderbos, *The Gospel of John: A Theological Commentary* (Grand Rapids/ MI: Eerdmans, 1997), 352; Francis J. Moloney, *The Gospel of John.* Sacra Pagina 4 (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1985), 300.

[6] Fil-fatt fi Ġw 10:21, l-udjenza tagħmel referenza għar-raġel agħma, filwaqt li jirrepetu l-akkuża kontra Ġesù li dan kellu fih xitan (ara Ġw 8:52).

[7] Ara Ġw 10:3.

[8] Ara Moloney, *The Gospel of John,* 301.

[9] Ara Brown, *The Gospel according to John.* AB 29, 388.

[10] Ara ibid.

[11] Ara Rudolf Bultmann, *The Gospel of John: A Commentary,* trans. George R. Beasley-Murray et al. (Oxford: Blackwell, 1971), 274. Ridderbos, *The Gospel of John*, 352, ukoll jipppoponi li t-test għandu bżonn jiġi irranġat biex isegwi sekwenza aħjar. Għalhekk huwa jipproponi li l-versi 19-29 jiġu qabel il-versi 1 sa 18. Ma' dawn huwa jgħaqqad ukoll l-aħħar versi tal-Kapitlu 9, b'mod li jagħti din is-sekwenza: 9:1-41; 10:19-29; 10:1-18; 10:30-39.

[12] Ara Brown, *The Gospel according to John*, AB 29, 395.

[13] Ara Schnackenburg, *The GospelaAccording to John,* 2:281.

[14] It-terminu regulari użat fl-Evanġelji Sinottiċi huwa *parabole,* li ma nsibuhx użat fl-Evanġelju skont San Ġwann. L-elementi tad-diskors figurattiv fi Ġw 10 huma: ir-ragħaj, in-nagħaġ, il-maqjel, il-bieb, dak li qiegħed mal-bieb, il-ħallelin u l-briganti, u l-mikri u l-barrani. It-tifsira kriptika tat-terminu *pairomia* huwa stabilit fi Ġw 16:25.29 fejn Ġesù jistqarr mad-dixxipli li sa dakinhar huwa kellimhom *en paroimiais,* jiġifieri, bil-moħbi, għalkemm huwa jżid li dalwaqt (wara l-Għid), huwa kien se jkellimhom "bil-miftuħ" fuq il-Missier.

[15] Ġw 10:6. Ara wkoll, 2 Pt 2:22. Ġw 10:6 jirreferi għall-fatt li l-udjenza preżenti għal dan id-diskors 'moħbi' ma fehmitx dan il-kliem ta' Ġesù. Ara wkoll, Mt 13:10f; Mk 4:10-12.

[16] Ara Ġw 3:1-16.

[17] Ara Ġw 4:7-15.

[18] Ara Ġw 4:32.

[19] Ara Ġw 6:42.

[20] Ara Ġw 7:27.

[21] Ara Ġw 7:28-29. Ara wkoll stqarrijiet oħra simili fi Ġw 8:14.19.55; 9:21-30; u 14:17 meta Ġesù jitkellem dwar l-Ispirtu.

[22] B'differenza minn dak li Ġesù jagħmel f'sitwazzjonijiet simili li naqraw dwarhom fl-Evanġelji Sinottiċi (ara Mt 13:11), l-ispjega tiegħu hawnhekk mhijiex riservata għad-dixxipli biss, imma hija miftuħa għal dawk kollha preżenti (ara Ġw 10:19b).

[23] Il-qari liturġiku tal-ewwel Sibt ta' din il-festa Lhudija huwa Num 7:1-89 u Żak 2:14-4:7. Ara Aileen Guilding, *The Fourth Gospel and Jewish Worship: A Study of the Relation of St John's Gospel to the Ancient Jewish Lectionary System* (Oxford: Clarendon, 1960).

[24] Ġw 10:1.

[25] Hekk ukoll hemm mod wieħed kif tasal għand il-Missier, permezz tal-Iben (ara Ġw 14:4-6).

[26] Ara Eż 27:9-20; 2 Kron 6:13.

[27] Ara Pino di Luccio, *La parola di Dio e il tempo della salvezza. Il vangelo secondo Giovanni e il suo contesto* (Roma: GBP, 2021), 87-100.

[28] Ara Brown, *The Gospel according to John,* 393, 29A, fejn jirreferi għal Mk 2:17. Bultmann, *The Gospel of John,* 358f, jargumenta li

l-Evanġelista hawn kien qed jistrieħ fuq għejun Gnostiku.

[29] Ara Matthew Black, *An Aramaic Approach to the Gospels and Acts,* 3rd edn (Oxford: Clarendon, 1967), 259, no.1.

[30] Ġw 10:1.

[31] Ġw 10:9. Hawn min iqis l-espressjoni tidħol u toħroġ użata hawn bħala waħda Semitika li tirreferi għall-ħajja umana, aktar milli għan-nagħaġ li jidħlu u joħorġu mill-maqjel. Ara Ridderbos, *The Gospel of John,* 358. Minkejja dan, xorta waħda rridu ninnutaw kif dan il-kliem huwa marbut direttament mal-azzjoni "tirgħa" u għalhekk mill-ġdid f'għaqda mar-ragħaj. Ridderbos, *The Gospel of John,* 358, għalhekk jenfasizza li dan it-test mgħandux jiġi interpretat b'mod allegorattiv kif ġieli ġara, fejn li "tidħol" huwa applikat għall-ħajja kontemplattiva, filwaqt li "toħroġ" hu applikat għall-ħajja attiva. Diġà r-Raba' Evanġelista jitkellem minn Ġesù li jipprovdi "ilma ħaj" u "il-ħobż tal-ħajja." Issa huwa joffri mergħat tal-ħajja għan-nagħaġ, jiġifieri l-milja tal-ħajja (ara Ġw 10:10), don li hu f'oppożizzjoni mal-qtil assoċjal mal-ħalliel.

[32] Ara Ridderbos, *The Gospel of John,* 356.

[33]Jista' jagħti l-każ li l-Evanġelista hawn kien qed juża dan is-Salm sabiex jinterpreta l-ministeru ta' Ġesù. Fi tmiem l-ewwel seklu, Klement minn Ruma (1 Kor xlviii 3) kien diġà applika għal Ġesù il-vers ta' dan is-Salm. Din l-interpretazzjoni ta' Ġesù mal-bieb tas-Salvazzjoni nsibuha wkoll fil-kitbiet ta' Injazju minn Antijokja (*Phila* ix 1) fejn jgħid: "Hu l-bieb (*thyra*) tal-Missier, li minnu jidħol Abraham, Iżakk u Ġakobb, il-Profeti, l-Appostli u l-Knisja." *Shepherd of Hermas* (Similitude ix 12:3-6), jitkellem mill-bieb *(pyle)* għas-Saltna ta' Alla f'referenza mal-Iben ta' Alla, hekk kif jargumenta li ebda bniedem ma jista' jidħol jekk mhux permezz tal-Iben. Fl-Evanġelji Sinottiċi nsibu lil Ġesù japplika għalih tixbiha meħuda minn dan l-istess Salm, "Il-ġebla li warrbu l-bennejja, saret il-ġebla tax-xewka" (Salm 118:22). Ara l-kwotazzjoni f'Mk 12:10 u par. L-Evanġelji kollha imbagħad jassoċjaw Salm 118:26, mad-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm.

[34] Ara Ġw 5:2. Dwar din l-interpretazzjoni ara Luccio, *La parola di Dio e il tempo della salvezza,* 90.

[35] Ġw 10:8.

[36] Ara Ġw 1:17; 5:39.

[37] Ara Ġw 1:19f.

[38] Ġw 3:29.

[39] Ara Brown, *The Gospel according to John,* 29A, 393, fejn iqabbel dan il-lingwaġġ ta' Ġesù mal-kritika ħarxa kontra dawn il-gruppi reliġjużi Lhud f'Mt 23. Ara wkoll, Schnackenburg, *The Gospel According to John,* 2:291.

[40] Ara l-argumenti f'Martin Hengel, *The Zealots: Investigations into the Jewish Freedom Movement from Herod until 70 A.D.* (Edinburgh: T&T Clark, 1989), 24-46; T. Rajak, *Josephus: The Historian and His Society* (Philadelphia: Fortress, 1984), 78-103.

[41] F'*Midrash Rabbah* (2,2) David hu msejjaħ "ragħaj sabiħ." Ara wkoll, 1 Sam 16:12.

[42] Ġw 10:1.

[43] Ġw 10:11.15. Ir-rabta bejn il-mewt u r-ragħaj insibuha f'sentenzi oħra ta' Ġesù. Ara pereżempju Ġw 21:15-19; Mk 14:27.

[44] Johannes Beutler, *A Commentary on the Gospel of John,* trans. Michael Tait (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 2013), 278, jargumenta li l-istqarrijiet ta' Ġesù li jagħti ħajtu għan-nagħaġ jidher li jsibu l-għeruq tagħhom fil-Kantiku tal-Qaddej ta' Jahweh f'Isa 52:13-53:12. Dan it-test influwenza lill-Evanġelisti Sinottiċi (ara Mk 10:45 u par; u Mk 14:24 u par), kif ukoll lir-Raba' Evanġelista (ara Ġw 6:51c; 15:13).

[45] Minkejja dan, Ġesù "ir-ragħaj it-tajjeb" juri wkoll l-awtorità (bil-

Grieg: *exousia)* tiegħu li jerġa' jieħu ħajtu mill-ġdid (ara Ġw 10:17). Iż-żewġ kunċetti huma inserabbli minn xulxin, b'mod illi l-Evanġelista jurina kif il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù jappartjenu għal xulxin b'mod inseparat.

[46] Dan hu dak li jissuġġerixxi Brown, *The Gospel according to John,* 29A, 395.

[47] Ara Ġw 2:10.

[48] Ara Ġw 6:55.

[49] Ara Ġw 15:1. Dwar dan ara l-argumenti f'Ridderbos, *The Gospel of John,* 360.

[50] Ara Ġen 49:24; Salm 23; 78:52-53.

[51] Ara Eżek 34:23f; Mik 5:1-3.

[52] Ara Eżek 34:11-16.

[53] Il-Mishnah tippresekrivi li f'każ ta' negliġenza, dawn ir-rgħajja mikrija kienu jinżammu responsabbli u riedu wkoll jikkumpensaw. Ara Schnackenburg, *The Gospel according to John,* 2:296.

[54] Ġw 10:12.13. Ix-xbieha tal-lupu tidher ukoll f'Mt 10:16 "Nibgħatkom bħal nagħaġ qalb l-ilpup." F'Atti 20:28-29, Pawlu jwissi lill-Presbiteri ta' Efesu sabiex jirgħu l-merħla hekk kif l-ilpup feroċi kienu ġejjin għan-nagħaġ. Ara wkoll, 1 Pt 2:25.

[55] Ġw 5:44; 12:43.

[56] Ġw 7:49.

[57] Ġw 9:22.34; 12:42. Schnackenburg, *The Gospel according to John,* 2:296 jinkludi wkoll lil Ġuda l-Iskarjota li ma kienx "jimpurah mill-foqra" (Ġw 12:6), l-istess espressjoni applikata għall-mikri, li kien "ħalliel" għall-vantaġġ tiegħu.

[58] Mt 9:36.

[59] Ġw 17:11.

[60] Ġw 17:12.

[61] Ġw 17:15.

[62] Ġw 17:19.

[63] Ġw 10:3.

[64] Ġw 10:4. L-Evanġelista San Ġwann jurina li kull min hu miftuħ għal-leħen ta' Ġesù "jisma leħnu." Fi Ġw 3:29, naqraw kif "il-ħabib tal-għarus" "jifraħ ħafna meta jisma' l-leħen tal-għarus." Fi Ġw 5:25.28, naqraw dwar dawk li "jisimgħu il-leħen" ta' Bin il-bniedem'; u fi Ġw 18:37 naqraw li kull min hu fil-verità "jisma' l-leħen" ta' Ġesù.

[65] Ara Ġw 10:17-18.

[66] Bl-użu ta' dan il-lingwaġġ Kristoloġiku, l-asserzjoni fi Ġw 10:14b takkwista profondità unika, ikkonfermata f'10:27-30.

[67] Ġw 10:14.

[68] Ġw 10:15.

[69] Ġw 10:16.

[70] Ara Eżek 37:12.21-22.24

[71] Ara Eżek 37:26. Fl-Evanġelji Sinottiċi hemm parallel għal dan il-motif f'Mt 15:24; 10:6 fejn ir-rabta ma' Eżek 34 hija waħda qawwija.

[72] Ara Brown, *The Gospel according to John,* 29A, 396, fejn jinkludi stqarrijiet ta' Ġesù dwar il-konverżjoni tal-pagani.

[73] Ara Ġw 11:51.

[74] Ara Ġw 17:20f.

[75] Ġw 10:17-18.

**ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2025




# ABBONAMENT:
## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

**TOĦROĠ KULL 3 XHUR**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2025


Pellegrinaġġ
fl-Art Imqaddsa
6 - 13 ta' Ġunju 2025
Għall-booking u dettalji dwar Pellegrinaġġ ikkuntattja lil:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija, Valletta VLT 1213
Tel: 21242254 Email: comaltart2023@gmail.com
Insolvency Fund 2025 PROTECTED